# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 212

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 62

13 ta' Awwissu 2019

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1344 tat-12 ta' Awwissu 2019 li jimponi dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja** .......... 1

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1345 tat-2 ta' Awwissu 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2006/771/KE biex taġġorna l-kundizzjoni tekniċi armonizzati fil-qasam tal-ispettru tar-radju għal użu ma' tagħmir għal meded qosra** *(notifikata bid-dokument C(2019) 5660)* [1] .......... 53

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1344

**tat-12 ta' Awwissu 2019**

**li jimponi dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1. Il-bidu

(1) Fis-6 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni Ewropea (il-"Kummissjoni") bdiet investigazzjoni antisussidji fir-rigward tal-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea (l-"Unjoni") ta' bijodiżil li joriġina mill-Indoneżja (il-"pajjiż ikkonċernat") skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolament bażiku"). Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) (in-"Notifika ta' Bidu").

(2) Il-Kummissjoni tat bidu għall-investigazzjoni wara lment ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2018 mill-Bord Ewropew tal-Bijodiżil ("EBB - European Biodiesel Board" jew l-"ilmentatur") f'isem produtturi li jirrappreżentaw 32 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. Produtturi li jirrappreżentaw 63 % tal-produtturi kollha tal-bijodiżil fl-Unjoni appoġġaw l-ilment.

(3) Qabel ma bdiet l-investigazzjoni antisussidji, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Gvern tal-Indoneżja ("GTI") li hija kienet irċeviet ilment dokumentat kif għandu jkun, u stiednet lill-GTI għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku. Il-GTI aċċetta l-offerta għall-konsultazzjonijiet, li saru fit-3 ta' Diċembru 2018. Matul il-konsultazzjonijiet kif ukoll fl-iskambji sussegwenti mal-GTI, ittieħdet nota tal-kummenti ppreżentati mill-GTI. Madankollu, ma kienx hemm qbil dwar soluzzjoni.

(4) Wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar il-bidu mingħand Wilmar Group, li huwa produttur esportatur ("Wilmar"). Fil-kummenti tiegħu, Wilmar isostni li:

(a) l-ilment ma kienx jinkludi evidenza suffiċjenti ta' sussidjar biex jiġġustifika l-ftuħ tal-proċedura;

(b) il-GTI ma stabbilixxa ebda skema ta' sussidju għall-benefiċċju tal-industrija tal-bijodiżil; kif ukoll

(c) anki kieku kellha tinstab skema ta' sussidju tal-GTI, Wilmar ma rċieva ebda sussidju taħt dik l-iskema.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.
([2]) ĠU C 439, 6.12.2018, p. 16.

(5) Bl-istess mod il-GTI għamel kumment fi stadju aktar tard tal-investigazzjoni li l-ilment ma kienx jinkludi biżżejjed evidenza ta' sussidjar biex jiġġustifika l-ftuħ tal-proċedura.

(6) B'referenza għad-diversi skemi ta' sussidju identifikati fl-ilment, Wilmar preliminarjament kien allega li l-EBB naqas milli jipprovdi evidenza suffiċjenti tal-eżistenza ta' xi sussidju u għalhekk l-ilment huwa bla bażi.

(7) B'referenza partikolari għat-taxxa u l-levy ta' esportazzjoni imposta mill-GTI fuq iż-żejt tal-palm mhux raffinat ("CPO", crude palm oil), Wilmar sostna li l-ilmentatur naqas milli jipprovdi evidenza suffiċjenti tal-inkarigu jew l-ordni meħtieġa lill-produtturi tas-CPO Indoneżjani mill-GTI.

(8) Barra minn hekk, Wilmar sostna li l-ebda waħda mill-iskemi ta' sussidju identifikati fl-ilment ma hija sussidju għall-esportazzjoni. Barra minn dan, skont Weimar, l-allegati skemi ta' sussidju ma jħajrux lill-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjani jbigħu l-bijodiżil għall-esportazzjoni; pjuttost huma jfittxu li jilħqu l-miri domestiċi Indoneżjani tat-taħlit tal-bijodiżil mad-diżil konvenzjonali ([3]).

(9) Fl-aħħar nett, Wilmar sostna li l-ilment naqas milli jipprovdi evidenza suffiċjenti tat-theddida ta' dannu materjali kkawżata mill-importazzjonijiet ta' bijodiżil Indoneżjan fl-Unjoni u li, fi kwalunkwe każ, l-importazzjonijiet tal-bijodiżil Indoneżjan ma ħolqu ebda tali dannu.

(10) Rigward l-evidenza ta' sussidjar dannuż fil-fażi tal-bidu, il-Kummissjoni għamlet disponibbli l-verżjoni miftuħa tal-ilment u pprovdiet l-analiżi tagħha dwar l-evidenza disponibbli f'dak l-istadju fil-memorandum dwar is-suffiċjenza tal-evidenza, li fuq il-bażi tagħha nbdiet l-investigazzjoni. Għalhekk, kuntrarju għal dak li allega Wilmar, il-Kummissjoni kkunsidrat u ssostanzjat fil-memorandum li kien hemm biżżejjed evidenza li turi li l-eżistenza ta' sussidjar dannuż.

(11) Fid-19 ta' Ġunju 2019 il-Kummissjoni rċeviet preżentazzjoni mingħand Wilmar fejn ġie argumentat fost l-oħrajn li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx mhedda f'theddida ta' dannu materjali mill-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja.

(12) Madankollu, in-Notifika ta' Bidu speċifikat li kwalunkwe informazzjoni għall-fażi tal-konstatazzjonijiet provviżorji għandha tiġi ppreżentata fi żmien 70 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha. Din l-iskadenza skadiet fl-14 ta' Frar 2019. Għalhekk, il-parti tal-preżentazzjoni li tirrigwarda t-theddida ta' dannu ma setgħetx tiġi indirizzata fil-fażi provviżorja u minflok se tiġi indirizzata fil-fażi definittiva tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, it-taqsima 5.2 tan-Notifika ta' Bidu kienet tispeċifika li kull kumment dwar l-ilment, inklużi materji li jirrigwardaw id-dannu u l-kawżalità, jenħtieġ li jiġi ppreżentat fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu. Il-partijiet interessati li jkunu għamlu preżentazzjonijiet bil-miktub jew ipprovdew xi *data* wara l-14 ta' Frar 2019 huma mistiedna jindikaw, flimkien mal-kummenti tagħhom dwar il-miżuri provviżorji, jekk għadhomx jikkunsidraw dawk il-preżentazzjonijiet rilevanti għall-investigazzjoni attwali, u jindikaw kif tali informazzjoni jenħtieġ li titqies għall-fażi definittiva.

### 1.2. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat**

(13) L-investigazzjoni tas-sussidjar u tad-dannu kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2017 sat-30 ta' Settembru 2018 (il-"perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżaminar tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kien ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni (il-"perjodu kkunsidrat"). Meta xieraq, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll id-*data* ta' wara l-PI.

### 1.3. **Partijiet interessati**

(14) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat speċifikament lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufin oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-GTI, lill-importaturi, il-fornituri u l-utenti magħrufa, lin-negozjanti, kif ukoll lil assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(15) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

([3]) F'dan ir-Regolament, id-diżil minerali jirreferi għal diżil konvenzjonali bbażat fuq il-fossili.

### 1.4. **Kampjunar**

(16) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati skont l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

#### 1.4.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(17) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni sostniet li kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-ogħla kwantità rappreżentattiva ta' produzzjoni, li setgħet b'mod raġonevoli tiġi investigata fiż-żmien disponibbli.

(18) Il-kampjun provviżorju kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni u kien jirrappreżenta firxa ġeografika wiesgħa. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jammontaw għal aktar minn 18 % tal-volum totali ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju.

(19) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar il-kampjun provviżorju mingħand Wilmar. Wilmar ikkummenta dwar id-daqs tal-kampjun billi qal li tliet produtturi ma kinux jikkostitwixxu kampjun kbir biżżejjed, u talab li grupp ieħor ta' kumpaniji li jikkonsisti minn żewġ produtturi, Biopetrol, jiġi miżjud mal-kampjun ta' produtturi tal-Unjoni.

(20) Il-Kummissjoni tqis li l-kampjun bl-akbar tliet produtturi tal-bijodiżil fl-Unjoni huwa rappreżentattiv (inkluż ġeografikament) u kampjun akbar ma setax jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Għalhekk, it-talba ma ntlaqgħetx.

#### 1.4.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(21) Biex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ kampjunar u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(22) Żewġ importaturi mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Wieħed minnhom importa ammonti negliġibbli u ma għamilx bejgħ mill-ġdid matul il-PI, għalhekk il-Kummissjoni investigat biss l-importatur mhux relatat l-ieħor. Minħabba l-għadd baxx ta' importaturi mhux relatati li kkooperaw il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx meħtieġ kampjunar.

#### 1.4.3. *Kampjunar tal-produtturi esportaturi fl-Indoneżja*

(23) Biex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ kampjunar u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fl-Indoneżja sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet tal-Indoneżja biex jidentifikaw u/jew jikkuntattjaw produtturi esportaturi oħra, jekk ikun hemm, li setgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(24) Erba' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Il-kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji li rrispondew kienu responsabbli għal 100 % tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Minħabba l-għadd limitat ta' produtturi esportaturi u l-livell għoli ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma twettaqx kampjunar iżda pjuttost tinvestiga l-produtturi esportaturi Indoneżjani kollha.

#### 1.4.4. *It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika*

(25) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-GTI, lill-erba' produtturi esportaturi, lit-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, u lil żewġ importaturi mhux relatati tal-bijodiżil.

(26) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarji mingħand il-GTI, mingħand il-gruppi kollha ta' produtturi esportaturi, mingħand il-produtturi tal-Unjoni kollha fil-kampjun u mingħand iż-żewġ importaturi mhux relatati.

(27) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għal determinazzjoni tas-sussidju, id-dannu li tirriżulta (inkluż it-theddida ta' dannu) u l-interess tal-Unjoni. Saret żjara ta' verifika fil-bini tal-GTI, fil-Ministeru tal-Kummerċ tar-Repubblika tal-Indoneżja f'Jakarta, li matulha pparteċipaw ukoll uffiċjali minn ministeri oħra rilevanti.

(28) Saru żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni u kumpaniji relatati:

— Masol Iberia Biofuel, S.L.U., El Grao (Castellón) u Campa Iberia S.A.U., Barċellona, Spanja

— Saipol, Grand-Couronne, Franza

— Verbio Vereinigte BioEnergie AG, Leipzig, il-Ġermanja

Importatur mhux relatat:

— Gunvor BV, Geneva, l-Iżvizzera ([4])

Produtturi esportaturi fl-Indoneżja u kumpaniji relatati:

— Wilmar Group:

 — PT Wilmar Nabati Indonesia, Medan

 — PT Wilmar Bioenergi Indonesia, Medan

 — Wilmar Trading Pte. Ltd., Singapore

— Musim Mas Group:

 — PT Intibenua Perkasatama, Medan

 — PT Musim Mas, Medan

 — Inter-Continental Oils & Fats Pte. Ltd., Singapore

 — Campa Iberia S.A.U., Barċellona, Spanja

 — IM Biofuel Italy S.R.L., Milan, l-Italja

— PT Ciliandra Perkasa, Jakarta, u First Resources Trading Pte. Ltd., Singapore

— Permata Group:

 — PT Pelita Agung Agrindustri, Medan

 — PT Permata Hijau Palm Oleo, Medan

 — Virgoz Oils & Fats Pte. Ltd., Singapore

(29) Wara t-tweġibiet għall-kwestjonarji, l-ittri ta' defiċjenza u ż-żjarat ta' verifika, u kif spjegat ulterjorment fil-premessi minn (219) sa (227) hawn taħt, il-Kummissjoni osservat li l-GTI u Wilmar ma kkooperawx għalkollox mal-investigazzjoni. B'mod aktar preċiż:

(a) PT Perkebunan Nusantara ("PTPN"), produttur tas-CPO li jappartjeni kompletament lill-GTI, ma weġibx għall-Appendiċi B tal-kwestjonarju tal-GTI fl-iskadenza stipulata, minkejja li huwa wieħed mill-impriżi li ntalbu jwieġbu; kif ukoll,

(b) Wilmar ma pprovdiex tweġiba kompleta għat-Tabella 2 tal-Ittra ta' Defiċjenza, u b'mod partikolari pprovda d-*data* mitluba parzjalment biss.

(30) Għalhekk il-Kummissjoni ħarġet ittra skont l-Artikolu 28 kemm lill-GTI kif ukoll lill-Grupp Wilmar, limitata għall-informazzjoni speċifika li ma pprovdewx. Għaldaqstant, fir-rigward tal-informazzjoni li kien hemm nieqsa, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli.

## 2. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

### 2.1. **Il-prodott ikkonċernat**

(31) Il-prodott ikkonċernat huwa esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, magħruf aktar bħala "bijodiżil", fil-forma pura jew kif inkluż f'taħlita, li joriġina mill-Indoneżja (il-"prodott ikkonċernat").

(32) L-investigazzjoni indikat li l-bijodiżil prodott fl-Indoneżja huwa primarjament ester metiliku taż-żejt tal-palm ("PME", palm oil methyl ester), li huwa derivat miż-żejt tal-palm. Il-bijodiżil maħdum fl-Unjoni min-naħa l-oħra huwa prinċipalment ester metiliku tal-lift ("RME", rapeseed methyl ester) iżda magħmul ukoll minn materja prima oħra, inklużi żjut għar-rimi kif ukoll żjut verġni.

([4]) Saret il-verifika tal-importatur mhux relatat, ibbażat fl-Iżvizzera, fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-UE.

(33) Kemm il-PME kif ukoll l-RME jappartjenu għall-kategorija tal-esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin. It-terminu "ester" jirreferi għat-transesterifikazzjoni taż-żjut veġetali, jiġifieri, it-taħlit taż-żejt mal-alkoħol, li jipproduċi l-bijodiżil u, bħala prodott sekondarju, il-gliċerina. It-terminu "metil" jirreferi għall-metanol, l-aktar alkoħol komuni li jintuża fil-proċess. L-esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin huma magħrufin ukoll bħala esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin jew FAME.

(34) Minkejja li l-PME u l-RME huma t-tnejn esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin, għandhom ukoll proprjetajiet fiżiċi u kimiċi parzjalment differenti, u b'mod partikolari għandhom punt limitu tal-filtrabbiltà fil-ksieħ ("CFPP", cold filter plugging point) differenti. Is-CFPP hija t-temperatura li fiha fjuwil isodd filtru tal-fjuwil minħabba l-kristallizzazzjoni jew il-ġellifikazzjoni ta' xi komponenti tal-fjuwil. Għall-RME, is-CFPP jista' jkun – 14°C filwaqt li għall-PME jista' jkun madwar 13°C. Is-suq spiss jiddeskrivi l-bijodiżil f'CFPP partikolari bħala FAMEX, bħal FAME0 jew FAME5.

(35) Il-prodott ikkonċernat attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 1516 20 98 (kodiċijiet TARIC 1516 20 98 21, 1516 20 98 29 u 1516 20 98 30), ex 1518 00 91 (kodiċijiet TARIC 1518 00 91 21, 1518 00 91 29 u 1518 00 91 30), ex 1518 00 95 (kodiċi TARIC 1518 00 95 10), ex 1518 00 99 (kodiċijiet TARIC 1518 00 99 21, 1518 00 99 29 u 1518 00 99 30), ex 2710 19 43 (kodiċijiet TARIC 2710 19 43 21, 2710 19 43 29 u 2710 19 43 30), ex 2710 19 46 (kodiċijiet TARIC 2710 19 46 21, 2710 19 46 29 u 2710 19 46 30), ex 2710 19 47 (kodiċijiet TARIC 2710 19 47 21, 2710 19 47 29 u 2710 19 47 30), 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17, ex 3824 99 92 (kodiċijiet TARIC 3824 99 92 10, 3824 99 92 12 u 3824 99 92 20), 3826 00 10 u ex 3826 00 90 (kodiċijiet TARIC 3826 00 90 11, 3826 00 90 19 u 3826 00 90 30).

### 2.2. **Il-prodott simili**

(36) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

(a) il-prodott ikkonċernat;

(b) il-prodott magħmul u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Indoneżja;

(c) il-prodott magħmul u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(37) Il-Kummissjoni ddeċidiet li, għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

## 3. **SUSSIDJAR**

### 3.1. **Sussidji u programmi ta' sussidju fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni**

(38) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża l-informazzjoni kontenuta fl-ilment, fin-Notifika ta' Bidu u fit-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni investigat l-allegat sussidjar mill-GTI permezz tal-programmi ta' sussidju li ġejjin:

(a) it-trasferiment dirett ta' fondi, bħas-sussidji diretti mogħtija permezz tal-Fond għas-Sussidju tal-Bijodiżil;

(b) l-appoġġ tal-gvern għall-industrija tal-bijodiżil, inkluż permezz tal-forniment tas-CPO għal remunerazzjoni anqas minn adegwata;

(c) l-appoġġ tal-gvern għall-industrija tal-bijodiżil, inkluż permezz ta' dħul mitluf jew mhux miġbur bħall-benefiċċji tat-taxxa fuq l-introjtu għall-investiment elenkati, is-sussidji għaż-żoni industrijali, il-benefiċċji tat-taxxa għall-industriji pijunieri, il-faċilità tad-dazju tal-importazzjoni u l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-VAT;

(d) l-għoti ta' finanzjament u garanziji għall-esportazzjoni b'termini preferenzjali mill-Eximbank Indoneżjan.

### 3.2. **L-appoġġ tal-gvern għall-industrija tal-bijodiżil permezz tat-trasferiment dirett ta' fondi permezz tal-"Fond għas-Sussidju tal-Bijodiżil".**

#### 3.2.1. *L-ilment u l-iskema ta' sussidju*

(39) L-ilmentatur sostna li l-GTI jappoġġa lill-industrija tal-bijodiżil billi jipprovdi għotjiet lill-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjani fl-ammont tad-differenza bejn il-prezz ta' referenza tal-GTI għall-bijodiżil u l-prezz li bih il-kumpaniji taż-żejt jixtru l-bijodiżil, jiġifieri l-prezz ta' referenza għaż-żejt diżil.

(40) L-investigazzjoni stabbiliet li l-"Fond għas-Sussidju tal-Bijodiżil", li huwa parti mill-Fond għall-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt ("OPPF - Oil Palm Plantation Fund"), ġie stabbilit fl-2015 bir-Regolament Presidenzjali Nru 61/2015.

(41) Ir-Regolament Presidenzjali 61/2015 inkariga aġenzija, l-Aġenzija għall-Ġestjoni tal-Fond għall-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt (l-"Aġenzija ta' Ġestjoni") biex tiġbor levies ta' esportazzjoni fuq l-esportazzjoni tal-komoditajiet taż-żejt tal-palm bis-saħħa tar-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi Nru 133/PMK.05/2015.

(42) Il-flus li jinġabru mil-awtoritajiet doganali permezz tal-levies ta' esportazzjoni fuq il-prodotti taż-żejt tal-palm jikkostitwixxu l-fondi tal-OPPF u din tal-aħħar hija formalment ikkontrollata mill-Aġenzija ta' Ġestjoni.

(43) Ogħla ma jkun fil-katina tal-valur kull prodott speċifiku, ogħla ma tkun il-levy ta' esportazzjoni: il-levy ta' esportazzjoni fuq is-CPO matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stabbilita għal USD 50/tunnellata filwaqt li fuq id-derivattivi, inkluż il-bijodiżil, kienet stabbilita għal USD 20/tunnellata.

(44) Permezz tar-Regolamenti Presidenzjali 24/2016 u 26/2016, il-GTI kkjarifika li l-mandat tal-Fond għas-Sussidju tal-Bijodiżil jinkludi l-akkwist u l-użu tal-bijodiżil fis-suq domestiku. B'mod partikolari, il-GTI jistipula li l-OPPF għandu jintuża' biex isostni x-xiri tal-bijodiżil minn entitajiet maħtura minn korpi governattivi.

(45) B'mod aktar preċiż, ir-Regolament Presidenzjali 26/2016 jistipula fl-Artikolu 9(1) tiegħu li "id-Direttur Ġenerali tal-EBTKE għandu jaħtar l-Entità tal-Petrofjuwil li għandha twettaq l-akkwist tal-bijodiżil kif mifhum fl-Artikolu 4 fil-qafas ta' finanzjament mill-Aġenzija ta' Ġestjoni tal-Fond billi tosserva l-politika tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Aġenzija ta' Ġestjoni tal-Fond" u fl-artikolu 9(8) ta' wara li "Fuq il-bażi tal-approvazzjoni mill-Ministru kif mifhuma fil-paragrafu (7), id-Direttur Ġenerali tal-EBTKE f'isem il-Ministru għandu jaħtar: a. il-produtturi tal-bijodiżil li se jipparteċipaw fl-akkwist tal-bijodiżil; u b. l-allokazzjoni tal-volum ta' bijodiżil għal kull produttur tal-bijodiżil". Barra minn hekk, il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Aġenzija ta' Ġestjoni huwa magħmul esklussivament minn uffiċjali ta' diversi ministeri tal-GTI.

(46) Il-produtturi tal-bijodiżil li għażlu li jipparteċipaw u li ġew allokati kwota skont dak ir-regolament huma obbligati li jbigħu l-ammont mensili ta' bijodiżil lill-hekk imsejħa Entità tal-Petrofjuwil. Sa issa, il-GTI ħatar lil dawn li ġejjin bħala Entità tal-Petrofjuwil:

(a) P.T. Pertamina ("Pertamina"), kumpanija taż-żejt u tal-gass li tappartjeni lill-Istat, u

(b) PT AKR Corporindo Tbk ("AKR"), kumpanija taż-żejt u tal-gass privata.

(47) L-OPPF jipprevedi mekkaniżmu ta' pagament speċifiku, li bih Pertamina (u għal xi volumi żgħar, AKR) tħallas lill-produtturi tal-bijodiżil il-prezz ta' referenza tad-diżil (b'kuntrast mal-prezz attwali tal-bijodiżil li matul il-PI kien ikun ogħla), filwaqt li d-differenza bejn dak il-prezz ta' referenza tad-diżil u l-prezz ta' referenza tal-bijodiżil tħallasha l-Aġenzija ta' Ġestjoni lill-produtturi tal-bijodiżil mill-OPPF.

(48) Il-prezz ta' referenza għad-diżil u għall-bijodiżil jiġi determinat mill-Ministru tal-Enerġija u r-Riżorsi Minerali, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Presidenzjali 61/2015, kif ġej:

(a) Il-prezz ta' referenza tad-diżil huwa bbażat fuq il-prezzijiet irrappurtati minn Platts Singapore għaż-żejt (MOPS) ([5]) u l-kost tal-produzzjoni tad-diżil fl-Indoneżja.

(b) Skont id-Digriet tal-Ministru tal-Finanzi Nru 2026/2017, il-prezz ta' referenza tal-bijodiżil huwa bbażat fuq il-prezz domestiku tas-CPO, li miegħu jiżdiedu l-kostijiet tat-trasformazzjoni (ta' USD 125/MT sal-5 ta' Mejju 2017, u minn dak iż-żmien, ta' USD 100/MT). Matul iż-żjara ta' verifika, il-GTI spjega li l-ammont tal-ispejjeż tat-trasformazzjoni magħdud mal-prezz domestiku tas-CPO huwa suġġett għal-rieżami annwali, li madankollu mhux neċessarjament jirriżulta f'tibdil ta' dak l-ammont. Fil-fatt il-GTI spjega li jekk ir-rieżami annwali jindika li l-ammont tal-ispejjeż tat-trasformazzjoni ikun għadu xieraq, ma jsirx tibdil.

(49) B'mod aktar preċiż, kull produttur tal-bijodiżil – inklużi l-produtturi esportaturi kollha – joħroġ fattura lil Pertamina (jew lil AKR, skont il-każ) għall-volum ta' bijodiżil li x-xerrej huwa obbligat juża skont l-obbligu ta' taħlit, u Pertamina (jew AKR) tħallas lill-produttur il-prezz ta' referenza għal dak il-perjodu. L-investigazzjoni żvelat li l-parti l-kbira tal-bejgħ mill-produtturi tal-bijodiżil saret lil Pertamina u parti żgħira lil AKR. Barra minn hekk, il-bejgħ lil AKR kien kompletament identiku għal dak magħmul lil Pertamina f'termini tal-prezzijiet u l-kundizzjonijiet l-oħra kollha marbuta. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ffukat l-analiżi tagħha ta' hawn taħt fuq il-bejgħ lil Pertamina.

([5]) MOPS (taqsira għal Mean of Platts Singapore) hija l-medja ta' sett ta' valutazzjonijiet tal-prezz tal-prodotti taż-żejt ibbażati f'Singapore ippubblikat minn S&P Global Platts.

(50) Sabiex jikseb ir-rimborż tad-differenza fil-prezz bejn il-prezz imħallas minn Pertamina u AKR (abbażi tal-prezz ta' referenza għad-diżil) u l-prezz ta' referenza għall-bijodiżil, il-produttur tal-bijodiżil imbagħad għandu jibgħat fattura addizzjonali għall-istess volum lill-Aġenzija ta' Ġestjoni, u jehmeż lista tad-dokumenti. Ladarba l-Aġenzija ta' Ġestjoni tkun irċeviet il-fattura, u wara verifika tal-elementi inklużi fiha, l-Aġenzija ta' Ġestjoni għandha tħallas lill-produttur tal-bijodiżil rilevanti d-differenza bejn il-prezz ta' referenza għad-diżil (imħallas minn Pertamina jew AKR, skont il-każ) u l-prezz ta' referenza għall-bijodiżil stabbilit għal dak il-perjodu.

(51) F'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk is-sett ta' miżuri adottati mill-GTI bħala appoġġ għall-industrija ta' bijodiżil Indoneżjana permezz tal-pagamenti mill-Aġenzija ta' Ġestjoni jammontawx għal sussidju kumpensabbli.

(52) Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sussidju kumpensabbli, iridu jkunu preżenti tliet elementi: (a) kontribuzzjoni finanzjarja jew appoġġ għall-introjtu/għall-prezzijiet; (b) benefiċċju, u (c) l-ispeċifiċità (l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku).

3.2.2. *Analiżi*

3.2.2.1. Kontribuzzjoni finanzjarja

(53) Fil-bidu, il-Kummissjoni osservat li matul il-perjodu ta' investigazzjoni l-produtturi esportaturi kollha għażlu li jipparteċipaw fl-akkwist ta' bijodiżil u għalhekk kellhom l-obbligu li jbigħu l-bijodiżil lil Pertamina u lil AKR. Il-Kummissjoni osservat ukoll li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz ta' referenza għall-bijodiżil kien ogħla mill-prezz ta' referenza għad-diżil minerali. B'riżultat ta' dan, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-produtturi esportaturi kollha rċevew pagamenti mingħand l-OPPF.

(54) L-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku jiddikjara li meta l-prassi tal-gvern tkun tinvolvi trasferiment dirett ta' fondi dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni mill-gvern. B'konformità mad-dispożizzjoni tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens (il-"Ftehim SCM"), l-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku jistipula li "gvern" tfisser gvern jew kwalunkwe korp pubbliku fit-territorju tal-pajjiż tal-oriġini jew tal-esportazzjoni.

(55) Il-Korp tal-Appell tad-WTO fir-Rapport US-Anti-Dumping and Countervailing Duties (China) sab li t-terminu "korp pubbliku" jfisser entità li "għandha, teżerċita jew hija vestita b'awtorità tal-gvern" ([6]).

(56) Il-Kummissjoni osservat li l-OPPF inħoloq b'att tal-GTI u l-Aġenzija ta' Ġestjoni ġiet inkarigata espliċitament mill-GTI bil-kompitu li tagħmel pagamenti lill-produtturi tal-bijodiżil.

(57) L-ewwel nett, l-Artikolu 11 tar-Regolament Presidenzjali 66/2018, iddefinixxa l-mandat tal-OPPF billi wessgħu kif ġej: "(1) Il-Fond li jinġabar għandu jintuża għal: a. l-iżvilupp tar-riżorsi umani tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt; b. ir-riċerka u l-iżvilupp tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt; c. il-promozzjoni tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt; d. it-tiġdid tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt; u e. il-faċilitajiet u l-infrastrutturi tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt. (2) L-użu tal-Fond miġbur għall-interessi kif imsemmija fil-paragrafu (1), inkluż għall-issodisfar ta' prodotti tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt għall-ħtieġa tal-ikel, l-iżvilupp tal-industrija downstream tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt, u l-akkwist u l-użu tal-bijodiżil."

(58) It-tieni, fl-Artikolu 18(1) tiegħu, dak ir-regolament speċifikament jistipula li "l-użu tal-fond għall-forniment u l-użu tal-bijodiżil imsemmi fl-Artikolu 11 paragrafu (2) huwa intenzjonat li jkopri d-differenza bejn l-indiċi tal-prezz tas-suq tad-diżil u l-indiċi tal-prezz tas-suq tal-bijodiżil."

(59) Għaldaqstant, il-Kummissjoni osservat li l-atti legali li jimplimentaw l-OPPF speċifikament jikkonfermaw li l-fondi tagħha jintużaw għall-benefiċċju tal-produtturi tal-bijodiżil.

(60) Għal dak il-għan, skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament Presidenzjali 61/2015, il-GTI kkonċeda lill-Aġenzija ta' Ġestjoni d-dritt li tuża l-levies tal-esportazzjoni u t-taxxi tal-esportazzjoni imposti fuq iż-żejt tal-palm u d-derivattivi tiegħu u impona l-kompitu li takkwista u tuża l-bijodiżil. Il-ġbir madankollu prattikament isir mill-awtoritajiet doganali. Il-Kummissjoni għalhekk adottat l-opinjoni li l-Aġenzija ta' Ġestjoni għandha, jeżerċita jew hija vestita bl-awtorità tal-gvern.

([6]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *United States – Definitive Anti-Dumping and Countervailing Duties on Certain Products from China,* WT/DS379/AB, 11 ta' Marzu 2011, para. 317. Ara wkoll ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, United States – Countervailing Duty Measures on Certain Products from China, WT/DS437/AB/RW, adottat fis-16 ta' Lulju 2019, para. 5.96.

(61) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-qafas legali stabbilit hawn fuq effettivament jgħaddi lill-Aġenzija ta' Ġestjoni it-tħaddim tal-funzjonijiet governattivi fir-rigward tas-settur tal-bijodiżil. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-Aġenzija ta' Ġestjoni taġixxi bħala korp pubbliku fis-sens tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku, moqri flimkien mal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku u skont il-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO.

(62) Fir-rigward tat-"trasferiment dirett ta' fondi" meħtieġ, l-investigazzjoni stabbiliet li wara li tkun irċeviet fattura mingħand il-produtturi tal-bijodiżil flimkien mad-dokumentazzjoni xierqa kollha ([7]) u twettaq il-verifiki xierqa, l-Aġenzija ta' Ġestjoni tħallas direttament l-ammont dovut (jiġifieri d-differenza bejn il-prezz ta' referenza tad-diżil u l-prezz ta' referenza tal-bijodiżil) lill-produtturi tal-bijodiżil. Il-Kummissjoni kompliet tinnota li la l-GTI u lanqas il-produtturi esportaturi kollha ma kkontestaw li l-Aġenzija ta' Ġestjoni għamlet trasferimenti diretti f'kontanti / bankarji lil dawk il-produtturi li jbigħu l-bijodiżil lil Pertamina u lil AKR biex ikopru d-differenza bejn il-prezz ta' referenza għall-bijodiżil minerali mħallas minn Pertamina u AKR u l-prezz ta' referenza għall-bijodiżil. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-pagamenti li għamlet l-Aġenzija ta' Ġestjoni jammontaw għal "trasferiment dirett ta' fondi" skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku.

(63) F'dan ir-rigward, l-argument imressaq mill-GTI li r-riżorsi finanzjarji użati mill-Aġenzija ta' Ġestjoni biex tħallas lill-produttur tal-bijodiżil inkisbu kompletament minn sorsi privati u li għalhekk ma kien hemm ebda kontribuzzjoni finanzjarja, irid jiġi rifjutat. Il-Kummissjoni fil-fatt osservat li r-Regolament bażiku, b'konformità mal-Ftehim SCM, ma jqisx l-oriġini jew in-natura (pubblika jew privata) tal-fondi ttrasferiti mill-gvern. Pjuttost, evalwazzjoni tal-eżistenza ta' kontribuzzjoni finanzjarja tinvolvi l-konsiderazzjoni tan-natura tat-tranżazzjoni li permezz tagħha xi ħaġa ta' valur ekonomiku tiġi trasferita minn gvern. Fi kliem ieħor, dak li huwa importanti hu li t-trasferiment tal-fondi huwa attribwibbli lill-Istat (għall-kuntrarju ta' fondi privati użati fid-diskrezzjoni ta' operaturi privati) ([8]). Firxa wiesgħa ta' tranżazzjonijiet jaqgħu fit-tifsira ta' "kontribuzzjoni finanzjarja" fl-Artikolu 1.1(a)(1). Skont il-paragrafi (i) u (ii) tal-Artikolu 1.1(a)(1), kontribuzzjoni finanzjarja tista' ssir permezz ta' trasferiment dirett ta' fondi minn gvern, jew ir-rinunzja għal dħul tal-gvern li altrimenti jkun dovut ([9]). Kif diġà spjegat, l-Aġenzija ta' Ġestjoni, bħala korp pubbliku, għamlet trasferiment dirett ta' fondi lill-produtturi tal-bijodiżil mill-OPPF, li huwa alimentat mill-ġbir obbligatorju ta' levies tal-esportazzjoni u ħlas għal esportazzjonijiet minn operaturi pubbliċi u privati, u għalhekk ikkonforma kompletament mad-definizzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Korp tal-Appell.

(64) Minbarra dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni osservat ukoll li l-fondi disponibbli għall-OPPF joriġinaw mill-ġbir tal-levies ta' esportazzjoni u taxxi tal-esportazzjoni imposti fuq is-CPO u d-derivattivi tiegħu. Matul iż-żjara ta' verifika, il-GTI spjega li l-levy ta' esportazzjoni tinġabar mill-awtoritajiet doganali qabel l-esportazzjoni tal-prodotti u, minkejja l-affermazzjoni tiegħu li din tinġabar esklussivament għall-finijiet ta' finanzjament tal-OPPF, ma setax jagħti prova li din tinġabar f'kontijiet speċifiċi tal-baġit tal-GTI. Fin-nuqqas ta' xi evidenza kuntrarja, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-levy tinġabar bħala parti mill-baġit ġenerali tal-Istat. Il-fatt li l-levy tiġi mbagħad diretta lill-OPPF hija biss mod ta' kif il-GTI juża d-dħul pubbliku li jinġabar mil-levies tal-esportazzjoni u mit-taxxi tal-esportazzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-OPPF jikkonsisti f'fondi li jinġabru permezz ta' levies tal-esportazzjoni u t-taxxi tal-esportazzjoni imposti mill-GTI u l-fondi huma kkontrollati mill-Aġenzija ta' Ġestjoni. Għaldaqstant, dawn jammontaw għal riżorsi pubbliċi irrispettivament minn jekk humiex parti integrali mill-baġit tal-Istat jew le.

(65) Rigward l-argument tal-GTI li t-trasferiment ta' fondi mill-OPPF lill-produtturi tal-bijodiżil ma jagħti ebda benefiċċju lir-riċevituri billi l-produtturi tal-bijodiżil ħallsu aktar fl-OPPF milli rċevew, il-Kummissjoni tosserva dan li ġej: L-ewwel nett, il-mandat tal-OPPF huwa aktar wiesa' mill-appoġġ għall-industrija tal-bijodiżil. Pjuttost

([7]) Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Ministru tal-Enerġija u r-Riżorsi Minerali 26/2006, il-produttur tal-bijodiżil għandu jehmeż mal-fattura d-dokumentazzjoni li ġejja: (i) kopja tad-Deċiżjoni tad-Direttorat Ġenerali tal-Enerġija Rinnovabbli Ġdida u l-Konservazzjoni tal-Enerġija ("EBTKE") f'isem il-Ministru, li l-kumpanija tista' tipparteċipa fl-akkwist tal-bijodiżil u l-allokazzjoni rispettiva tal-volum tal-bijodiżil fuq il-bażi tal-kapaċità tal-produtturi rispettivi; (ii) kopja tal-kuntratt għall-akkwist tal-bijodiżil bejn Pertamina u l-produttur tal-bijodiżil rilevanti; (iii) ċertifikat iffirmat minn Pertamina u l-produttur tal-bijodiżil rilevanti, ittimbrat mill-GTI u li jinkludi informazzjoni dwar il-post tal-konsenja, il-volum u t-tip ta' bijodiżil ipprovdut / distribwit, u l-ammont tat-tariffi tat-trasport; u (iv) kopja tal-ftehim bejn l-Aġenzija ta' Ġestjoni tal-Fond u l-produttur tal-bijodiżil rilevanti.

([8]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, United States – Definitive Anti-Dumping and Countervailing Duties on Certain Products from China, WT/DS379/AB/R, adottat fil-25 ta' Marzu 2011, DSR 2011:V, p. 2869, para. 284 u 309.

([9]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, United States – Final Countervailing Duty Determination with Respect to Certain Softwood Lumber from Canada – Azzjoni ta' rivalsa mill-Kanada għall-Artikolu 21.5 tad-DSU, WT/DS257/AB/RW, adottat fl-20 ta' Diċembru 2005, DSR 2005: XXIII, p. 11357, para. 52.

l-OPPF huwa espressjoni ta' politika usa' tal-GTI li tinkludi l-katina tal-valur kollha taż-żejt tal-palm. L-esportaturi kollha tas-CPO (u tal-prodotti pproċessati) fil-fatt iħallsu l-levy fil-fond meta l-prodott tagħhom jiġi esportat. Is-CPO jista' jintuża f'varjetà wiesgħa ta' applikazzjonijiet, bħal fil-konsum tal-ikel, fil-kożmetiċi u fl-industrija kimika. Il-levies tal-esportazzjoni li jinġabru għall-OPPF għalhekk mhumiex esklussivament marbuta mat-trasferiment ta' fondi lill-industrija tal-bijodiżil u ma tista' ssir ebda tpaċija awtomatika.

(66) It-tieni, u kif diġà spjegat aktar 'il fuq fil-premessa (64), il-fondi użati mill-Aġenzija ta' Ġestjoni jiġu kompletament mill-baġit ġenerali tal-GTI (li huma allokati lill-OPPF). Il-ġbir tal-levy ta' esportazzjoni jitwettaq mid-dwana u l-levies jitħallsu fil-baġit ġenerali tal-Istat. Il-fondi użati mhumiex għalhekk ekwivalenti għal pagamenti volontarji magħmula mill-produtturi tal-bijodiżil, li mbagħad jintużaw kompletament għall-benefiċċju tal-produtturi tal-bijodiżil (mingħajr ebda diskrezzjoni mill-produtturi tal-bijodiżil, li ma għandhom ebda kontroll fuq kif jintuża l-OPPF). Il-fondi jinġabru mill-GTI permezz ta' levies tal-esportazzjoni u taxxi tal-esportazzjoni, uħud imħallsa mill-produtturi tal-bijodiżil, anki mill-produtturi tas-CPO u oħrajn minn produtturi ta' prodotti ta' CPO assoċjati. Il-GTI imbagħad jiddeċiedi li juża tali riżorsi għall-benefiċċju tal-produtturi tal-bijodiżil permezz tal-OPPF.

(67) Il-Kummissjoni osservat ukoll li fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju, il-produtturi esportaturi indikaw li l-biċċa l-kbira tas-CPO użat fil-produzzjoni tal-bijodiżil jinkiseb minn sorsi lokali, u għalhekk ma huwa soġġett la għat-taxxa tal-esportazzjoni u lanqas għal-levy ta' esportazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk assumiet li l-esportazzjonijiet ta' CPO li għalihom il-produtturi esportaturi (jew, b'mod aktar preċiż, il-produtturi tas-CPO relatati) ħallsu t-taxxa u l-levy ta' esportazzjoni kienu jirrigwardaw ktajjen tal-valur għajr il-katina tal-valur tal-bijodiżil.

(68) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li t-taxxi u l-levies tal-esportazzjoni miġbura mill-GTI minn tali esportazzjonijiet mhumiex għaldaqstant marbuta mal-industrija tal-bijodiżil, biex b'hekk l-argument tal-GTI li l-OPPF ma jagħti ebda benefiċċju lir-riċevituri peress li l-produtturi tal-bijodiżil ħallsu aktar fl-OPPF milli rċevew huwa rifjutat. Fil-fatt, kuntrarju għall-allegazzjoni tal-GTI, għall-katina tal-valur tal-bijodiżil, il-produtturi esportaturi kienu f'qagħda aħjar fis-sens li rċevew mingħand l-OPPF aktar milli ħallsu fih.

(69) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iżborżamenti magħmula mill-Aġenzija ta' Ġestjoni lill-produtturi tal-bijodiżil jikkwalifikaw bħala "kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' trasferiment dirett ta' fondi minn gvern" skont l-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku. Mhuwiex ikkontestat li fix-xiri tal-bijodiżil minn Pertamina u AKR skont ir-rekwiżiti ta' taħlit, l-Aġenzija ta' Ġestjoni kopriet id-differenza bejn il-prezz li ħallsu Pertamina u AKR (fuq il-bażi tal-prezz ta' referenza għad-diżil minerali) u l-(ogħla) prezz ta' referenza għall-bijodiżil. F'dan ir-rigward, il-produtturi tal-bijodiżil irċevew għotja mill-GTI li tammonta għal din id-differenza ([10]).

3.2.2.2. Benefiċċju

(70) Għar-raġunijiet ippreżentati hawn taħt, il-Kummissjoni qieset li t-trasferimenti diretti magħmula mill-Aġenzija ta' Ġestjoni jagħtu benefiċċju lill-produtturi esportaturi.

(71) Tabilħaqq, il-produtturi esportaturi jinsabu f'sitwazzjoni aħjar milli kieku jkunu mingħajr l-iskema. Fi ftit kliem, it-trasferiment ta' fondi magħmul mill-Aġenzija ta' Ġestjoni jammonta għal għotjiet u s-suq ma jipprevedix għotjiet gratwiti. Dawn l-għotjiet iqiegħdu lill-produtturi tal-bijodiżil f'pożizzjoni aħjar milli altrimenti kienu jkunu fis-suq ([11]). Mingħajr l-iskema l-produtturi tal-bijodiżil jottjenu biss il-pagament minn Pertamina u AKR bil-prezz tad-diżil minerali.

(72) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li l-flus imħallsa mill-Aġenzija ta' Ġestjoni lill-produtturi tal-bijodiżil għall-bijodiżil mibjugħ sabiex ikopru d-differenza bejn il-prezz ta' referenza tad-diżil imħallas minn Pertamina u l-prezz ta' referenza tal-bijodiżil huwa benefiċċju favur tagħhom fis-sens tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku.

([10]) Ara r-Rapport tal-Bord tal-Appell, Canada – Certain Measures Affecting the Renewable Energy Generation Sector / Canada – Measures Relating to the Feed-in Tariff Program, WT/DS412/AB/R / WT/DS426/AB/R, adottati fl-24 ta' Mejju 2013, DSR 2013:I, p. 7, para. 5.119 u 5.120.

([11]) Rapport tal-Bord, United States – Subsidies on Upland Cotton, WT/DS267/R, Add.1 to Add.3 u Corr.1, adottat fil-21 ta' Marzu 2005, kif modifikat mir-Rapport tal-Bord tal-Appell WT/DS267/AB/R, DSR 2005:II, p. 299, para. 7.1116.

3.2.2.3. Speċifiċità

(73) L-ewwel, il-Kummissjoni osservat li l-OPPF huwa disponibbli għal għadd limitat ta' industriji, kollha relatati mal-katina tal-valur tas-CPO. Dan il-limitu joriġina direttament mil-leġiżlazzjoni applikabbli. L-ewwel, l-appoġġ tal-katina tal-valur taż-żejt tal-palm hija l-għan ewlieni espliċitu tar-Regolament Presidenzjali 61/2015 li jistabbilixxi l-OPPF. Fil-preambolu tiegħu, huwa ddikjarat li l-OPPF huwa meħtieġ "biex jiggarantixxi żvilupp kontinwu tal-pjantaġġuni taż-żejt tal-palm, huwa jeħtieġ strateġija nazzjonali sostnuta mill-ġestjoni ta' fond għall-iżvilupp kontinwu tal-pjantaġġuni taż-żejt tal-palm". Fl-Artikolu 1, dik il-leġiżlazzjoni tkompli tispeċifika li "Pjantaġġuni taż-Żejt tal-Palm tfisser l-attivitajiet kollha ta' ġestjoni tar-riżorsi naturali, ir-riżorsi umani, il-faċilitajiet ta' produzzjoni, it-tagħmir u l-makkinarju, il-kultivazzjoni, il-ħsad l-ipproċessar, u l-kummerċjalizzazzjoni relatati mal-Pjantaġġuni taż-Żejt tal-Palm".

(74) Fl-Artikolu 11 hemm imbagħad stipulat li "Il-Fond li jinġabar għandu jintuża għal: a. l-iżvilupp tar-riżorsi umani tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt; b. ir-riċerka u l-iżvilupp tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt; c. il-promozzjoni tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt; d. it-tiġdid tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt; u e. il-faċilitajiet u l-infrastrutturi tal-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt".

(75) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-OPPF huwa *de jure* speċifiku skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li l-leġiżlazzjoni li skontha topera l-awtorità tal-għotja, espliċitament tillimita l-aċċess għas-sussidju lil ċerti impriżi, jiġifieri dawk attivi fil-katina tal-valur tas-CPO.

(76) Fi kwalunkwe każ, anki jekk ma jkunx hemm speċifiċità *de jure*, il-Kummissjoni qieset li l-GTI jidderieġi lill-Aġenzija ta' Ġestjoni biex fil-fatt jappoġġa biss lill-industrija tal-bijodiżil. L-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni u msemmija fil-paragrafu (122) fil-fatt tindika li l-maġġoranza kbira tal-flus imħallsa mill-Aġenzija ta' Ġestjoni hija ddedikata biex il-produtturi tal-bijodiżil jitħallsu d-differenza bejn il-MOPS u l-prezz ta' referenza tal-bijodiżil.

(77) Il-Kummissjoni għalhekk kienet tal-fehma li l-GTI jimmaniġġja l-OPPF b'mod li jagħmlu *de facto* speċifiku. Skont l-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament bażiku, sussidju jista' jkun *de facto* speċifiku jekk jiġu ssodisfati ċerti kriterji, bħall-"użu ta' programm ta' sussidju minn numru limitat ta' ċerti impriżi; l-użu predominanti minn ċerti impriżi; l-għoti ta' ammonti kbar b'mod sproporzjonat ta' sussidju lil ċerti impriżi; il-mod li bih tħaddmet id-diskrezzjoni mill-awtorità tal-għotja fid-deċiżjoni li tagħti sussidju". F'dan il-każ il-Kummissjoni osservat li l-imġiba tal-OPPF tidħol perfettament f'din il-lista. B'mod partikolari, kif spjegat hawn fuq, il-fond jintuża predominantement mill-industrija tal-bijodiżil u l-awtorità tal-għoti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha meta għamlet dan.

(78) Din is-sejba hija konformi wkoll mal-ġurisprudenza tad-WTO. Fil-każ tal-KE u ċerti Stati Membri – Inġenji tal-Ajru Ċivili Kbar, il-Bord spjega li "It-tifsira ordinarja tal-kelma 'predominanti' tinkludi 'li tikkostitwixxi l-element prinċipali jew l-aktar b'saħħtu; prevalenti'. Għalhekk, l-'użu predominanti {ta' programm ta' sussidju} minn ċerti impriżi' jista' jinftiehem sempliċement bħala sitwazzjoni fejn programm ta' sussidju jintuża prinċipalment, jew fil-biċċa l-kbira, minn ċerti impriżi" ([12]). F'dik id-deċiżjoni, il-Bord spjega wkoll li "fejn programm ta' sussidju jopera f'ekonomija magħmula biss minn ftit industriji, il-fatt li dawk l-industriji setgħu kienu l-benefiċjarji ewlenin ta' programm ta' sussidju mhux neċessarjament juri 'użu predominanti'. Pjuttost, l-użu tal-programm ta' sussidju minn dawk l-industriji jista' sempliċement jirrifletti d-diversifikazzjoni limitata tal-attivitajiet ekonomiċi fil-ġurisdizzjoni tal-awtorità tal-għoti. Min-naħa l-oħra, l-istess programm ta' sussidju li jopera fil-kuntest ta' ekonomija diversifikata ħafna, li jintuża prinċipalment, jew fil-biċċa l-kbira, minn ftit industriji biss, għandu tendenza li jindika 'użu predominanti'" ([13]). F'dan il-każ, is-sussidju huwa disponibbli għall-katina tal-valur taż-żejt tal-palm biss, iżda f'dik l-industrija għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet. Madankollu, jekk ir-raġunament tal-Bord jiġi applikat għall-fatti ta' dan il-każ, il-Kummissjoni qieset li l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-OPPF jintuża biex jiffinanzja l-pagamenti tal-bijodiżil jikkwalifika bħala "użu predominanti" kif definit hawn fuq peress li l-industrija tal-bijodiżil hija l-benefiċjarju ewlieni. Il-Kummissjoni tkompli tosserva li l-industrija tal-bijodiżil hija waħda minn ħafna industriji f'ekonomija diversifikata ([14]) u li l-OPPF kien qed jappoġġa kważi esklussivament lill-industrija tal-bijodiżil sa minn meta twaqqfet.

([12]) WT/DS316/R tat-30 ta' Ġunju 2010, *Il-KE u ċerti Stati Membri – Miżura li Taffettwa l-Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili Kbar*, il-paragrafu 7.494.
([13]) WT/DS316/R tat-30 ta' Ġunju 2010, *Il-KE u ċerti Stati Membri – Miżura li Taffettwa l-Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili Kbar*, il-paragrafu 7.495.
([14]) Skont *data* reċenti mill-bank ċentrali Indonesjan, l-ebda attività ekonomika waħdeha ma tirrappreżenta aktar minn 20 % tal-PDG Indoneżjan. Sorsi f'https://www.bi.go.id/en/iru/economic-data/real-sector/Contents/Default.aspx., ikkonsultati fis-17.7.2019.

(79) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li s-sett ta' miżuri tal-GTI kienu diretti biex jiffavorixxu lill-industrija domestika tal-bijodiżil. Barra milli huma *de jure* speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku, huma wkoll *de facto* speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament bażiku.

3.2.3. *Konklużjoni*

(80) Il-Kummissjoni b'mod provviżorju kkonstatat li permezz ta' sett ta' miżuri, il-GTI ta appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil, inkluż permezz ta' trasferiment dirett ta' fondi permezz tal-"Fond għas-Sussidju tal-Bijodiżil". Il-GTI ta benefiċċju lill-benefiċjarji li huwa speċifiku, u għalhekk jammonta għal sussidju kumpensabbli.

3.2.4. *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(81) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont ta' sussidju kumpensabbli għal kull produttur esportatur f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevitur li nstab li jeżisti matul il-PI. Il-Kummissjoni vvalutat il-benefiċċju bħala li huwa l-ammont totali tal-għotja riċevuta mill-OPPF matul l-IP. B'konformità mal-Artikolu (7)(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dawk l-ammonti ta' sussidju fuq il-fatturat totali ġġenerat mill-bejgħ tal-bijodiżil tal-produtturi esportaturi matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(82) Ir-rata ta' sussidju stabbilita b'mod provviżorju fir-rigward ta' dan is-sett ta' miżuri matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-produtturi esportaturi tammonta għal:

| Kumpanija | Rata ta' sussidju |
|---|---|
| PT Ciliandra Perkasa | 7,91 % |
| PT Intibenua Perkasatama u PT Musim Mas (Musim Mas Group) | 11,83 % |
| PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo (Permata Group) | 12,76 % |
| PT Wilmar Nabati Indonesia u PT Wilmar Bioenergi Indonesia (Wilmar Group) | 12,23 % |

### 3.3. **Appoġġ tal-gvern lill-industrija tal-bijodiżil, inkluż permezz tal-forniment ta' żejt tal-palm (CPO) għal remunerazzjoni anqas minn adegwata**

3.3.1. *L-ilment u l-iskema ta' sussidju*

(83) L-ilment kien jgħid li hemm distorsjoni fil-prezzijiet tas-CPO fl-Indoneżja minħabba l-intervent tal-GTI. B'mod partikolari, l-ilment indika li l-GTI implimenta politika li timponi taxxi għolja tal-esportazzjoni fuq is-CPO. Is-CPO huwa l-materja prima prinċipali użata għall-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Indoneżja, u tirrappreżenta madwar 85 % tal-kostijiet totali tal-produzzjoni tal-bijodiżil. Skont l-ilment, b'dan il-mod il-GTI qed jiżgura li l-prezz tal-materja prima għall-produzzjoni tal-bijodiżil jibqa' konsiderevolment aktar baxx mill-prezzijiet globali, għall-benefiċċju tal-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjani.

(84) Barra minn hekk, skont l-ilment, f'Mejju 2015 il-GTI introduċa levy ta' esportazzjoni ta' USD 50 għal kull tunnellata fuq is-CPO u anqas fuq prodotti downstream taż-żejt tal-palm ipproċessati, bir-rata speċifika skont il-prodott.

(85) L-ilmentatur sostna li bl-impożizzjoni ta' taxxi u levies għoljin ta' esportazzjoni fuq is-CPO, il-GTI għandu effett li jbaxxi l-prezz domestiku taż-żejt tal-palm fl-Indoneżja, li jagħti benefiċċju ċar lill-produtturi tal-bijodiżil. Huwa jinkoraġġixxi wkoll lill-produtturi privati tas-CPO biex ibigħu l-prodotti tagħhom lill-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjani. Minħabba f'hekk, l-ilmentatur jallega li l-GTI jinkariga jew jiddierieġi lill-produtturi taż-żejt tal-palm Indoneżjani sabiex jipprovdu s-CPO lill-produtturi tal-bijodiżil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata.

(86) L-investigazzjoni wriet li fil-fatt il-GTI jimponi kemm taxxa tal-esportazzjoni kif ukoll levy ta' esportazzjoni fuq is-CPO.

(87) It-taxxa tal-esportazzjoni kienet implimentata għall-ewwel darba fl-1994. Mill-introduzzjoni tagħha 'l hawn, ġiet emendata għadd ta' drabi. Fl-aħħar verżjoni (id-Digriet Nru 140/PMK.010/2016), it-taxxa tal-esportazzjoni tikkonsisti fi skeda progressiva ta' tariffi fuq i-ejt tal-palm mhux maħdum kif ukoll fuq 22 prodott ieħor, inkluż il-bijodiżil (li huwa konsistentement mogħti rata aktar baxxa mis-CPO). L-esportaturi Indoneżjani jħallsu taxxa progressiva marbuta mal-prezz ta' referenza tal-GTI għall-esportazzjonijiet tas-CPO. Għalhekk meta l-prezz ta' referenza tal-esportazzjoni tal-GTI jiżdied, hekk ukoll tagħmel it-tariffa tal-esportazzjoni.

(88) Meta l-prezz ta' referenza jkun anqas minn USD 750 għal kull tunnellata, ir-rata tat-taxxa applikabbli fuq l-esportazzjoni tkun ta' 0 %. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz tas-CPO baqa' taħt il-limitu ta' USD 750 għal kull tunnellata u għalhekk ma kienet pagabbli ebda taxxa tal-esportazzjoni.

(89) Minbarra t-taxxa tal-esportazzjoni, matul il-perjodu ta' investigazzjoni l-GTI impona levy ta' esportazzjoni fuq is-CPO u l-prodotti downstream. Il-levy ta' esportazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stabbilita għal USD 50 kull tunnellata għas-CPO u għal USD 20 kull tunnellata għall-bijodiżil.

(90) Minbarra t-taxxa u l-levy tal-esportazzjoni fuq is-CPO u l-prodotti downstream, il-GTI jintervjeni wkoll fis-suq tas-CPO billi *de facto* jikkontrolla, permezz tal-kumpanija tal-Istat PTPN, il-prezzijiet domestiċi tas-CPO, biex b'hekk jiżgura li s-CPO jinbiegħ bi prezz artifiċjalment baxx. Barra minn hekk, il-GTI jipprovdi sussidji lill-produtturi tas-CPO sabiex jiżgura li jikkonformaw mal-politika li s-CPO jiġi pprovdut bi prezzijiet artifiċjalment baxxi.

### 3.3.2. *L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku*

(91) Il-Kummissjoni infurmat lill-GTI li jista' jkun li jkollha bżonn tuża l-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku meta tkun qiegħda teżamina l-eżistenza u l-portata tal-allegat appoġġ mogħti lill-industrija tal-bijodiżil, inkluż permezz tal-forniment tas-CPO għal remunerazzjoni anqas minn adegwata.

(92) Fil-bidu, il-Kummissjoni talbet lill-GTI jgħaddi l-Appendiċi B mehmuż mal-kwestjonarju anti-sussidju (kwestjonarju għall-fornituri taż-żejt tal-palm) lill-produtturi u d-distributuri kollha taż-żejt tal-palm, li pprovdew żejt tal-palm lill-produtturi esportaturi. L-Appendiċi B kien jikkonsisti minn dokument Word ("*Appendiċi B_Żejt tal-Palm tal-fornitur tal-input*") u fajl Excel ("*Kwestjonarju żgħir maħsub għall-Fornituri*"). Wara talba mill-GTI, minħabba l-għadd sinifikanti ta' kumpaniji li jipprovdu l-input prinċipali għall-prodott ikkonċernat, fl-ispirtu ta' kooperazzjoni tajba u biex tiġbor tal-anqas xi *data* rilevanti għall-investigazzjoni, il-Kummissjoni permezz tal-email tas-7 ta' Jannar 2019 qablet li tillimita l-ambitu tat-talba tagħha billi titlob lill-GTI jgħaddi l-Appendiċi B u l-kwestjonarju żgħir lill-akbar għaxar fornituri ta' CPO f'termini ta' volum għal kull produttur esportatur.

(93) Il-Kummissjoni, fl-ittra ta' defiċjenza tagħha lill-GTI tal-1 ta' Marzu 2019, innutat il-fatt li ma kienet irċeviet l-ebda tweġiba għall-Appendiċi B tal-kwestjonarju mingħand il-fornituri taż-żejt tal-palm ta' PT Musim Mas, PT Intibenua Perkasatama, PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ssottolinjat li ma kinitx irċeviet tweġiba lanqas mingħand il-fornituri tas-CPO li huma impriżi tal-Istat, inkluż PTPN. Fornituri oħrajn tas-CPO, inklużi dawk relatati mal-produtturi esportaturi, ikkonformaw ma' dik it-talba.

(94) Fit-tweġiba għall-ittra ta' defiċjenza, il-GTI sostna li kien issodisfa l-obbligu tiegħu li jikkomunika l-Appendiċi B u l-kwestjonarji qosra lill-fornituri tas-CPO Indoneżjani rilevanti. Bħala evidenza l-GTI ppreżenta r-rekord postali li juri r-riċevuti ta' konsenja lill-fornituri tas-CPO Indoneżjani rilevanti. Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza oħra tat-tentattivi tal-GTI biex jikkuntattja lil dawn il-fornituri, b'mod partikolari lil PTPN. Spjegazzjoni simili kienet ipprovduta matul iż-żjara ta' verifika għand il-GTI. Minkejja dan ta' hawn fuq, PTPN qatt ma ppreżenta l-Appendiċi B mimli kif għandu jkun lill-Kummissjoni.

(95) Għaldaqstant, fir-rigward tal-allegat forniment ta' CPO mill-gvern għal remunerazzjoni anqas minn adegwata, il-GTI ma pprovdiex l-informazzjoni u l-evidenza neċessarji kif mitlub mill-Kummissjoni fil-kwestjonarju tagħha u matul il-żjara ta' verifika.

(96) In-nuqqas ta' kooperazzjoni suffiċjenti ma ppermettiex li l-Kummissjoni tiġbor l-informazzjoni kollha li qieset rilevanti għall-konklużjonijiet tagħha f'din l-investigazzjoni. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni ma setgħetx tikseb mingħand il-GTI informazzjoni dwar is-suq taż-żejt tal-palm ibbażata fuq informazzjoni diretta pprovduta mill-fornituri tas-CPO u lanqas ma għandha informazzjoni kompleta dwar ir-rwol ta' PTPN f'dan is-suq fir-rigward tal-industrija tal-bijodiżil.

(97) Il-GTI sostna li huwa kien ipprovda *data* aggregata dwar PTPN, li tinkludi wkoll id-*data* mitluba fl-Appendiċi B tal-kwestjonarju. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li l-GTI pprovda *data* dwar PTPN fit-tweġiba għall-kwestjonarju, li kienet tinkludi informazzjoni dwar l-istruttura ta' ġestjoni tiegħu, ir-rapporti annwali u *data* dwar it-tranżazzjonijiet. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li hija ma rċeviet ebda informazzjoni dettaljata li talbet fl-Appendiċi B tal-kwestjonarju, li kienet tippermettilha tikseb fehim sħiħ tar-rwol ta' PTPN fis-suq taż-żejt tal-palm u fuq produtturi rilevanti oħra.

(98) Wara li rċieva l-ittra li kienet tinforma lill-GTI dwar l-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, fit-30 ta' Ġunju 2019 il-GTI ppreżenta tweġiba għall-Appendiċi B rigward PTPN. Il-Kummissjoni madankollu osservat li t-tweġiba ġiet ippreżentata ħafna wara l-iskadenza biex tiġi ppreżentata l-informazzjoni (it-12 ta' Marzu 2019, estiża mill-Kummissjoni sal-14 ta' Marzu 2019) u wara li saret ż-żjara ta' verifika fl-uffiċċji tal-GTI. Il-Kummissjoni għalhekk qieset li l-informazzjoni ma ġietx ippreżentata fiż-żmien xieraq, ma kinitx verifikabbli u l-GTI ma kien aġixxa bl-aqwa mod li seta' skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

(99) Fin-nuqqas ta' informazzjoni kuntrarja mingħand il-GTI, il-Kummissjoni bbażat ruħha parzjalment fuq il-fatti disponibbli għas-sejbiet tagħha rigward dawn l-aspetti tal-investigazzjoni skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

3.3.3. *Analiżi*

(100) Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sussidju kumpensabbli, iridu jkunu preżenti tliet elementi: (a) kontribuzzjoni finanzjarja jew appoġġ għall-introjtu/għall-prezzijiet; (b) benefiċċju, u (c) l-ispeċifiċità (l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku) ([15]).

(101) Għall-ewwel element, il-Kummissjoni analizzat jekk is-sett ta' miżuri adottati mill-GTI jwassalx għal kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' forniment ta' CPO mill-Gvern għal remunerazzjoni anqas minn adegwata lill-produtturi esportaturi tal-bijodiżil Indoneżjani, skont l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku, u / jew jekk is-sett ta' miżuri adottati mill-GTI jaqax fil-kategorija ta' appoġġ għad-dħul / għall-prezzijiet tal-industrija tal-bijodiżil, skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku.

3.3.3.1. Kontribuzzjoni finanzjarja

(102) Fil-bidu, il-Kummissjoni osservat li l-produtturi esportaturi kollha kienu jixtru s-CPO lokalment mingħand kumpaniji relatati jew mingħand kumpaniji mhux relatati biex jipproċessawh f'żejt tal-palm ibbliċjat deodorizzat raffinat u mbagħad f'bijodiżil.

(103) L-Artikolu 3(1)(a)(iv), it-tieni inċiż, tar-Regolament bażiku jgħid li jkun hemm kontribuzzjoni finanzjarja jekk gvern: "jinkariga jew jiddeieġi korp privat biex iwettaq waħda jew aktar mit-tip ta' funzjonijiet deskritti fil-punti (i), (ii) u (iii) li normalment ikunu responsabbiltà tal-gvern, u l-prattika, fl-ebda sens, ma tkun differenti mill-prattiċi normali segwiti minn gvernijiet". It-tip ta' funzjonijiet deskritti mill-Artikolu 3(1)(a)(iii) tar-Regolament bażiku jseħħu fejn "il-gvern jipprovdi oġġetti jew servizzi apparti mill-infrastruttura ġenerali, jew jixtri oġġetti…". Dawn id-dispożizzjonijiet jirriflettu l-paragrafi (iii) u (iv) tal-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM u għandhom jiġu interpretati u applikati fid-dawl tal-ġurisprudenza tad-WTO rilevanti.

(104) Il-Bord tad-WTO fi Stati Uniti – Restrizzjonijiet tal-Esportazzjoni ([16]) ddeċieda li t-tifsira ordinarja taż-żewġ kelmiet "jinkariga" u "jordna" fl-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim SCM titlob li l-azzjoni tal-gvern trid tkun tinkludi kunċett ta' delega (fil-każ ta' inkarigu) jew ta' kmand (fil-każ ta' ordni). Huwa rrifjuta l-"argument tal-kawża u l-effett" tal-Istati Uniti u talab azzjoni espliċita u affermattiva ta' delega jew kmand.

([15]) Għal analiżi simili, ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/387 tas-17 ta' Marzu 2016 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja (ĠU L 73, 18.3.2016, p. 1).
([16]) Ir-Rapport tal-Bord, US – Export Restraints (Stati Uniti – Restrizzjonijiet fuq l-Esportazzjoni) (WT/DS194/R), iċċirkolat fid-29 ta' Ġunju 2001, il-paragrafu 8.29.

(105) Madankollu, f'każ sussegwenti ([17]), il-Korp tal-Appell iddeċieda li s-sostituzzjoni tal-kliem "jinkariga" u "jidderieġi" b'"delega" u "kmand" hija standard riġidu wisq. Skont il-Korp tal-Appell, "inkarigu" jseħħ meta gvern jagħti r-responsabbiltà lil korp privat u "ordni" tirreferi għal sitwazzjonijiet fejn il-gvern jeżerċita l-awtorità tiegħu fuq korp privat.

(106) Fiż-żewġ każijiet, il-gvern juża korp privat bħala sostitut sabiex jagħti effett lill-kontribuzzjoni finanzjarja, u "fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, wieħed jistenna li l-inkarigu jew l-ordni ta' korp privat ikunu jinvolvu xi forma ta' theddid jew persważjoni". Fl-istess waqt, il-paragrafu (iv) tal-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM ma jippermettix lill-Membri jimponu miżuri kumpensatorji għal prodotti "kull meta l-gvern ikun sempliċiment qed jeżerċita s-setgħat regolatorji ġenerali tiegħu" jew fejn l-intervent tal-gvern "jista' jkollu jew ma jkollux riżultat partikolari sempliċiment ibbażat fuq iċ-ċirkustanzi fattwali partikolari u l-eżerċizzju tal-għażla libera mill-atturi f'dak is-suq". Pjuttost, l-inkarigu u l-ordni jimplikaw "rwol aktar attiv tal-gvern milli sempliċi azzjonijiet ta' inkoraġġiment".

(107) Barra minn hekk, id-WTO ma qisitx li "li korp privat jingħata diskrezzjoni neċessarjament imur kontra l-inkarigu jew l-ordni ta' dak il-korp privat […] ([18]). Għalkemm jista' jkun hemm każijiet fejn il-firxa tad-diskrezzjoni li titħalla lill-korp privat tkun tali li jsir impossibbli li wieħed jikkonkludi b'mod xieraq li l-korp privat ġie inkarigat jew dirett (biex iwettaq kompitu partikolari), din hija kwestjoni fattwali/evidenzjarja li għandha tiġi indirizzata fuq bażi ta' każ b'każ."

(108) F'konformità ma' dawk id-deċiżjonijiet tad-WTO, mhux il-miżuri kollha tal-gvern li kapaċi jagħtu benefiċċji huma ekwivalenti għal kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 1.1 (a) tal-Ftehim SCM. Irid ikun hemm evidenza ta' politika jew programm tal-gvern li jippromwovi l-industrija investigata (f'dan il-każ partikolari l-industrija tal-bijodiżil/bijofjuwils), permezz tal-eżerċitar tal-awtorità fuq korpi pubbliċi jew privati jew l-għoti tar-responsabbiltà lilhom (hawnhekk il-produtturi tas-CPO) sabiex jipprovdu CPO lill-industrija tal-bijodiżil għal remunerazzjoni anqas minn adegwata.

(109) Fi ftit kliem, id-deċiżjonijiet rilevanti tad-WTO jipprovdu li:

(i) id-determinazzjoni ta' jekk hemmx "kontribuzzjoni finanzjarja" skont l-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim SCM għandha tiffoka fuq in-*natura* tal-azzjoni tal-gvern, pjuttost milli fuq l-*effetti* jew ir-*riżultati* tal-azzjoni tal-gvern ([19]). Fi kliem ieħor, huwa rikonoxxut sewwa li l-gvernijiet jintervjenu fis-suq bħala *regolaturi* u, meta jagħmlu dan, jikkawżaw *effetti* fuq is-suq u l-operaturi tiegħu. F'dan is-sens, gvern jista', pereżempju, jimponi leġittimament taxxi tal-esportazzjoni sabiex jiġġenera dħul f'każ ta' komodità kompetittiva ħafna fis-swieq internazzjonali. B'kuntrast, ma hemmx impożizzjoni leġittima bħal din ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni meta jkun evidenti li l-użu ta' tali strument flimkien ma' mekkaniżmi oħra biex il-komoditajiet jinżammu domestikament u l-fornituri jiġu sfurzati jbigħu taħt il-prezzijiet tas-suq ikun parti minn skema aktar wiesgħa maħduma mill-gvern sabiex jappoġġa industrija partikolari jew sett ta' industriji biex jagħti spinta lill-kompetittività tagħhom. B'hekk, in-natura tal-azzjoni tal-gvern, inkluż il-kuntest, l-għan u l-iskop tagħha, hija rilevanti fil-valutazzjoni tal-element ta' "kontribuzzjoni finanzjarja";

(ii) "l-inkarigu" jew "l-ordni" jinvolvu azzjoni espliċita u affermattiva indirizzata lil parti partikolari b'rabta ma' kompitu jew dover partikolari, li huwa differenti ħafna mis-sitwazzjoni li fiha gvern jintervjeni fis-suq b'xi mod, li jista' jkollu jew ma jkollux *riżultat* partikolari minħabba ċ-ċirkustanzi fattwali u l-eżerċizzju tal-għażla libera mill-atturi f'dak is-suq. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kwistjoni ewlenija wara l-kunċetti ta' inkarigu jew ordni hija jekk l-imġiba inkwistjoni, jiġifieri l-kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' forniment ta' oġġetti għal remunerazzjoni anqas minn adegwata, tistax tiġi attribwita lill-gvern jew għadhiex l-għażla libera tal-operaturi privati fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet tas-suq, bħar-restrizzjonijiet regolatorji ([20]);

([17]) WT/DS296/AB/R tas-27 ta' Ġunju 2005, Stati Uniti – Investigazzjoni kontra s-Sussidji dwar Dynamic Random Access Memory Semiconductors (DRAMs) mill-Korea, il-paragrafi 110 u 111. WT/DS299/R tas-17 ta' Ġunju 2005, Komunitajiet Ewropej – Miżuri Kumpensatorji dwar Dynamic Random Access Memory Chips mill-Korea, il-paragrafu 7.25 adotta approċċ simili.

([18]) WT/DS296/AB/R tas-27 ta' Ġunju 2005, Stati Uniti – Investigazzjoni kontra s-Sussidji dwar Dynamic Random Access Memory Semiconductors (DRAMs) mill-Korea, il-paragrafu 7.38.

([19]) Ir-Rapport tal-Bord, US – Export Restraints (Stati Uniti – Restrizzjonijiet fuq l-Esportazzjoni) (WT/DS194/R), iċċirkolat fid-29 ta' Ġunju 2001, il-paragrafi 8.33-8.34.

([20]) Ir-Rapport tal-Bord, *Stati Uniti – Restrizzjonijiet fuq l-Esportazzjoni*, il-paragrafi 8.29-8.31.

(iii) L-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim SCM huwa, essenzjalment, dispożizzjoni kontra l-evażjoni u, għalhekk, sejba ta' inkarigu jew ordni tirrikjedi li l-gvern jagħti responsabbiltà lil korp privat jew jeżerċita l-awtorità tiegħu fuq korp privat sabiex jagħmel kontribuzzjoni finanzjarja. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, wieħed jistenna li l-inkarigu jew l-ordni ta' korp privat ikunu jinvolvu xi forma ta' theddida jew persważjoni, li tista', min-naħa tagħha, isservi bħala evidenza ta' inkarigu jew ordni ([21]). Madankollu, il-gvernijiet x'aktarx ikollhom mezzi oħra għad-dispożizzjoni tagħhom biex jeżerċitaw awtorità fuq korp privat, li wħud minnhom jistgħu jkunu "aktar sottili" minn kmand jew mhux bilfors jinvolvu l-istess grad ta' kompulsjoni ([22]);

(iv) Irid ikun hemm "konnessjoni li tista' tintwera" bejn l-att tal-gvern u l-imġiba tal-korp privat ([23]). Ma hemmx raġuni għaliex każ ta' inkarigu jew ordni mill-gvern ma għandux ikun fondat fuq provi indizjarji (bħal pereżempju atti impliċiti u informali ta' delega jew kmand), sakemm dik l-evidenza tkun probatorja u konvinċenti ([24]). F'dan ir-rigward, l-evidenza tal-intenzjoni tal-gvern li jappoġġa l-industrija downstream (pereżempju, permezz ta' politiki jew deċiżjonijiet tal-gvern iddikjarati pubblikament jew azzjonijiet governattivi oħra), jew l-eżistenza ta' miżuri governattivi oħra li jiżguraw riżultat partikolari fis-suq (pereżempju restrizzjoni tal-esportazzjoni flimkien ma' miżura tal-gvern li timpedixxi lill-operaturi soġġetti għal dawk ir-restrizzjonijiet milli jaħżnu l-prodotti tagħhom), tista' tkun rilevanti biex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' "kontribuzzjoni finanzjarja" skont l-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim SCM (b'mod partikolari bħala mod indirett għall-gvern biex jipprovdi oġġetti, kif previst fis-subparagrafu (iii)). F'ċerti ċirkustanzi, "gwida" minn gvern *tista'* tikkostitwixxi ordni ([25]). Il-preżenza ta' *effetti* partikolari fis-suq (bħat-tnaqqis tal-prezzijiet) tista' tkun ukoll fattur li għandu jiġi kkunsidrat flimkien ma' kwalunkwe evidenza oħra disponibbli, inkluża l-possibbiltà ta' antiċipazzjoni ta' dawk l-effetti f'kuntest partikolari. Fl-aħħar nett, skont iċ-ċirkustanzi, korp privat jista' jiddeċiedi li ma jwettaqx funzjoni li jkun ġie inkarigat jew dirett biha, minkejja l-konsegwenzi negattivi possibbli li jistgħu jirriżultaw. Madankollu, dan waħdu, ma jurix li l-korp privat ma kienx inkarigat jew dirett ([26]).

(110) F'konformità ma' dik il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa n-natura tal-intervent tal-GTI, jiġifieri jekk l-intervent tal-GTI jinvolvix l-inkarigu jew l-ordni lill-produtturi tas-CPO, in-natura tal-korpi inkarigati, jiġifieri jekk il-produtturi tas-CPO humiex korpi privati fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku, u l-azzjoni tal-korpi inkarigati jew diretti, jiġifieri jekk il-produtturi tas-CPO inkarigati jew ordnati jipprovdux CPO lill-industrija tal-bijodiżil Indoneżjana għal remunerazzjoni anqas minn adegwata u għalhekk jaġixxu bħala sostitut għall-GTI. Barra minn hekk, il-Kummissjoni vverifikat jekk il-funzjoni mwettqa normalment tkunx vestita fil-Gvern, jiġifieri jekk il-forniment tas-CPO għal remunerazzjoni anqas minn adegwata lill-produtturi tal-bijodiżil fl-Indoneżja huwiex attività normali tal-gvern, u jekk tali funzjoni ma tvarjax, f'sens reali, mill-prattiki normalment segwiti mill-gvernijiet, jiġifieri jekk il-forniment proprju tas-CPO mill-produtturi, fis-sens reali, ivarjax minn dak li l-gvern innifsu kien jagħmel.

3.3.3.2. Inkarigu jew ordni lill-produtturi tas-CPO mill-GTI

(111) Fid-dawl tal-ġurisprudenza tad-WTO msemmija fil-premessi (104) sa (109), il-Kummissjoni l-ewwel analizzat jekk l-appoġġ tal-GTI lill-industrija tal-bijodiżil Indoneżjana huwiex effettivament objettiv ta' politika tal-gvern u mhux sempliċement "effett kollaterali" tal-eżerċizzju ta' setgħat regolatorji ġenerali. L-investigazzjoni eżaminat b'mod partikolari jekk id-distorsjonijiet li nstabu fil-prezzijiet kinux parti mill-objettivi tal-gvern, jew jekk il-prezzijiet aktar baxxi tas-CPO kinux pjuttost prodott sekondarju "involontarju" tar-regolamentazzjoni ġenerali tal-gvern.

(112) L-appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil jinkiseb permezz ta' għadd ta' miżuri, u prinċipalment permezz tat-taxxa u l-levy ta' esportazzjoni imposti fuq is-CPO u l-fond għas-sussidju tal-bijodiżil.

(113) Ir-reġim tat-taxxa tal-esportazzjoni fuq is-CPO ġie introdott għall-ewwel darba mill-GTI fl-1994 u, minn dak iż-żmien, għadda minn bosta bidliet sinifikanti.

([21]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *Stati Uniti –DRAMS (WT/DS296/AB/R)*, iċċirkolat fis-27 ta' Ġunju 2005, il-paragrafu 116.
([22]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *Stati Uniti –DRAMS*, il-paragrafu 115.
([23]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *Stati Uniti – DRAMs*, il-paragrafu 112.
([24]) Ara r-Rapport tal-Bord, *Korea – Bastimenti Kummerċjali* (WT/DS273/R), iċċirkolat fis-7 ta' Mejju 2005, il-paragrafu 7.373.
([25]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *Stati Uniti – DRAMS* (WT/DS296/A/R), il-paragrafu 114.
([26]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *Stati Uniti – DRAMS* (WT/DS296/A/R), il-paragrafu 124.

(114) Oriġinarjament, l-iskop tat-taxxa tal-esportazzjoni kien li tiġi żgurata d-domanda lokali, u li tiġi żgurata l-istabbiltà tal-prezzijiet taż-żejt tat-tisjir. Fir-Regolament 128/PMK.011/2011 l-objettiv kien li tiġi protetta l-provvista domestika taż-żejt tat-tisjir u li jiġu żviluppati industriji tal-manifattura downstream. Il-leġiżlazzjoni sostniet b'mod speċifiku dan li ġej: "fil-kuntest tal-appoġġ għall-isforzi downstream tal-industrija taż-żejt tal-palm biex jiżdied il-valur miżjud downstream, huwa neċessarju li tiġi ristrutturata t-tariffa tad-Dazju tal-Esportazzjoni".

(115) Ir-reġim tat-taxxa tal-esportazzjoni Indoneżjan għadda minn diversi bidliet mill-1994, inklużi bidliet fil-prezz minimu tas-CPO li għalih tkun attiva t-taxxa tal-esportazzjoni, tibdil fir-rati, u bidliet fil-mod kif tiġi kkalkulata r-rata minn perċentwal tal-prezzijiet tal-bejgħ għal ammont nominali. It-taxxa tal-esportazzjoni, fil-fatt, kienet introdotta oriġinarjament permezz tad-Digriet 439/KMK.017/1994 tal-Ministeru tal-Finanzi. F'Lulju 1997, id-Digriet Nru 300/KMK.01/1997 bidel il-metodoloġija tal-kalkolu tat-taxxa tal-esportazzjoni u l-esportazzjonijiet tas-CPO kienu soġġetti għal taxxa li kienet tvarja bejn 7,5 % u 22.5 % skont il-prezz ta' referenza tal-GTI. F'Settembru 2007, il-metodoloġija tal-kalkolu tat-taxxa tal-esportazzjoni kienet riveduta ulterjorment permezz tad-Digriet Nru 94/PMK.011/2007 u d-Digriet Nru 128/PMK.011/2011. Fir-Regolament Nru 13/2017 l-aktar reċenti, applikabbli matul il-PI, il-Ministeru tal-Finanzi jiddefinixxi tariffa progressiva tat-taxxa tal-esportazzjoni li tvarja minn USD 0/tunnellata - meta l-prezz internazzjonali taż-żejt tal-palm mhux raffinat (CPO) ikun taħt USD 750 - sa USD 200/tunnellata meta l-prezz tas-CPO jkun ogħla minn USD 1 250.

(116) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u skont id-Digriet Nru 13/2017, it-taxxi tal-esportazzjoni fuq is-CPO u prodotti oħra taż-żejt tal-palm huma espressi f'USD minflok bħala perċentwal tal-prezz. Barra minn hekk, it-taxxa tal-esportazzjoni tal-Indoneżja tibda meta l-prezz ta' referenza tal-gvern jaqbeż ċertu livell ta' prezz. Konsegwentement u kif argumentat mill-GTI fil-kuntest tal-investigazzjoni tal-Istati [27], "prezzijiet ogħla tal-esportazzjoni jitolbu rati tariffarji aktar għoljin". B'riżultat ta' dan, il-GTI rabat is-sistema direttament mal-prezzijiet internazzjonali tas-CPO, u mhux ma' interessi oħra, bħal-livelli tal-produzzjoni jew l-impatt ambjentali. Minn dan jirriżulta li l-effetti fuq il-prezzijiet imħallsa mill-produtturi esportaturi mhumiex inċidentali iżda r-riżultat dirett u maħsub tal-miżuri mfassla mill-GTI [28]. Skont il-leġiżlazzjoni applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ir-rata tat-taxxa tal-esportazzjoni applikabbli fuq is-CPO kienet din li ġejja:

*Tabella 1*

**Taxxa tal-esportazzjoni fuq is-CPO**

| Firxa tal-prezzijiet USD | Sistema ġdida USD/tunn. |
|---|---|
| 750 | 0 |
| 750-800 | 3 |
| 800-850 | 18 |
| 850-900 | 33 |
| 900-950 | 52 |
| 950-1 000 | 74 |
| 1 000-1 050 | 93 |
| 1 050-1 100 | 116 |
| 1 100-1 150 | 144 |
| 1 150-1 200 | 166 |
| 1 200-1 250 | 183 |
| >1 250 | 200 |

*Sors:* L-Ilment

(27) Il-Memorandum tad-Deċiżjoni tal-Istati Uniti għad-Determinazzjoni Affermattiva Preliminari tal-Investigazzjoni tad-dazju Kumpensatorju tal-Bijodiżil mir-Repubblika tal-Indoneżja; Awwissu 21, 2017, C-560-831 Investigazzjoni, p. 15, in-nota f'qiegħ il-paġna 95.

(28) Għal konklużjoni simili ara, idem, p. 15.

(117) Kif spjegat aktar 'il fuq, fl-2015 il-GTI introduċa wkoll levy ta' esportazzjoni fuq is-CPO u d-derivattivi tiegħu. Ir-rata tal-levy ta' esportazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet ta' USD 50 għal kull tunnellata fuq is-CPO u USD 30 għal kull tunnellata fuq il-prodotti raffinati. L-introduzzjoni tal-levy tal-esportazzjoni kkoinċidiet ma' perjodu meta l-prezzijiet Indoneżjani kienu kważi identiċi għall-prezzijiet dinjin. L-introduzzjoni tal-levy tal-esportazzjoni tippermetti li l-produtturi tal-bijodiżil jixtru s-CPO bi prezzijiet aktar baxxi milli altrimenti jkunu disponibbli. Fil-fatt, il-konsum domestiku żdied sew fl-2016 meta mqabbel mal-2015 (ara t-Tabella 2).

(118) Għadd ta' dokumenti juru li l-GTI segwa espliċitament l-appoġġ u l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil bħala objettiv ta' politika, b'mod partikolari billi fittex li jnaqqas il-prezz domestiku tal-materjali ta' input (CPO) u b'hekk ipprovda kontribuzzjoni finanzjarja lill-produtturi tal-bijodiżil.

(119) F'dan ir-rigward, il-GTI għamel dikjarazzjonijiet pubbliċi li jindikaw li l-appoġġ għall-industrija tal-bijodiżil huwa fil-fatt l-objettiv, jew wieħed mill-objettivi ewlenin, tar-reġim tat-taxxa tal-esportazzjoni. Id-Direttorat Ġenerali Indoneżjan għad-Dwana u s-Sisa spjega pubblikament li "l-għanijiet tad-dazji tal-esportazzjoni, (li) huwa li jiżguraw id-disponibbiltà tal-materja prima u li jixprunaw it-tkabbir tal-industrija domestika taż-żejt tal-palm downstream" ([29]). Il-Kummissjoni għalhekk ħadet nota li s-sistema tat-taxxa tal-esportazzjoni tfasslet u ġiet ippromulgata preċiżament biex tappoġġa l-industriji downstream li jużaw iż-żejt tal-palm, li l-manifattura tal-bijodiżil hija parti integrali minnhom.

(120) Din il-konstatazzjoni jappoġġawha wkoll sorsi pubbliċi oħra li analizzaw is-sistema tat-taxxi tal-esportazzjoni stabbilita mill-GTI. Pereżempju, id-WTO fl-aħħar analiżi tagħha tal-politika kummerċjali dwar l-Indoneżja kkonkludiet li "L-objettivi ta' politika rigward it-taxxi tal-esportazzjoni fuq il-komoditajiet jinkludu l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet, il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ipproċessar downstream, u t-tnaqqis tar-rata ta' tnaqqis tar-riżorsi mhux rinnovabbli fl-estrazzjoni." Fir-rapport tagħha, id-WTO rrimarkat ukoll li "skont l-awtoritajiet [tal-GTI], it-taxxi tal-esportazzjoni fuq komoditajiet primarji jistgħu jintużaw biex jitnaqqas il-prezz domestiku tal-prodotti primarji sabiex tiġi garantita l-provvista ta' inputs intermedji bi prezzijiet aktar baxxi minn tas-suq dinji għall-industriji tal-ipproċessar domestiċi. B'dan il-mod, it-taxxi tal-esportazzjoni jipprovdu inċentiv għall-iżvilupp ta' industriji tal-manifattura jew tal-ipproċessar domestiċi b'esportazzjonijiet ta' valur miżjud ogħla."

(121) L-OECD waslet ukoll għall-istess konklużjoni fir-rapport tagħha tal-2010 dwar l-impatt ekonomiku tal-limitazzjonijiet tal-esportazzjoni fuq il-materja prima li sab li "it-taxxi tal-esportazzjoni fuq iż-żejt tal-palm kienu imposti fl-Indoneżja u l-Malasja sabiex jappoġġaw l-iżvilupp tal-industriji tal-bijodiżil u taż-żejt tat-tisjir" u l-Parlament Ewropew sab li "l-Indoneżja u t-Tajlandja wkoll użaw it-taxxi tal-esportazzjoni biex inaqqsu l-prezz domestiku taż-żejt tal-palm u tar-ross, rispettivament" ([30]).

(122) Fir-rigward tal-levy ta' esportazzjoni, kif spjegat aktar 'il fuq fil-premessi (64) u (65), il-GTI, mingħajr ma kien kapaċi jipprovdi xi evidenza li tappoġġa din l-affermazzjoni, spjega li din tinġabar biex tiffinanzja l-OPPF. Il-Kummissjoni madankollu kkunsidrat li dan huwa l-essenza ta' mekkaniżmu ta' appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil. Għalkemm il-mandat tal-OPPF huwa aktar wiesa' milli sempliċement jappoġġa lill-industrija tal-bijodiżil, kif spjegat fil-premessa (77), il-Kummissjoni sabet evidenza li *de facto* din kienet l-attività ewlenija tal-OPPF matul il-perjodu ta' investigazzjoni: il-maġġoranza kbira tal-flus tal-OPPF fil-fatt intużaw biex jappoġġaw lill-industrija tal-bijodiżil.

(123) Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li l-objettiv tas-sistema ta' limitazzjonijiet tal-esportazzjoni stabbilita mill-GTI huwa fil-fatt li tappoġġa direttament u indirettament lill-industrija tal-bijodiżil u li dan mhuwiex sempliċement "effett sekondarju" tal-eżerċizzju tas-setgħat regolatorji ġenerali. Mhux talli r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ma kinux miżura regolatorja bi skop ta' dħul għall-gvern, imma kienu mfassla, introdotti u mmonitorjati mill-GTI bil-għan speċifiku li jżommu il-prezzijiet tas-CPO aktar baxxi għall-benefiċċju tal-industriji downstream ([31]).

(124) Apparti s-sistema ta' limitazzjoni fuq l-esportazzjonijiet li daħħal fis-seħħ fil-GTI, il-GTI jintervjeni wkoll fis-suq sabiex *de facto* jikkontrolla l-prezzijiet tas-CPO permezz tal-kumpanija tal-Istat PTPN.

(125) Il-GTI isostni li l-PTPN taġixxi bħala operatur razzjonali tas-suq meta tbigħ is-CPO fis-suq domestiku u li hija topera indipendentement mis-suq. Madankollu, l-evidenza disponibbli għall-Kummissjoni turi li l-PTPN taġixxi taħt influwenza qawwija tal-GTI meta tbigħ is-CPO fis-suq domestiku u *de facto* taġixxi biex tiffissa l-prezz.

---

([29]) Customs and Excise News Magazine, Volum 47, Nru 9, Settembru 2015.
([30]) Export taxes and other restrictions on raw material and their limitation through free trade agreements: Impact on developing countries (It-taxxi tal-esportazzjoni u restrizzjonijiet oħra fuq il-materja prima u l-limitazzjoni tagħhom permezz ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles: L-impatt fuq il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw), 2016.
([31]) Bl-istess mod ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' April 2019, T-300/16, Jindal Saw, ECLI:EU:T:2019:235, para. 117.

(126) Bħala rimarka preliminari, kif diġà spjegat fil-premessi (93) sa (96), il-Kummissjoni rrimarkat li PTPN ma kkooperatx mal-investigazzjoni u ma ppreżentatx l-informazzjoni mitluba. Rappreżentanti ta' PTPN kienu madankollu preżenti matul iż-żjara ta' verifika għand il-GTI. F'dik l-okkażjoni, kemm PTPN innifsu kif ukoll il-GTI taw xi spjegazzjonijiet dwar il-funzjonament ta' PTPN, madankollu mingħajr ma pprovdew xi evidenza ta' sostenn għall-affermazzjonijiet tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha fuq il-fatti disponibbli.

(127) Il-Kummissjoni fittxet informazzjoni dwar is-sjieda tal-Istat kif ukoll indizji formali ta' kontroll tal-gvern f'PTPN. Analizzat ukoll jekk il-kontroll thaddimx b'mod sinifikattiv. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni kellha parzjalment tiddependi fuq il-fatti disponibbli minħabba li l-GTI u PTPN irrifjutaw li jipprovdu evidenza dwar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni fl-istrutturi ta' PTPN.

(128) PTPN huwa grupp ta' kumpaniji 100 % tal-Istat li jipproduċi komoditajiet differenti, inkluż is-CPO. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-GTI jikkontrolla lil PTPN direttament. Matul iż-żjara ta' verifika, il-GTI u PTPN spjegaw li tal-ewwel jaħtar il-korpi korporattivi kollha tat-tieni. B'mod aktar preċiż, il-GTI u PTPN spjegaw li:

(a) Il-GTI jaħtar direttament il-Bord tad-Diretturi kollu ta' PTPN;

(b) Il-Bord tad-Diretturi huwa soġġett għas-superviżjoni ta' "Bord tal-Kummissarji", maħtur ukoll mill-GTI; kif ukoll,

(c) Finalment, il-korpi korporattivi kollha jirrappurtaw lill-GTI.

(129) Appart dan ta' hawn fuq, l-investigazzjoni wriet ukoll li l-Bord tad-Diretturi huwa responsabbli għad-deċiżjonijiet rilevanti kollha li jieħdu l-kumpaniji tal-grupp ta' PTPN, inkluża d-deċiżjoni dwar l-istrateġija tal-ipprezzar għall-bejgħ tas-CPO kif ukoll li l-aċċettar tal-offerti għas-CPO fil-kuntest tas-sistema ta' rkant deskritta aktar fil-premessa (132). Fid-dawl tas-sistema ta' governanza korporattiva deskritta hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-GTI effettivament jiddereiġi l-proċess kollu tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' PTPN, u għalhekk jeżerċita influwenza deċiżiva fuq dan tal-aħħar.

(130) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li PTPN hija taħt il-kontroll tal-GTI.

(131) L-investigazzjoni kisbet aktar evidenza li l-GTI eżerċita kontroll sinifikattiv fuq PTPN meta din stabbiliet u aċċettat il-prezzijiet tas-CPO, u li PTPN taġixxi biex tiffissa l-prezz għall-prezzijiet domestiċi tas-CPO Indoneżjan.

(132) Fir-rigward tas-CPO, PTPN torganizza rkanti ta' kuljum għas-CPO tiegħu. Biex ikollhom aċċess għall-pjattaforma online, il-kumpaniji jridu jirreġistraw. L-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni tindika li l-uniċi rekwiżiti li l-kumpaniji jridu jikkonformaw magħhom sabiex jirreġistraw huma ta' natura finanzjarja sabiex jiggarantixxu s-solvenza tagħhom. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prezz li bih jinbiegħ is-CPO f'dawn l-irkanti huwa stabbilit mill-GTI u ma jirriflettix kundizzjonijiet tas-suq mingħajr distorsjoni.

(133) Il-Kummissjoni adottat din l-opinjoni minħabba l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' PTPN. Partikolarment, il-GTI spjega li qabel tniedi l-proċess tal-offerti ta' kuljum, PTPN tidentifika "idea tal-prezz" għall-ġurnata. Il-Kummissjoni, madankollu, vverifikat li PTPN ma għndhiex l-obbligu li tirrifjuta offerti taħt l-"idea tal-prezz". Bil-maqlub, meta l-prezz li joffru x-xerrejja prospettivi jkun taħt dik l-"idea tal-prezz" il-kwistjoni tgħaddi għand il-Bord tad-Diretturi li jista' jiddeċiedi li jaċċetta l-offerta. Matul iż-żjara ta' verifika l-Kummissjoni kkonfermat li dawn l-aċċettazzjonijiet isiru fuq bażi regolari. F'kull każ, il-fatt li d-deċiżjonijiet dwar i-prezzijiet jittieħdu mill-bord ta' ġestjoni tal-PTPN fejn il-GTI biss huwa rappreżentat jindika li l-GTO iħaddem kontroll sinifikattiv fuq PTPN u l-kif din taġixxi fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-ipprezzar.

(134) Fid-dawl tal-fatt li l-Bord tad-Diretturi ta' PTPN jinħatar mill-GTI u jirrapporta lilu, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan tal-aħħar effettivament jistabbilixxi l-prezz tas-CPO fis-suq domestiku.

(135) L-investigazzjoni wriet ukoll li bħala riżultat tal-kontroll sinifikattiv tal-GTI, PTPN ma taġixxix fis-suq bħala operatur razzjonali. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, jidher li PTPN, billi ssegwi d-direttivi tal-GTI, kienet qed tagħmel telf matul dawn l-aħħar snin. Kull operatur razzjonali, tant aktar operatur razzjonali b'importanza daqshekk kruċjali fis-suq tas-CPO, li jaġixxi b'mod razzjonali kien jimmassimizza l-profitt tiegħu aktar milli jagħmel it-telf.

(136) L-investigazzjoni wriet ukoll li, bl-impożizzjoni ta' taxxa tal-esportazzjoni u levy ta' esportazzjoni fuq is-CPO, il-GTI jpoġġi lill-PTPN f'sitwazzjoni ekonomikament irrazzjonali, li ġġegħelha tbigħ is-CPO domestikament bi prezz aktar baxx milli jkun jista' jinkiseb fin-nuqqas ta' dawk ir-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni. Għalhekk PTPN hija mċaħħda minn għażla razzjonali u mġiegħla tikkonforma mal-objettiv ta' politika dwar it-taxxa u l-levy tal-esportazzjoni.

(137) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li PTPN hija korp pubbliku ([32]). L-evidenza disponibbli tindika li PTPN qed tħaddem funzjonijiet governattivi meta tbigħ is-CPO fuq is-suq u tindika l-prezz li jrid jiġi segwit mill-fornituri l-oħrajn kollha tas-CPO fuq is-suq, ħaġa li hi segwita konsistentement u sistematikament. Kif spjegat fil-premessa (142) hawn taħt, l-investigazzjoni tabilħaqq uriet li l-ebda fornitu ta' CPO lill-produtturi esportaturi ma biegħ bi prezzijiet ogħla mill-prezz stabbilit minn PTPN. Dan l-iffissar tal-prezz huwa kompatibbli mal-ambitu u l-kontenut tal-politiki tal-GTI li jirrigwardaw is-setturi tas-CPO u tal-bijodiżil. Peress li l-fornituri tas-CPO ma pprovdewx biżżejjed informazzjoni għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn allinjaw il-prezzijiet tagħhom ma' dawk stabbiliti minn PTPN sabiex jikkonformaw mal-objettivi ta' politika dikjarati li l-prezz tas-CPO jinżamm artifiċjalment baxx.

(138) Fi kwalunkwe każ, kieku PTPN kellha titqies bħala korp privat, l-istess evidenza tkun tindika li mill-anqas PTPN ġiet inkarigata jew ordnata mill-GTI biex tiffissa l-prezzijiet tas-CPO f'livell artifiċjalment baxx fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(139) Barra minn hekk, l-investigazzjoni indikat li l-prezz tas-suq domestiku ta' kuljum tas-CPO kien jirrifletti mill-qrib il-prezz tal-għotja tal-irkanti ta' kuljum ta' PTPN.

(140) Il-Kummissjoni osservat li d-*data* tal-offerti hija pubblikament disponibbli għall-kumpaniji kollha rreġistrati fis-sistema tal-informatika ta' PTPN, irrispettivament minn jekk ikunux ipparteċipaw f'offerti individwali u jekk kellhomx suċċess fl-offerti tagħhom. Il-Kummissjoni setgħet tivverifika li PTPN tippubblika r-riżultat tal-offerta ta' kuljum fuq il-pjattaforma online tagħha dejjem fit-15:30 tal-jum tal-offerta, fejn tindika l-prezz unitarju eżatt ta' aġġudikazzjoni għas-CPO.

(141) Il-produtturi esportaturi kollha kkonfermaw li jagħmlu negozjati ta' kuljum għax-xiri tas-CPO ma' fornitur mhux tal-Istat, u li dawk in-negozjati ġeneralment jitwettqu ladarba jkunu disponibbli r-riżultati tal-offerti ta' PTPN u l-prezz tal-bidu tan-negozjar ikunu l-prezzijiet ta' kuljum ta' PTPN. Il-produtturi esportaturi spjegaw ukoll li d-differenzi fil-prezz bejn il-prezzijiet ta' PTPN u l-prezz innegozjat mal-fornitur indipendenti tas-CPO huma dovuti prinċipalment għal kostijiet loġistiċi differenti. F'dan ir-rigward, il-produtturi esportaturi spjegaw li l-offerti ta' PTPN jinħarġu għal konsenji prinċipalment f'Dumai (fuq il-gżira ta' Sumatra) u Belawan, li qiegħed f'lokalizzazzjoni ideali għal-loġistika. Fornituri indipendenti oħra jistgħu jkunu lokalizzati f'żoni aktar remoti, bħal pereżempju l-gżira ta' Borneo, u għalhekk l-ispejjeż loġistiċi jiżdiedu. Għalhekk, il-produtturi esportaturi spjegaw li l-prezz ta' PTPN iqis l-aġġustament għall-ispejjeż tat-trasport.

(142) Il-Kummissjoni tista' tivverifika li, matul il-PI, il-prezz unitarju mħallas mill-produtturi esportaturi lill-produtturi tas-CPO li mhumiex tal-Istat kien dejjem l-istess jew anqas mill-prezz ta' PTPN għal dik il-ġurnata.

(143) Għaldaqstant, u abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li, *de facto*, il-fornituri indipendenti kollha tas-CPO fl-Indoneżja, irrispettivament mid-daqs tagħhom, jallinjaw il-prezzijiet tagħhom mal-prezzijiet ta' kuljum ta' PTPN u li kwalunkwe devjazzjoni minnhom tirriżulta prinċipalment mill-kostijiet loġistiċi.

(144) Il-ġurisprudenza tad-WTO spjegat il-kunċett ta' direzzjoni ta' korp privat bħala l-eżerċizzju tal-awtorità minn gvern fuq korp privat. Il-Korp tal-Appell fi Stati Uniti – Dazju Kumpensatorju fuq DRAMS, spjega li d-direzzjoni fil-fatt tinvolvi l-eżerċizzju tal-awtorità mill-gvern, iżda kkjarifika wkoll li interpretazzjoni ta' "ordni" limitata għal "kmand" tkun dejqa wisq billi "(…) il-gvernijiet x'aktarx ikollhom mezzi oħra għad-dispożizzjoni tagħhom biex jeżerċitaw awtorità fuq korp privat. Xi wħud minn dawn il-mezzi jistgħu jkunu aktar sottili minn 'kmand' jew mhux bilfors jinvolvu l-istess grad ta' kompulsjoni".

([32]) WT/DS379/AB/R (US – Anti-Dumping and Countervailing Duties on Certain Products from China), Rapport tal-Bord tal-Appell tal-11 ta' Marzu 2011, DS 379, il-paragrafu 318. Ara wkoll WT/DS436/AB/R (US — Carbon Steel (India)), Rapport tal-Bord tal-Appell tat-8 ta' Diċembru 2014, il-paragrafi 4.9 - 4.10, 4.17 – 4.20 kif ukoll WT/DS437/AB/R (United States – Countervailing Duty Measures on Certain Products from China) Rapport tal-Bord tal-Appell tat-18 ta' Diċembru 2014, il-paragrafu 4.92; kif ukoll ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, United States – Countervailing Duty Measures on Certain Products from China, WT/DS437/AB/RW, adottat fis-16 ta' Lulju 2019, para. 5.96.

(145) Il-Kummissjoni qieset li billi jorganizza mekkaniżmu trasparenti ta' ffissar tal-prezzijiet, il-GTI qiegħed jeżerċita wieħed minn dawk il-mezzi aktar sottili ta' ordni lill-fornituri Indoneżjani tas-CPO msemmija mill-Korp tal-Appell. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni qieset li billi jagħmel pubbliku l-prezz unitarju ta' kuljum tas-CPO, il-GTI effettivament jistabbilixxi prezz massimu li bih tinbiegħ il-komodità f'dak il-jum speċifiku. It-trasparenza eżistenti fis-suq fil-fatt tippermetti lix-xerrejja jikkoordinaw l-imġiba tagħhom billi fil-prattika ma jixtrux CPO mingħand fornituri li jitolbu prezz ogħla minn dak stabbilit mill-GTI.

(146) Barra minn hekk, l-investigazzjoni indikat li f'termini ta' saħħa ta' negozjar is-suq huwa żbilanċjat b'mod sinifikanti favur ix-xerrejja tas-CPO. Is-suq għas-CPO huwa fil-fatt pjuttost frammentat, b'40 % tal-provvista ġejja minn bdiewa individwali, bejn 6 % u 9 % mingħand PTPN u l-bqija mingħand fornituri "akbar" (meta mqabbla mal-bdiewa individwali) iżda li xorta għandhom ishma modesti mis-suq. Kuntrarju għal dan, u b'mod partikolari fir-rigward tal-industrija tal-bijodiżil, ix-xerrejja huma impriżi akbar li għandhom bżonn volumi sinifikanti ta' materja prima li ġeneralment ma jistgħux jissodisfaw kompletament bil-provvista interna tagħhom. F'dan il-kuntest, kwalunkwe xerrej ikollu grad sinifikanti ta' saħħa tax-xerrej, b'mod li jkun jista' jirreżisti kwalunkwe tentattiv mill-fornitur tiegħu biex jitlob prezz ogħla minn dak stabbilit mill-GTI. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li billi jikkomunika b'mod trasparenti l-prezzijiet ta' kuljum tas-CPO, il-GTI qiegħed, permezz ta' PTPN, effettivament jistabbilixxi l-prezzijiet massimi ta' kuljum tas-CPO fl-Indoneżja. Tali prezz referenzjarju jammonta għal gwida għall-fornituri tas-CPO biex ibigħu CPO fl-Indoneżja b'konformità mal-objettivi pubbliċi segwiti.

(147) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li bl-impożizzjoni ta' taxxa tal-esportazzjoni u levy tal-esportazzjoni fuq is-CPO, il-GTI jpoġġi lill-produtturi tas-CPO Indoneżjani f'sitwazzjoni ekonomikament irrazzjonali, li ġġegħilhom ibigħu l-prodotti tagħhom domestikament bi prezz aktar baxx milli jistgħu jiksbu fin-nuqqas ta' dawk ir-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni. Għalhekk huma mċaħħda minn għażla razzjonali u mġiegħla jikkonformaw mal-objettiv ta' politika tat-taxxa u l-levy ta' esportazzjoni.

(148) Għalkemm it-taxxa tal-esportazzjoni ma kinitx dovuta matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-levy ta' esportazzjoni kienet. Dan wassal biex il-fornituri tas-CPO kienu ristretti fl-imġiba tagħhom billi bl-impożizzjoni ta' dik il-levy, il-GTI effettivament jillimita l-libertà ta' azzjoni tal-fornituri tas-CPO billi *de facto* jillimita d-deċiżjoni kummerċjali tagħhom dwar b'liema prezz ibigħu l-prodott tagħhom u fejn. Mingħajr il-levy tal-esportazzjoni, il-produtturi tas-CPO li jaġixxu b'mod razzjonali kienu jippruvaw jimmassimizzaw il-profitt tagħhom, billi jbigħu aktar volumi ta' CPO fis-suq tal-esportazzjoni aktar milli jbigħuh domestikament.

(149) Bl-impożizzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet, il-GTI għalhekk jimpedixxi lill-fornituri tas-CPO milli jimmassimizzaw id-dħul tagħhom li jkunu jistgħu jiksbu fin-nuqqas tal-levy ta' esportazzjoni.

(150) F'konformità mal-konklużjoni tal-Korp tal-Appell fi Stati Uniti – Dazju Kumpensatorju fuq DRAMS, il-Kummissjoni kienet tal-opinjoni li l-GTI jidderieġi l-fornituri tas-CPO skont it-tifsira tal-Artikolu 1.1(a)(iv) tal-Ftehim SCM. F'dak il-każ, fil-fatt, il-Korp tal-Appell ikkonkluda li "jista' jkun diffiċli jiġi identifikat b'mod preċiż, fl-astratt, it-tipi ta' azzjonijiet tal-gvern li jikkostitwixxu inkarigu jew ordni u dawk li ma jagħmlux dan. It-tikketta partikolari użata biex tiddeskrivi l-azzjoni tal-gvern mhux neċessarjament hija dispożittiva. Fil-fatt, kif il-Korea tirrikonoxxi, f'xi ċirkustanzi, il-'gwida' minn gvern tista' tikkostitwixxi ordni. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, wieħed jistenna li l-inkarigu jew l-ordni lil korp privat jinvolvu xi forma ta' theddida jew persważjoni, li tista', min-naħa tagħha, isservi bħala evidenza ta' inkarigu jew ordni. Id-determinazzjoni ta' inkarigu jew ordni tiddependi fuq il-fatti partikolari tal-każ". F'dan il-każ il-Kummissjoni, appoġġata wkoll mill-evidenza disponibbli, ikkonkludiet li l-GTI ħoloq sistema li tħeġġeġ lill-fornituri jbigħu s-CPO bi prezz speċifiku, u b'hekk tordnalhom biex jagħmlu dan. Kif spjegat fil-premessi (168) u (169) hawn, il-Kummissjoni stabbiliet li l-prezz ippubblikat PTPN jikkostitwixxi l-prezz massimu fis-suq domestiku tal-Indoneżja u *de facto* huwa segwit mill-produtturi kollha tas-CPO u tal-bijodiżil fis-suq. Fl-aħħar nett, b'referenza għar-rekwiżit ta' xi tip ta' parteċipazzjoni tal-gvern, ta' min ifakkar li PTPN hija korp pubbliku u għalhekk l-attività tagħha tista' titqies bħala l-attività tal-GTI fis-suq u l-attività ta' PTPN tikkwalifika b'mod ċar bħala dik "ir-rabta dimostrabbli" bejn il-politika u l-imġiba tal-korpi privati involuti, li qegħdin jaġixxu bħala prokuratur għall-GTI biex iwettaq il-politika tiegħu.

(151) Għalhekk, permezz ta' dawk il-miżuri l-GTI iħajjar lill-fornituri tas-CPO biex iżommu s-CPO fl-Indoneżja billi ma jistgħux ibigħu bi prezzijiet aħjar li jkun hemm fl-Indoneżja mingħajr dawk il-miżuri.

(152) F'dan is-sens, il-produtturi tal-input huma "inkarigati" jew "diretti" mill-GTI sabiex jipprovdu prodotti lill-utenti domestiċi tas-CPO, u l-aktar lill-produtturi tal-bijodiżil, għal remunerazzjoni anqas minn adegwata. Il-produtturi tas-CPO huma mogħtija r-responsabbiltà li joħolqu suq domestiku bi prezzijiet baxxi artifiċjali fl-Indoneżja.

(153) Fi kliem ieħor, meta japplika s-sett ta' miżuri deskritti, il-GTI jaf kif il-fornituri tas-CPO se jirreaġixxu għall-miżuri u liema konsegwenzi se jirriżultaw minnhom. Il-Kummissjoni sabet ukoll evidenza li l-GTI qiegħed b'mod proattiv jintervjeni fis-suq tas-CPO sabiex jinkoraġġixxi lill-fornituri privati biex jikkonformaw mal-mandat impost fuqhom. Artiklu fl-istampa pereżempju spjega li, "Il-Gvern tal-Indoneżja qed ikompli jappoġġa l-ġestjoni sostenibbli tal-pjantaġġuni taż-żejt tal-palm permezz tal-iżborż għall-ammont ta' IDR 6,35 biljun f'fondi għat-tħawwil mill-ġdid lil 135 bidwi b'azjenda agrikola żgħira msieħbin ma' Asian Agri". F'dan l-artikolu, il-president direttur tal-OPPF iddikjara li, "Iż-żejt tal-palm huwa settur importanti li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija Indoneżjana. Wara 25 sena, jenħtieġ li nagħtu ħajja ġdida lill-industrija taż-żejt tal-palm sabiex niggarantixxu produttività għolja skont il-ħtiġijiet tal-industrija, l-iżvilupp sostenibbli, u titjib tal-benesseri għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar u għall-komunitajiet" ([33]). Din id-dikjarazzjoni turi ċar kif il-GTI qed jappoġġa lill-produtturi tas-CPO essenzjalment għall-benefiċċju tal-produtturi tal-bijodiżil.

(154) Barra minn hekk, artikolu ieħor fl-istampa jindika li, "L-Indoneżja bħalissa qed twettaq programm sussidjat ta' tħawwil mill-ġdid tal-palm għall-bdiewa b''azjendi agrikoli żgħar biex tagħti spinta lir-rendiment mingħajr ma jikber id-daqs tal-pjantaġġuni. Il-gvern għandu l-għan li sal-2025 jitħawlu mill-ġdid 2,4 miljun ettaru ta' wiċċ ikkultivat bil-palm" ([34]) li jkompli jindika kemm il-GTI qed jissussidja lill-produtturi tas-CPO biex iħajjarhom jikkonformaw mal-objettivi politiċi.

(155) Filwaqt li l-fornitur tas-CPO jista' jnaqqas il-produzzjoni domestika tiegħu daqsxejn biex jirrispondi għat-taxxi tal-esportazzjoni u miżuri restrittivi oħra, il-produzzjoni ma waqfitx, u lanqas ma naqset b'mod sinifikanti. B'kuntrarju għal dan, u ħlief għall-2015, il-produzzjoni tas-CPO Indoneżjan żdied konsistentement b'aktar minn 5 % kull sena, u fl-2018 laħaq 41 500 Mt. F'dan ir-rigward, l-artikolu fl-istampa jindika kif "Flimkien mal-ibbilanċjar mill-ġdid tal-finanzi pubbliċi, il-programm B20 għandu l-għan ukoll li jagħti spinta lill-konsum domestiku taż-żejt tal-palm, wara tnaqqis fil-prezzijiet din is-sena" ([35]) li jipprovdi evidenza li l-GTI, sabiex jiggarantixxi li l-fornituri tas-CPO jikkonformaw mal-mandat li ġie impost fuqhom, jappoġġahom billi jżid il-bejgħ tagħhom b'mod artifiċjali.

(156) Il-Kummissjoni kkonkludiet li dan huwa r-riżultat tal-fatt li l-GTI jinkariga u jordna lill-produtturi tas-CPO biex jipprovdu CPO għal remunerazzjoni anqas minn adegwata.

(157) F'dan ir-rigward il-Kummissjoni qieset li s-sempliċi fatt li t-taxxi u/jew il-levies ta' esportazzjoni mhumiex imsemmija espliċitament fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku ma jeskludihomx milli jkollhom in-natura potenzjali ta' kontribuzzjoni finanzjarja u għalhekk jaqgħu fid-definizzjoni ta' sussidju skont ir-Regolament bażiku u l-Ftehim SCM. Il-Kummissjoni pprovdiet biżżejjed evidenza li t-taxxa u l-levy ta' esportazzjoni fuq is-CPO ntużat bħala għodda biex iġġiegħel lill-produtturi tas-CPO jikkonformaw mal-objettivi ta' politika tal-Istat b'mod li jammonta għal sussidju kumpensabbli kif speċifikat fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku.

#### 3.3.3.3. Inkarigu jew ordni lill-korpi privati fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku

(158) Il-Kummissjoni mbagħad ivvalutat jekk il-produtturi tas-CPO fl-Indoneżja humiex korpi privati nkarigati jew ordnati mill-GTI fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(159) L-investigazzjoni wriet li, ħlief PTPN, il-produtturi kollha tas-CPO fl-Indoneżja huma jew bdiewa indipendenti jew korporazzjonijiet privati mhux konnessi mal-GTI. Il-produtturi indipendenti tas-CPO jirrappreżentaw aktar minn 90 % tas-suq u l-produtturi esportaturi kollha kisbu mingħandhom proporzjon tal-ħtiġijiet tagħhom ta' CPO.

([33]) https://www.asianagri.com/en/medias/media/press-release/indonesian-oil-palm-estate-fund-agency-bpdpks-handed-the-idr-6-75-billion-of-replanting-fund-to-asian-agri-s-smallholders
([34]) https://www.reuters.com/article/us-indonesia-palmoil/palm-oil-watchdog-to-create-separate-standards-for-smallholders-indonesia-director-idUSKCN1SU1DL
([35]) https://www.theborneopost.com/2018/11/18/indonesia-boosts-domestic-palm-oil-consumption-as-currency-pressures-mount/

(160) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-produtturi kollha ts-CPO huma korpi privati li huma inkarigati mill-GTI fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku biex jipprovdu CPO għal remunerazzjoni anqas minn adegwata.

3.3.3.4. Forniment tas-CPO għal remunerazzjoni anqas minn adegwata

(161) Fl-istadju sussegwenti, il-Kummissjoni vverifikat jekk il-produtturi tas-CPO fil-fatt wettqux il-politika tal-gvern Indoneżjan li jipprovdu s-CPO għal remunerazzjoni anqas minn adegwata. Dan kien jeħtieġ analiżi dettaljata tal-iżviluppi tas-suq fl-Indoneżja mqabbla ma' parametru referenzjarju xieraq.

(162) Permezz tas-sett ta' miżuri, il-GTI ġiegħel lill-produtturi tas-CPO jbigħu lokalment bi prezzijiet aktar baxxi milli mod ieħor, jiġifieri kieku ma kienx hemm dawk il-miżuri, il-produtturi kienu jesportaw is-CPO bil-prezz ogħla tas-suq dinji jew sempliċement kienu jaġġustaw il-provvista u l-prezzijiet tagħhom għar-restrizzjonijiet tas-suq.

(163) Il-Kummissjoni qieset ukoll li minkejja l-fatt li l-GTI jgħid li l-prezz stabbilit minn PTPN għas-CPO tiegħu huwa ġust minħabba li l-idea tal-prezz hija bbażata fuq l-indiċi tas-CPO Malasjan, il-prezzijiet domestiċi fl-Indoneżja huma aktar baxxi mill-prezzijiet tas-suq. Biex waslet għal din il-konklużjoni, il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet domestiċi tas-CPO Indoneżjani mal-prezzijiet tal-Malasja. Ir-riżultat ta' dan l-eżerċizzju indika li l-prezzijiet domestiċi tas-CPO Indoneżjani huma konsistentement aktar baxxi mill-prezzijiet tas-CPO Malasjani u l-prezz medju tas-CPO matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien USD 540 għal kull tunnellata fl-Indoneżja kontra ta' USD 599 għal kull tunnellata fil-Malasja.

(164) F'dan ir-rigward, il-GTI fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju pprovda *data* storika dwar l-iżvilupp tal-prezzijiet domestiċi tas-CPO meta mqabbla mal-prezzijiet internazzjonali.

(165) Il-Kummissjoni ma vverifikatx il-metodoloġija ta' aġġustament CIF użata mill-GTI biex jipproduċi t-tabella ta' hawn fuq. Madankollu, d-*data* tindika b'mod ċar li l-prezzijiet domestiċi Indoneżjani kienu kostantement aktar baxxi mill-prezzijiet tas-suq internazzjonali, anki f'każ li l-metodoloġija applikata tkun favorevoli għall-GTI.

(166) Jista' jinkiseb riżultat simili wkoll billi jitqabbel l-iżvilupp tal-prezzijiet domestiċi tas-CPO matul il-perjodu ta' investigazzjoni mal-iżvilupp mal-prezz tas-CPO esportat mill-Indoneżja.

(167) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-GTI, il-prezzijiet tas-CPO fis-suq domestiku Indoneżjan matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienu konsistentement madwar 10 % anqas mill-prezzijiet ta' esportazzjoni tas-CPO Indoneżjan, skont l-Istatistiċi tal-Indoneżja dwar l-Esportazzjoni.

(168) Fir-rigward tal-prezzijiet tas-CPO mitluba minn fornituri mhux tal-Istat, l-investigazzjoni indikat ukoll li x-xiri kollu tas-CPO fl-Indoneżja jitwettaq bil-prezzijiet ta' kuljum ta' PTPN, aġġustati għall-kostijiet tat-trasport. Għalhekk, b'mod partikolari għax-xiri spot, il-prezz ta' PTPN kien *de facto* jirrappreżenta l-prezz massimu tas-CPO għal dik il-ġurnata. L-informazzjoni pprovduta mill-produtturi esportaturi fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju kkonfermat din is-sejba. Il-Kummissjoni vverifikat għadd ta' tranżazzjonijiet, u għal kollha kemm huma hija osservat li l-prezz għal kull unità mħallas lill-fornitur indipendenti rilevanti kien aktar baxx jew l-istess bħall-prezz ta' kuljum ta' PTPN. Fl-ebda każ tat-tranżazzjonijiet verifikati, il-Kummissjoni ma setgħet tosserva prezz ogħla mill-prezz ta' PTPN għal dik il-ġurnata.

(169) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-azzjonijiet tal-GTI jidderieġu lill-fornituri tas-CPO sabiex jipprovdu s-CPO b'remunerazzjoni anqas minn adegwata, fost l-oħrajn, lill-produtturi tal-bijodiżil billi *de facto* jistabbilixxu prezz massimu fis-suq domestiku Indoneżjan tas-CPO.

3.3.3.5. Il-funzjoni li normalment tkun vestita fil-gvern u l-prattika, li, fl-ebda sens reali, ma tvarja mill-prattiki normalment segwiti mill-gvernijiet

(170) Fir-rigward tal-kriterju "normalment vestita", li kien għadu ma ġiex kjarifikat aktar mill-Bord, il-Kummissjoni qieset li l-forniment ta' materja prima li tinsab ġewwa pajjiż, lil kumpaniji nazzjonali, huwa funzjoni li normalment hija vestita fil-gvern. Skont il-liġi internazzjonali ġenerali, l-Istati għandhom is-sovranità fuq ir-riżorsi naturali tagħhom. Filwaqt li jgawdu minn diskrezzjoni kbira dwar kif jorganizzaw l-isfruttament tar-riżorsi naturali tagħhom, is-sovranità tagħhom normalment tissarraf f'setgħa governattiva regolatorja biex jagħmlu dan. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti jekk gvern normalment ikunx involut jew le f'din il-funzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk sabet li l-forniment ta' CPO li jinsab fl-Indoneżja, lill-industrija tal-bijodiżil Indoneżjana, huwa funzjoni li normalment hija vestita fil-gvern.

(171) Fir-rigward tal-kriterju li "fl-ebda sens reali ma tvarja", il-Kummissjoni osservat li l-lingwaġġ oriġina mir-Rapport tal-Bord tal-1960 dwar l-Eżami Skont l-Artikolu XVI:5, li fih intuża lingwaġġ simili fir-rigward tal-imposti ffinanzjati mill-produtturi li tqiesu li mhumiex differenti, fi kwalunkwe sens reali, mill-prattiki governattivi tat-tassazzjoni u tas-sussidjar. F'dan l-isfond, dan il-kriterju jeħtieġ konstatazzjoni affermattiva li l-forniment tal-oġġetti mill-korpi privati inkarigati ma jvarjax, fl-ebda sens reali, mill-ipoteżi li l-gvern kien ipprovda tali oġġetti huwa stess. Il-Kummissjoni qieset li dan huwa l-każ. Minflok jipprovdi l-inputs direttament lill-industrija tal-bijodiżil biex jilħaq l-objettivi ta' politika pubblika tal-GTI li jsaħħaħ l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil, inkluż il-potenzjal ta' esportazzjoni tagħha, il-GTI jġiegħel entitajiet privati jagħmlu dan f'ismu permezz ta' sett ta' miżuri. Barra minn hekk, sa fejn tali forniment ta' prodotti mill-gvern jinvolvi xi spejjeż operattivi (bħall-konċessjoni ta' sussidji lill-elementi produttivi jew ir-rinunzja ta' dħul permezz tal-forniment ta' oġġetti għal remunerazzjoni anqas minn adegwata), tali azzjoni jenħtieġ li tinftiehem bħala l-funzjonijiet tipiċi normali vestiti fil-gvern ([36]).

3.3.3.6. Konklużjoni

(172) Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sett ta' miżuri adottati mill-GTI iwassal għal kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' forniment ta' CPO mill-Gvern għal remunerazzjoni anqas minn adegwata lill-produtturi esportaturi tal-bijodiżil Indoneżjani, skont l-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

3.3.3.7. Appoġġ għall-prezz jew għad-dħul

(173) Barra minn dak ta' hawn fuq, u għar-raġunijiet stipulati hawn taħt, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sett ta' miuri adottati mill-GTI li jintervjenu fis-suq tas-CPO jistgħu jikkwalifikaw ukoll bħala appoġġ għad-dħul u l-prezzijiet mogħti mill-GTI favur il-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjan fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku.

(174) Tabilħaqq, il-kategoriji ta' "kontribuzzjoni finanzjarja"/"appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet" ma jeskludux waħda lill-oħra. Fil-fatt, il-Korp tal-Appell ikkonferma li l-"firxa ta' miżuri tal-gvern li kapaċi jipprovdu sussidji [taħt 'kontribuzzjoni finanzjarja'] titwessa' aktar bil-kunċett ta' 'appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet' fil-paragrafu (2) tal-Artikolu 1.1(a)" ([37]). Din l-interpretazzjoni hija konsistenti wkoll mal-għan u l-iskop tal-Ftehim SCM, li huwa "li jżid u jtejjeb id-dixxiplini tal-GATT relatati mal-użu kemm tas-sussidji kif ukoll tal-miżuri kumpensatorji" ([38]). Għalhekk, konstatazzjoni li miżura tammonta għal kontribuzzjoni finanzjarja ma teskludix li l-istess miżura tiġi kkwalifikata bħala appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet. Bl-istess mod, konstatazzjoni li miżura ma tissodisfax ir-rekwiżiti biex tikkwalifika bħala inkarigu jew ordni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku, tista' taqa' taħt il-kategorija usa' ta' appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku.

(175) L-oriġini tat-terminu "appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet" jinstab fl-Artikolu XVI tal-GATT, li d-dispożizzjoni tiegħu jirreferi għaliha l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku. L-Artikolu XVI tal-GATT jirreferi għal "kwalunkwe sussidju inkluża kwalunkwe forma ta' appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet, li jopera direttament jew indirettament sabiex iżid l-esportazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott mit-territorju tiegħu, jew biex inaqqas l-importazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott fit-territorju tiegħu". F'dan is-sens, appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet huwa forma oħra ta' sussidjar ([39]).

(176) Il-kliem "kwalunkwe forma" jindika l-ambitu wiesa' ta' din il-kategorija, fis-sens li jinkludi l-forom kollha li magħżula mill-gvern li jipprovdu appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet. F'dan is-sens, it-tifsira tad-dizzjunarju ta' "forma" tirreferi għal "wieħed mill-modi differenti li bih oġġett ikun jeżisti jew jimmanifesta ruħu; speċi, tip, jew varjetà" u wkoll "manjiera, metodu, mod" ([40]) Għalhekk, "kwalunkwe forma" tinkludi kwalunkwe mod jew manjiera li bihom il-gvern jipprovdi appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet lil xi ħadd ([41]).

([36]) Ara r-Rapport tal-Bord, *United States – Countervailing Duty Investigation on Dynamic Random Access Memory Semiconductors (Drams) from Korea*, WT/DS296, tal-21 ta' Frar 2005, nota ta' qiegħ il-paġna 57 ("[A]ħna nqisu li r-referenza għal funzjonijiet 'normalment vestiti fil-gvern' jenħtieġ li tinftiehem ukoll li tfisser funzjonijiet ta' tassazzjoni u spejjeż operattivi. (…) Sal-punt li self u miżuri ta' ristrutturazzjoni jinvolvu tassazzjoni jew il-kopertura ta' spejjeż operattivi, dawn jistgħu jaqgħu fl-ambitu ta' dik id-dispożizzjoni.")

([37]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *United States – Final Countervailing Duty Determination with Respect to Certain Softwood Lumber from Canada*, WT/DS257/AB/RW, adottat fis-17 ta' Frar 2004, DSR 2004:II, p. 571, para. 52.

([38]) Ir-Rapport tal-Bord tal-Appell, *United States – Countervailing Duties on Certain Corrosion-Resistant Carbon Steel Flat Products from Germany*, WT/DS213/AB/R u Corr.1, adottat fid-19 ta' Diċembru 2002, DSR 2002:IX, p. 3779, para. 73, nota ta' qiegħ il-paġna 65.

([39]) Ara l-Opinjoni ta' AG Van Gerven tas-7 ta' Marzu 1989, *Fediol v Commission*, C-70/87, ECLI:EU:C:1989:110, nota f'qiegħ il-paġna 33.

([40]) Dizzjunarju online tal-Ingliż Oxford, entrati I.5.b u I.10.

([41]) Bord tal-GATT dwar is-Sussidji u l-Kummerċ Statali, Rapport dwar is-sussidji, L/1160, tat-23 ta' Marzu 1960 (Il-bord qabel li "sistema li biha gvern, b'metodi diretti jew indiretti, iżomm tali prezz permezz ta' xiri jew bejgħ mill-ġdid f'qagħda ta' telf huwa sussidju").

(177) "Appoġġ" jindika "l-azzjoni ta' kontribuzzjoni għas-suċċess jew iż-żamma tal-valur ta' xi ħaġa" ([42]). Il-kelma "appoġġ" spiss tintuża fil-kuntest tal-agrikoltura, bħala li tirreferi għal programmi ta' appoġġ tal-gvern ([43]). B'hekk, it-tifsira ta' "appoġġ" fl-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku tirreferi għall-azzjoni tal-gvern li tikkontribwixxi għas-suċċess jew għaż-żamma tal-valur tal-prezzijiet jew tad-dħul li wieħed jirċievi.

(178) Il-Kummissjoni tagħraf li kull azzjoni mill-gvern jista' jkollha effetti sekondarji inċidentali ta' daqs każwali fuq id-dħul ta' xi ħadd jew tista' tirriżulta li l-prezzijiet b'xi mod ikollhom appoġġ ([44]). Biex tali appoġġ jaqa' fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku, irid ikun hemm rabta' ċara bejn l-azzjonijiet tal-gvern u l-effetti li jirriżultaw ta'appoġġ għall-prezz jew għad-dħul ta' xi ħadd. Tali rabta jenħtieġ li tiġi stabbilita abbażi tal-evidenza kollha disponibbli, inkluż in-natura, it-tfassil u t-tħaddim mistenni tal-miżuri li jieħu l-gvern.

(179) Fl-aħħar nett, ir-referenza "fis-sens tal-Artikolu XVI tal-GATT 1994" timplika l-forom kollha ta' appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet li direttament jew indirettament iżidu l-esportazzjonijiet ta' "kwalunkwe prodott" minn territorju ta' Membru tad-WTO jew inaqqsu l-importazzjonijiet ta' dan il-prodott fit-territorju tiegħu. Dan l-effett, potenzjali jew reali, huwa espliċitament kontemplat fl-Artikolu XVI:1 tal-GATT 1994: "…inkluża kwalunkwe forma ta' appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet, li jopera direttament jew indirettament sabiex iżid l-esportazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott mit-territorju tiegħu, jew biex inaqqas l-importazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott fit-territorju tiegħu".

(180) Fil-qosor, l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku l-istess bħall-Artikolu 1.1(b) tal-Ftehim SCM ikopri l-miżuri tal-gvern fi kwalunkwe forma li tirriżulta f'appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet lil xi ħadd u dan ikollu effett, potenzjali jew reali ([45]), billi jżid l-esportazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott minn territorju ta' Membru tad-WTO jew inaqqas l-importazzjonijiet ta' dan il-prodott fit-territorju tiegħu.

(181) F'konformità ma' din l-interpretazzjoni, minbarra li eżaminat jekk is-sett ta' miżuri adottati mill-GTI setax ikun ikkaratterizzat bħala "kontribuzzjoni finanzjarja", il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk is-sett ta' miżuri tal-GTI setax ikun ikkaratterizzat ukoll bħala appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet li jaqa' taħt l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku. Biex tagħmel dan, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-GTI għandux l-intenzjoni li jappoġġa l-ħolqien u l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil; it-tieni, x'tip ta' miżuri adotta l-GTI sabiex jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil; u t-tielet, jekk dawk il-miżuri kinux jikkwalifikaw bħala "kwalunkwe forma ta' appoġġ għad-dħul/għall-prezzijiet" fis-sens tal-Artikolu XVI tal-GATT 1994. Fil-qosor, il-Kummissjoni se teżamina jekk il-GTI kellux l-intenzjoni bħala objettiv politiku dikjarat li jappoġġa l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil, l-istrumenti użati mill-gvern għal tali għan u jekk dawk l-istrumenti jew azzjonijiet mill-GTI jistgħux jiġu karatterizzati bħala appoġġ għad-dħul jew għall-prezz fis-sens tal-Artikolu XVI tal-GATT 1994.

(a) ***L-intenzjoni tal-GTI li jappoġġa l-industrija domestika tal-bijodiżil bħala objettiv ta' politika pubblika.***

(182) Il-GTI, permezz tar-Regolament Presidenzjali 66/2018 għandu politika espliċita biex jappoġġa l-iżvilupp tal-industrija domestika tal-bijodiżil. Xi dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-GTI diġà rrappurtati hawn fuq fil-paragrafu (119) jindikaw li l-GTI għandu l-ħsieb li jikkontrolla l-prezzijiet tas-CPO għall-benefiċċju tal-produtturi tal-bijodiżil: "L-objettivi ta' politika rigward it-taxxi tal-esportazzjoni fuq il-komoditajiet jinkludu l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet, il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ipproċessar downstream (…)" jew "l-għanijiet tad-dazji tal-esportazzjoni, (li) huwa li jiżguraw id-disponibbiltà tal-materja prima u li jagħtu spinta lit-tkabbir tal-industrija domestika taż-żejt tal-palm downstream".

(183) Il-Kummissjoni sabet ukoll evidenza li l-GTI matul is-snin kellu politika ċara li jrawwem u jappoġġa l-espansjoni tal-industrija tal-bijodiżil. F'artikolu għall-istampa, id-Direttur Ġenerali għall-enerġija rinnovabbli ddikjara li l-Indoneżja kellha l-għan li l-użu tal-karburanti mħallta tal-bijodiżil tagħmlu obbligatorju għall-vetturi kollha u għall-makkinarju tqil kollu mill-1 ta' Settembru 2018. F'dan l-artikolu għall-istampa hemm dikjarat ukoll li "l-pompi tal-karburant Indoneżjani mhux se jibqgħu jitħallew ibigħu diżil mhux imħallat ladarba jibdew japplikaw

([42]) Dizzjunarju online tal-Ingliż Oxford, entrata I.3.b.

([43]) Il-Ftehim SCM, l-Artikolu 15.4 ("…jekk kienx hemm piż akbar fuq il-programmi ta' appoġġ tal-gvern"); ara wkoll il-Ftehim dwar l-Agrikoltura, l-Artikolu 6 u l-Annessi II u III ("appoġġ domestiku").

([44]) Ir-Rapport tal-Bord, *China – Countervailing and Anti-Dumping Duties on Grain Oriented Flat-Rolled Electrical Steel from the United States*, WT/DS414/R u Add.1, adottat fis-16 ta' Novembru 2012, ikkonfermat mir-Rapport tal-Korp tal-Appell, WT/DS414/AB/R, DSR 2012: XII, p. 6369, para. 7.86.

([45]) Effetti "potenzjali" jirreferu għal dawk l-effetti li jsegwu b'mod naturali mill-arkitettura, id-disinn u l-istruttura ġenerali tal-miżura, mingħajr il-ħtieġa ta' effetti "osservati" jew reali fis-suq.

ir-regoli l-ġodda, kif ukoll il-kumpaniji li jinqabdu jbigħu karburant mhux imħallat jeħlu multa" ([46]). F'dak ir-rigward, artikolu għall-istampa ieħor jispjega li "l-Indoneżja qed tippjana li tobbliga li d-diżil kollu li jintuża fil-pajjiż ikun jinkludi l-bijodiżil b'seħħ mix-xahar id-dieħel [Settembru 2018] sabiex il-konsum taż-żejt tal-palm jingħata spinta, jonqsu sew l-importazzjonijiet tal-karburant, u titnaqqas id-diskrepanza kbira fil-kont kurrenti". (enfasi miżjuda) ([47])

(184) F'artikolu ieħor għall-istampa, kompla jiġi spjegat li, "Fl-Indoneżja, il-Jakarta Post tirrapporta li l-gvern fl-isforz tiegħu li jagħmel minn kollox biex jipprova jagħti spinta lid-domanda għall-bijodiżil taż-żejt tal-palm, issa qed jesplora li jaqleb għall-bijodiżil l-impjanti tad-diżil tal-fornitur tal-enerġija statali PLN. Huwa qed ukoll jistudja l-possibbiltà li jippermetti lill-fornituri privati tal-enerġija li qed jużaw il-bijodiżil pjuttost mid-diżil fossili biex jipproduċu l-elettriku li jbigħu dak l-elettriku direttament lil PLN. Il-gvern diġà żied il-kwantitajiet ta' bijodiżil imħallat mill-ferroviji u l-makkinarju tqil flimkien mat-trasport bit-triq" ([48]).

(185) L-għan ta' hawn fuq li jingħata appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil kompla jiġi kkonfermat minn dikjarazzjonijiet pubbliċi li għamel id-Deputat Ministru għall-Ikel u l-Agrikoltura. F'artikolu għall-istampa ddikjara li, "Il-produzzjoni tal-bijodiżil tal-Indoneżja tista' tikber b'40 % biex tilħaq seba' (7) miljun tunnellata fl-2019, żieda minn stima ta' ħames (5) miljun tunnellata din is-sena [2018], bħala riżultat ta' **programm ġdid biex jagħti spinta lill-konsum lokali tal-bijodiżil**". (enfasi miżjuda) ([49])

(186) Il-GTI ħabbar b'mod espliċitu l-appoġġ tiegħu lill-industrija tal-bijodiżil billi stabbilixxa l-OPPF, li l-mandat ta' politika tiegħu huwa *de facto* li jappoġġa biss lill-industrija tal-bijodiżil. Dan l-appoġġ kompla sa wara l-perjodu ta' investigazzjoni, billi matul dak il-perjodu u sa Awwissu 2018 l-OPPF ħallas flus lill-produtturi tal-bijodiżil. Dan l-objettiv tal-OPPF huwa espress b'mod ċar fid-dikjarazzjonijiet pubbliċi. F'artikolu għall-istampa, l-OPPF iddikjara li huwa "fiduċju li jista' jġorr sussidji addizzjonali mħallsa lill-produtturi permezz tal-politika ġdida tal-gvern dwar il-bijodiżil għall-kumplament tas-sena" u l-president direttur tal-fond kompla jiddikjara li l-"fond ġie allokat Rp 6.4 triljun mil-levy tal-esportazzjoni taż-żejt tal-palm fl-ewwel nofs tal-2018, li huwa kważi 60 % tal-mira ta' Rp 10.9 triljun għal din is-sena, li l-parti kbira minnhom jintużaw bħala inċentivi biex jappoġġaw il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli". F'dak l-istess artikolu kien spejgat ukoll li "Iżda l-politika [il-mandat ta' taħlit] se jonfoħ ukoll is-sussidji li jieħdu d-19-il produttur ta' bijokarburant inklużi Wilmar u l-Grupp Sinar Mas. Il-fond, magħruf ukoll bħala BPDPKS, jikkalkula li l-politika tirdoppja d-domanda għall-bijokarburant fit-tieni nofs ta' din is-sena għal 2,1 miljun kilolitru" ([50])

(187) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-intenzjoni tal-GTI li jappoġġa l-ħolqien u l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil Indoneżjana hija evidenti.

(b) ***Azzjonijiet tal-Gvern għall-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil.***

(188) Permezz ta' diversi strumenti, il-GTI jintervjeni fis-suq tas-CPO sabiex jagħti spinta lill-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil. L-ewwel nett,il-GTI għandu fis-seħħ sistema ta' limitazzjonijiet (permezz ta' taxxi tal-esportazzjoni u levies tal-esportazzjoni) li tintuża bħala għodda biex tbaxxi l-prezzijiet tas-CPO fl-Indoneżja għall-benefiċċju tal-industriji downstream, inklużi l-produtturi tal-bijodiżil. It-tieni, il-GTI, permezz tal-kumpanija tal-Istat PTPN, *de facto* jistabbilixxi l-prezzijiet tas-CPO f'livelli ta' prezz artifiċjalment baxxi, li fornituri oħra tas-CPO isegwu b'konformità mal-politika dikjarata li tappoġġa l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil. Il-GTI juża wkoll miżuri oħra, bħas-sussidji diretti lill-produtturi, sabiex jiżgura li l-produtturi tas-CPO ikunu konformi mal-objettivi tal-politika.

(189) Wieħed irid jifhem dawn l-azzjonijiet kollha fil-kuntest usa' tal-inkoraġġiment għall-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil, bħal permezz ta' rekwiżiti ta' taħlit obbligatorju kif ukoll it-twaqqif tal-OPPF għall-benefiċċju tal-produtturi tal-bijodiżil. Tabilħaqq, f'dan ir-rigward il-GTI stabbilixxa sistema li toħloq domanda għolja artifiċjali għall-bijodiżil permezz tal-mandat tat-taħlit. Il-GTI implimenta l-hekk imsejjaħ mandat ta' taħlit B20 ([51]). F'dan il-programm, għal għadd ta' applikazzjonijiet, bħal pereżempju t-trasport pubbliku, l-operaturi għandhom l-obbligu

([46]) https://www.reuters.com/article/us-indonesia-biodiesel/indonesia-to-make-biodiesel-use-compulsory-from-september-1-official-idUSKBN1KM4WK, ikkonsultat fis-17.7.2019.
([47]) https://www.reuters.com/article/us-indonesia-biodiesel/indonesia-bets-big-on-biodiesel-to-limit-costs-of-oil-imports-idUSKBN1KS0CC, ikkonsultat fis-17.7.2019.
([48]) https://www.biofuelsdigest.com/bdigest/2019/01/08/indonesia-wants-to-push-for-power-production-from-palm-oil-biodiesel/, accessed on 17.7.2019.
([49]) https://www.ofimagazine.com/news/indonesian-biodiesel-production-could-grow-by-40, accessed on 17.7.2019.
([50]) https://jakartaglobe.id/context/indonesia-oil-palm-estate-fund-adequate-to-support-b20-biodiesel-policy/, ikkonsultat fis-17.7.2019.
([51]) Il-mandat ta' taħlit promulgat skont ir-Regolament 12/2015 tal-Ministeru tal-Enerġija u r-Riżorsi Minerali.

legali li bħala fjuwil jużaw taħlita ta' diżil minerali u bijodiżil li jkun fiha mill-anqas 20 % ta' bijodiżil. Dan il-mandat ta' taħlit huwa mistenni li jiżdied għal 30 % fil-futur qrib. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qieset li fin-nuqqas tal-kombinazzjoni tal-obbligu ta' taħlit u tal-OPPF, ikun hemm domanda aktar baxxa għall-bijodiżil fl-Indoneżja u għalhekk id-dħul li jirriżulta mill-bejgħ tal-bijodiżil ikun bilfors konsiderevolment aktar baxx.

(190) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, il-GTI daħħal fis-seħħ miżuri sabiex jintervjeni fis-suq u b'hekk jiggarantixxi riżultat partikolari, jiġifieri li l-produtturi tal-bijodiżil jibbenefikaw minn prezzijiet artifiċjalment baxxi għas-CPO, li jirrappreżentaw madwar 90 % tal-ispejjeż tagħhom tal-produzzjoni.

(c) ***Is-sett ta' miżuri adottati mill-GTI jikkwalifika bħala "kwalunkwe forma ta' appoġġ għad-dħul/għall-prezzijiet" fis-sens tal-Artikolu XVI tal-GATT 1994***

(191) Permezz tas-sett ta' miżuri deskritti hawn fuq, il-GTI jipprovdi appoġġ għad-dħul lill-industrija tal-bijodiżil. Il-kundizzjonijiet regolatorji adottati mill-GTI ma għandhomx effett sekondarju li l-fornituri tas-CPO jbigħu dan l-element tal-produzzjoni lill-produtturi tal-bijodiżil bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk disponibbli f'livell inter-nazzjonali. Tali riżultat għandu huwa intenzjonat u miksub b'suċċess permezz tal-azzjonijiet tal-GTI. Is-sett ta' miżuri li daħħal fis-seħħ il-GTI jippermetti li l-produtturi tal-bijodiżil ikollhom aċċess għall-materja prima u l-element ta' kost prinċipali tagħhom bi prezz aktar baxx mill-prezz tas-suq dinji, li mbagħad jiġi tradott fi profitti artifiċjalment ogħla li jirriżultaw l-aktar mill-esportazzjonijiet lil swieq terzi. F'dan is-sens, l-azzjonijiet tal-GTI jikkontribwixxu għad-dħul li jirċievu l-produtturi tal-bijodiżil. Mingħajr dawn l-azzjonijiet, il-produtturi tal-bijodiżil ma jibbenefikawx mill-effetti ta' distorsjoni fuq is-CPO li jirriżultaw mill-intervent tal-GTI.

(192) Dawn il-miżuri kollha juru li l-industrija tal-bijodiżil Indoneżjana hija appoġġata u stimulata b'mod artifiċjali mill-GTI. Din il-konstatazzjoni hija korroborata miż-żieda fl-għadd ta' produtturi tal-bijodiżil fl-Indoneżja kif ukoll miż-żieda qawwija fil-kapaċità tal-produzzjoni u fl-esportazzjonijiet fl-aħħar 10 snin, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt:

*Tabella 2*

**Żvilupp tal-Industrija tal-Bijodiżil Indoneżjana**

| Sena | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kapaċità tal-produzzjoni (kapaċità nominali) | 3 128 | 3 921 | 3 921 | 4 881 | 5 670 | 5 670 | 6 887 | 10 898 | 11 547 | 11 357 |
| Użu tal-kapaċità (%) | 10,5 % | 19,9 % | 46,2 % | 46,5 % | 52,0 % | 69,9 % | 24,0 % | 33,5 % | 29,6 % | 34,3 % |
| Produzzjoni | 330 | 780 | 1 812 | 2 270 | 2 950 | 3 962 | 1 653 | 3 656 | 3 416 | 3 900 |
| Esportazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Indoneżja | 204 | 563 | 1 440 | 1 608 | 1 942 | 1 569 | 343 | 476 | 187 | 1 772 |
| Esportazzjonijiet bħala % tal-produzzjoni | 62 % | 72 % | 79 % | 71 % | 66 % | 40 % | 21 % | 13 % | 5 % | 45 % |
| Konsum | 119 | 223 | 359 | 669 | 1 048 | 1 845 | 860 | 3 008 | 2 572 | 3 300 |
| Stokkijiet tal-Għeluq | 22 | 16 | 29 | 27 | 11 | 559 | 1 009 | 1 181 | 1 839 | 1 439 |
| Għadd ta' produtturi | 20 | 22 | 22 | 22 | 26 | 26 | 27 | 30 | 32 | 31 |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-GTI, Indonesia Biofuels Annual 2018 GAIN Report u statistika dwar l-esportazzjonijiet mill-Global Trade Atlas (data tal-2018, minbarra statistika dwar l-esportazzjonijiet, abbażi ta' estimi)

(193) Kif jidher minn din it-tabella, l-industrija tal-bijodiżil kienet settur orjentat b'mod predominanti lejn l-esportazzjoni. Meta l-esportazzjonijiet fil-passat naqsu l-aktar minħabba l-eżistenza ta' miżuri ta' difiża kummerċjali fl-Unjoni, l-inventarji żdiedu b'mod sinifikanti.

(194) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTI jipprovdi appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet lill-industrija tal-bijodiżil skont l-Artikolu 3.1(b) tar-Regolament bażiku.

3.3.3.8. Benefiċċju

(195) Minħabba li l-biċċa l-kbira tal-miżuri tal-GTI kellhom l-għan li jbaxxu artifiċjalment il-prezz domestiku tas-CPO, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-appoġġ tal-GTI lill-industrija tal-bijodiżil tax benefiċċju b'referenza għad-differenza bejn il-prezzijiet imħallsa mill-produtturi domestiċi tal-bijodiżil meta xtraw is-CPO lokalment u parametru referenzjarju bbażat fuq il-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti għas-CPO.

(196) Il-Kummissjoni qieset li tali differenza rriżultat f'benefiċċju għall-produtturi Indoneżjani tal-bijodiżil li setgħu jiksbu l-materja prima ewlenija fil-proċess tal-produzzjoni tagħhom bi prezz anqas mill-prezz tas-suq internazzjonali. Dan il-metodu komparattiv assigura wkoll li ma kienx hemm għadd doppju ta' sussidji oħra kkumpensati f'din l-investigazzjoni u li jipprovdu wkoll appoġġ għad-dħul/għall-prezzijiet lill-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjani.

(197) Il-prezzijiet tax-xiri riedu jitqabblu ma' parametru referenzjarju xieraq. Skont l-Artikolu 6(d) tar-Regolament bażiku, l-adegwatezza tar-remunerazzjoni għandha tiġi determinata b'referenza għall-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq għall-prodott inkwistjoni fil-pajjiż tal-forniment, jiġifieri l-Indoneżja, inklużi l-prezz, il-kwalità, id-disponibbiltà, kemm hu kummerċjabbli, it-trasport u kundizzjonijiet oħra tax-xiri ([52]).

(198) Il-Kummissjoni qieset li l-prezzijiet franki abbord tal-esportazzjoni tas-CPO mill-Indoneżja lejn il-bqija tad-dinja kif instabu fl-Istatistika tal-Esportazzjoni tal-Indoneżja huma parametru referenzjarju xieraq billi huma stabbiliti skont il-prinċipji tas-suq liberu, jirriflettu l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fl-Indoneżja, u ma fihomx distorsjoni minn intervent tal-gvern. Il-Kummissjoni waslet għal din l-opinjoni peress li l-importazzjonijiet tas-CPO fl-Indoneżja kienu marġinali u għalhekk mhux rappreżentattivi, u għaldaqstant ma setgħetx tidentifika xi prezz domestiku mingħajr distorsjoni għas-CPO. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-parametru referenzjarju użat huwa l-aktar indikatur qrib għal xi jkun prezz domestiku Indoneżjan mingħajr distorsjoni jekk ma jkunx hemm l-intervent tal-GTI. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni analizzat wkoll parametri referenzjarji oħra possibbli, bħall-prezz CIF tas-CPO fil-port ta' Rotterdam. Peress li dan il-prezz kien jinkludi taħlita ta' CPOs li joriġinaw minn ħafna pajjiżi għajr l-Indoneżja, il-Kummissjoni kkunsidrat li kien parametru referenzjarju mhux xieraq biżżejjed sa fejn kien jirrigwarda l-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti fl-Indoneżja. Fi kwalinkwe każ, il-kummissjoni tosserva li d-differenza fil-prezz bejn id-diversi parametri referenzjarji hija minima.

(199) Il-Kummissjoni kkalkulat il-medja għal kull xahar tal-PI tal-prezzijiet franki abbord tal-esportazzjoni mill-Indoneżja u qieset li l-prezzijiet ikkalkulati b'dan il-mod huma l-eqreb indikatur għall-prezzijiet domestiċi mingħajr distorsjoni Indoneżjani għas-CPO.

(200) Il-Kummissjoni mbagħad qabblet il-prezz domestiku tas-CPO mħallas mill-produtturi Indoneżjani mal-parametru referenzjarju kkalkulat kif spjegat fil-premessa (199).

(201) L-ammont totali tad-differenza jirrappreżenta l-"iffrankar" miksub mill-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjani li jixtru s-CPO fis-suq domestiku mgħawweġ Indoneżjan meta mqabbel mal-prezz li kienu jħallsu fin-nuqqas tad-distorsjonijiet. Finalment, dan l-ammont totali jirrappreżenta l-benefiċċju li ngħata lill-produtturi Indoneżjani mill-GTI matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.3.3.9. Speċifiċità

(202) Is-sett ta' miżuri tal-GTI kienu maħsuba biex jiffavorixxu ċerti industriji, inkluża l-industrija domestika tal-bijodiżil. Tabilħaqq, għalkemm id-distorsjonijiet fuq is-CPO jibbenefikaw ukoll lill-prodotti downstream oħra minbarra l-bijodiżil, il-benefiċċju huwa disponibbli biss għal ċerti industriji fl-Indoneżja, jiġifieri dawk li huma attivi fil-katina tal-valur taż-żejt tal-palm. Din is-sejba hija appoġġata minn dikjarazzjonijiet ta' politika tal-GTI innifsu kif ukoll fl-atti leġiżlattivi sussegwenti li jimplimentaw u jemendaw id-dixxiplina tat-taxxa u l-levy ta' esportazzjoni. Pereżempju, ir-Regolament 128/PMK.011/2011 iddikjara b'mod speċifiku dan li ġej: "fil-kuntest tal-appoġġ għall-isforzi downstream tal-industrija taż-żejt tal-palm biex jiżdied il-valur miżjud downstream, huwa neċessarju li tiġi ristrutturata t-tariffa tad-Dazju tal-Esportazzjoni". Għaldaqstant huma speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku.

3.3.4. *Konklużjoni*

(203) Permezz ta' sett ta' miżuri, inklużi taxxi u l-levy tal-esportazzjoni, u billi *de facto* jaġixxi fis-suq biex jiffissa l-prezz, il-GTI ħajjar lill-produtturi domestiċi tas-CPO biex ibigħu s-CPO lokalment u "inkarigahom" jew "ordnalhom" jipprovdu din il-materja prima fl-Indoneżja għal remunerazzjoni anqas minn adegwata. Il-miżuri inkwistjoni kisbu l-effett mixtieq ta' distorsjoni tas-suq domestiku tas-CPO fl-Indoneżja u li jnaqqsu l-prezz għal

([52]) Ara WT/DS436/AB/R Stati Uniti – Miżuri Kumpensatorji fuq Ċerti Prodotti Ċatti tal-Azzar bil-Karbonju Rrumblati bis-Sħana mill-Indja, 8 ta' Diċembru 2014, il-paragrafu 4.244.

livell artifiċjalment baxx għall-benefiċċju tal-industrija downstream tal-bijodiżil. Il-funzjoni ta' forniment tas-CPO għal remunerazzjoni anqas minn adegwata normalment hija vestita fil-gvern fid-dawl tal-objettiv pubbliku ta' appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil u l-prattika tal-fornituri tas-CPO li jwettquha, fl-ebda sens reali ma tvarja mill-prattiki normalment segwiti mill-gvernijiet meta jsegwu objettivi ta' politika simili permezz ta' forom oħra ta' appoġġ (bħal għotjiet jew dħul mitluf).

(204) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-GTI pprovda kontribuzzjoni finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku, kif interpretat u applikat f'konformità mal-istandard rilevanti tad-WTO skont l-Artikolu 1.1(a)(1) u (iv) tal-Ftehim SCM. Fl-alternattiva, il-Kummissjoni kompliet tikkonkludi li l-GTI jipprovdi appoġġ tad-dħul jew tal-prezz lill-produtturi tal-bijodiżil permezz tal-intervent tiegħu fis-suq tas-CPO, skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku, moqri fid-dawl tal-Artikolu 1.1(a)(2) tal-Ftehim SCM.

(205) Il-Kummissjoni ulterjorment ikkonkludiet li tali kontribuzzjoni finanzjarja tagħti benefiċċju speċifiku lir-riċevituri.

(206) Fid-dawl ta' dan kollu hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li permezz ta' sett ta' miżuri l-GTI pprovda appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil, inkluż permezz tal-forniment ta' żejt tal-palm (CPO) għal remunerazzjoni anqas minn adegwata. Il-GTI ta benefiċċju lill-benefiċjarji li huwa speċifiku, u għalhekk jammonta għal sussidju kumpensabbli.

3.3.5. *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(207) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont ta' sussidju kumpensabbli għal kull produttur esportatur f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevitur li nstab li jeżisti matul il-PI. Il-Kummissjoni vvalutat il-benefiċċju bħala li huwa l-addizzjoni tad-differenzi bejn il-prezzijiet imħallsa għas-CPO mixtri domestikament u l-prezz referenzjali tas-CPO kkalkulat kull xahar tal-IP. B'konformità mal-Artikolu (7)(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dawk l-ammonti ta' sussidju fuq il-fatturat totali tal-produzzjoni bbażata fuq is-CPO tal-produtturi esportaturi matul il-perjodu ta' investigazzjoni bħala denominatur xieraq, peress li s-sussidju kien jagħti benefiċċju lill-produzzjoni kollha tal-prodotti bbażati fuq is-CPO u mhux biss lill-prodott ikkonċernat jew lill-produzzjoni intenzjonata għall-esportazzjoni.

(208) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' dan is-sett ta' miżuri matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-produtturi esportaturi tammonta għal:

| Kumpanija | Rata ta' sussidju |
|---|---|
| PT Ciliandra Perkasa | 0,13 % |
| PT Intibenua Perkasatama u PT Musim Mas (Musim Mas Group) | 4,40 % |
| PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo (Permata Group) | 5,15 % |
| PT Wilmar Nabati Indonesia u PT Wilmar Bioenergi Indonesia (Wilmar Group) | 3,43 % |

### 3.4. **Appoġġ mill-Gvern permezz ta' dħul mitluf: l-iskema tal-Bonded Zones**

3.4.1. *L-iskema ta' sussidju*

(209) L-iskema tal-Bonded Zones kienet introdotta mill-GTI bir-Regolament tal-Ministeru tal-Finanzi 147/PMK.04/2011 u kompliet ġiet emendata bir-Regolamenti tal-Ministeru tal-Finanzi 255/PMK.04/2011 u 120/PMK.04/2013.

(210) Il-Bonded Zones huma definiti bħala żoni fit-territorju doganali tar-Repubblika tal-Indoneżja fejn id-dazju tal-importazzjoni u l-VAT fuq l-oġġetti impurtati jiġu sospiżi (għad-dazju tal-importazzjoni) jew eżentati (għall-VAT). Kemm is-sospensjoni kif ukoll l-eżenzjoni japplikaw għal oġġetti kapitali, materja prima u materjal ta' sostenn.

(211) Matul iż-żjara ta' verifika, il-GTI spjega li ma hemmx żoni predefiniti tat-territorju tar-Repubblika tal-Indoneżja identifikati bħala bonded zones, pjuttost il-kumpaniji jistgħu japplikaw u, jekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata, il-bini tagħhom isir bonded zone.

3.4.1.1. Eliġibbiltà

(212) Matul iż-żjara ta' verifika, il-GTI spjega wkoll li l-iskema tal-bonded zones hija disponibbli biss għal "kumpaniji orjentati lejn l-esportazzjoni", jiġifieri kumpaniji li jiġġeneraw aktar minn 50 % tal-fatturat tagħhom mill-esportazzjoni. Matul iż-żjara ta' verifika, il-GTI spjega wkoll li, skont ir-Regolament tal-Ministeru tal-Finanzi Nru 4/2014, ir-rekwiżit ta' hawn fuq jista' jiġi eżentat sabiex anki kumpaniji mhux orjentati lejn l-esportazzjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-iskema. L-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni madankollu ma setgħet tidentifika l-ebda kriterju oġġettiv stabbilit fil-leġiżlazzjoni għall-għoti ta' tali eżenzjoni. Pjuttost, traduzzjoni ta' korteżija tal-leġiżlazzjoni tgħid li "*Ir-rakkomandazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 tista' tiġi pprovduta wara li jiġu kkunsidrati:*

*(a) il-prodott tal-kumpanija applikanti jekk suq sostitut ta' importazzjoni diretta ta' oġġett simili sabiex tiġi fornita d-domanda tas-suq domestiku;*

*(b) kwalunkwe tnaqqis fl-esportazzjoni; u/jew*

*(c) il-protezzjoni tal-industriji domestiċi li jipproduċu prodotti simili għall-prodotti tal-Bonded Zone inkonsiderazzjoni tal-kapaċità tal-industrija lokali li tforni d-domanda domestika.*"

(213) Fir-rigward ta' dan ta' hawn fuq, matul iż-żjara ta' verifika l-GTI spjega li l-kumpaniji fl-industrija tal-bijodiżil normalment jingħataw l-eżenzjoni mir-rekwiżit li jiġġeneraw aktar minn 50 % tal-fatturat tagħhom mill-esportazzjoni. Skont l-ispjegazzjoni mogħtija matul iż-żjara ta' verifika, dan isir sabiex jiġu appoġġati l-kumpaniji tal-bijodiżil bil-għan li jilħqu l-mandati ta' taħlit imposti mill-GTI.

(214) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-għoti tal-eżenzjoni msemmija hawn fuq huwa kompletament fid-diskrezzjoni tal-GTI.

(215) Fl-aħħar nett, il-GTI spjega li din l-iskema hija disponibbli biss għal kumpaniji li jimpurtaw oġġetti fir-Repubblika tal-Indoneżja għal aktar ipproċessar. Għalhekk, sempliċi importaturi ma jistgħux japplikaw biex jiksbu status ta' bonded zone.

3.4.1.2. Il-benefiċċju miksub billi wieħed ikun fil-Bonded Zones

(216) Fil-Bonded Zone, il-proċess tal-importazzjoni jiġi sospiż sakemm il-kumpaniji jbigħu l-oġġetti lesti fit-territorju tar-Repubblika tal-Indoneżja. Fi kliem ieħor, id-dazju tal-importazzjoni jiġi sospiż fuq il-prodotti impurtati fil-bonded zones sakemm dawn jinbiegħu fis-suq domestiku Indoneżjan. Jekk prodott jibqa' fil-bonded zone (bħal makkinarju) jew jiġi esportat direttament, id-dazju tal-importazzjoni qatt ma jkun dovut.

(217) L-istess bħad-dazju tal-importazzjoni, anki l-ħlas tal-VAT dovut fuq l-oġġetti impurtati jiġi sospiż sakemm l-oġġetti lesti jinbiegħu fis-suq domestiku. Jekk prodott jibqa' fil-bonded zone (bħal, makkinarju) jew jiġi esportat direttament, il-VAT qatt ma tkun dovuta.

(218) Taħt din l-iskema, l-eżenzjoni mid-dazju tal-importazzjoni u l-VAT tingħata fuq importazzjonijiet ta' oġġetti kapitali, bħall-makkinarju użat fil-proċess tal-produzzjoni tal-bijodiżil, il-materja prima u l-ispare parts.

3.4.1.3. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku

(219) Rigward l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni matul il-proċedura dwar l-iskema tal-Bonded Zones, Wilmar ma kkoperax għalkollox mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għalhekk infurmat lil Wilmar li jista' jkun li jkollha bżonn tuża l-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku meta tkun qed teżamina l-eżistenza u l-portata tal-allegat appoġġ mogħti lill-industrija tal-bijodiżil permezz tal-eżenzjoni tad-dazju tal-importazzjoni fuq makkinarji u oġġetti importati fil-Bonded zone.

(220) Fl-ittra ta' defiċjenza li ntbagħtet fil-15 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni talbet lil Wilmar biex jipprovdi ċerta informazzjoni dwar l-importazzjonijiet tal-elementi tal-produzzjoni u tal-makkinarju mid-data ta' meta twaqqfet kull waħda mill-entitajiet relatati (il-produtturi tal-bijodiżil u l-fornituri tas-CPO). Fit-tweġiba tiegħu għall-Ittra ta' Defiċjenza, Wilmar ipprovda tweġiba parzjali għall-informazzjoni mitluba, u sostna li sab diffikultajiet tekniċi fil-ġbir tas-sett ta' *data* kollu li kien mitlub. Spjegazzjoni simili ingħatat matul iż-żjara ta' verifika. Il-Kummissjoni għalhekk setgħet tivverifika biss sett limitat ta' *data*.

(221) B'konsegwenza ta' dan, fir-rigward tal-allegat appoġġ mogħti lill-industrija tal-bijodiżil permezz tal-eżenzjoni mid-dazju tal-importazzjoni fuq il-makkinarju u l-oġġetti importati f'bonded zone, Wilmar ma pprovdiex l-informazzjoni u l-evidenza meħtieġa kif kien mitlub mill-Kummissjoni fl-ittra ta' defiċjenza tagħha u matul iż-żjara ta' verifika.

(222) In-nuqqas tal-informazzjoni meħtieġa u rilevanti u / jew ta' dokumenti kif deskritt hawn fuq ixekkel ħafna l-investigazzjoni. Tabilħaqq, dan ħoloq diffikultajiet serji għall-Kummissjoni biex tasal għal konstatazzjonijiet preċiżi u sostanzjati fir-rigward ta' din l-iskema sussidjarja.

(223) Wilmar ikkummenta li l-informazzjoni mitluba kienet l-ewwel nett mhux meħtieġa skont it-tifsira tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku u li fi kwalunkwe każ l-informazzjoni parzjali li ppreżenta kienet tikkonforma mal-Artikolu 28(3) tar-Regolament bażiku. Wilmar iddikjara ukoll li ma kellux l-informazzjoni li ma pprovdiex.

(224) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li l-asserzjoni ta' Wilmar li ma setax jintraċċa dik l-informazzjoni ma tistax tiġi aċċettata peress li tiddependi fuq kwestjoni teknika li trendi l-irkupru ta' tali informazzjoni allegatament oneruż wisq. Il-Kummissjoni għalhekk kienet tal-opinjoni li l-Grupp Wilmar għandu l-informazzjoni, u seta' jirkupraha biex jipprovdi tweġiba kompleta għall-ittra ta' defiċjenza.

(225) It-tieni, l-informazzjoni mitluba hija neċessarja, speċjalment fid-dawl tal-fatt li ammont rilevanti ta' *data* rigward l-ammont ta' dazju eżentat fuq l-importazzjoni huwa kompletament nieqes. Dan għalhekk ixekkel lill-Kummissjoni milli tiddetermina l-ammont preċiż tas-sussidju li rċieva l-Grupp Wilmar taħt din l-iskema.

(226) Il-Kummissjoni kompliet tosserva li l-asserzjoni ta' Wilmar li ma kinitx talbet aktar informazzjoni mhijiex aċċettabbli. Matul iż-żjara ta' verifika il-Kummissjoni talbet jekk l-informazzjoni nieqsa kinitx disponibbli u ħadet nota li din ma kinitx.

(227) Il-Kummissjoni għalhekk ibbażat ruħha parzjalment fuq il-fatti disponibbli għall-konstatazzjonijiet tagħha rigward dawn l-aspetti tal-investigazzjoni skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

3.4.2. *Analiżi*

3.4.2.1. Kontribuzzjoni finanzjarja

(228) Għar-raġuni mogħtija hawn taħt, il-Kummissjoni qieset li l-eżenzjoni mid-dazju tal-importazzjoni fuq il-makkinarji mogħti mill-iskema tal-bonded zones tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI lill-produtturi esportaturi fil-forma ta' dħul mitluf.

(229) Kif indikat hawn fuq fil-premessi (216) sa (218), l-impriżi f'bonded zones igawdu (i) l-eżenzjoni mid-dazju tal-importazzjoni fuq il-makkinarju impurtat u l-materja prima, u (ii) l-eżenzjoni mill-VAT fuq il-makkinarju impurtat u l-materja prima. Kemm id-dazju tal-importazzjoni kif ukoll il-VAT jibqgħu eżentati sakemm l-oġġett impurtat jinbiegħ fis-suq domestiku. Dan ifisser li l-kumpaniji fil-bonded zones jistgħu qatt ma jħallsu la d-dazju tal-importazzjoni u lanqas il-VAT fuq oġġetti li qatt ma jħallu l-bonded zone, bħall-makkinarju, jew li jiġu esportati direttament.

(230) Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-produtturi esportaturi kollha bbenefikaw minn din l-iskema esklussivament meta impurtaw makkinarju u spare parts għall-impjanti tagħhom tal-bijodiżil. Peress li l-materja prima għall-produzzjoni tal-bijodiżil huwa s-CPO, u s-CPO jinkiseb kollu lokalment, l-ammonti potenzjali mhux miġbura fuq il-materja prima importata jidhru li huma negliġibbli.

(231) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk osservat li l-produtturi esportaturi essenzjalment qatt ma ħallsu d-dazju tal-importazzjoni u l-VAT fuq il-makkinarju li importaw. Il-makkinarju fil-fatt jiġi impurtat fil-bonded zone rilevanti għall-iskop li tiġi stabbilita l-faċilità tal-produzzjoni u ladarba jiġi installat qatt ma jitlaq miż-żona.

(232) Għalhekk, il-kummissjoni kkonkludiet li l-eżenzjoni mid-dazji tal-importazzjonijiet tal-makkinarju u t-tagħmir tammonta għal dħul mitluf u mhux miġbur fis-sens tal-Artikolu 3(1)(ii) tar-Regolament bażiku. Rigward l-eżenzjoni mill-VAT, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-GTI wkoll jirrinunzja għad-dġul pubbliku, peress li taħt ċirkostanzi normali, il-produtturi esportaturi ikollhom iħallsu l-VAT, l-ewwel lill-Istat u mbagħad jikkumpensaw tali VAT meta jbigħu domestikament ([53]).

([53]) Rapporti tal-Bord tal-Appell, *Brazil – Certain Measures Concerning Taxation and Charges*, WT/DS472/AB/R u Add.1 / WT/DS497/AB/R u Add.1, adottat fil-11 ta' Jannar 2019, paragrafi 5.212 – 5.221.

3.4.2.2. Benefiċċju

(233) L-investigazzjoni rriżultalha li l-makkinarji użati fil-Bonded Zones kienu ġeneralment importati u li ladarba installati qatt ma jħallu l-Bonded Zones Ghaldaqstant id-dazju tal-importazzjoni fuq tali makkinarji fil-fatt qat ma jsir pagabbli. Rigward l-eżenzjoni mill-VAT fuq il-makkinarju u l-ispare parts importati, il-Kummissjoni sabet li l-produtturi esportaturi bbenefikaw ukoll mill-vantaġġ tad-disponibbiltà ta' flus kontanti ([54]).

(234) Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk qieset li din l-iskema tagħti benefiċċju lill-produtturi esportaturi peress li tpoġġihom f'qagħda finanzjarja aħjar milli kienu jkunu fin-nuqqas tal-iskema. Fil-fatt, mingħajr l-iskema kienu ikollhom iħallsu d-dazju u l-VAT mal-importazzjoni tal-makkinarji u tal-ispare parts.

3.4.2.3. Speċifiċità

(235) L-iskema hija speċifika għaliex hija disponibbli biss għal ċerti kumpaniji skont il-prestazzjoni tal-esportazzjoni l-lokalizzazzjoni tagħhom f'żoni ġeografiċi speċifiċi fil-ġuriżdizzjoni tal-awtorità tal-għotja, skont l-Artikoli 4(2)(a) u 4(3) tar-Regolament bażiku.

3.4.3. *Konklużjoni*

(236) Il-Kummissjoni sabet li permezz ta' sett ta' miżuri l-GTI ta appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil, inkluż permezz tad-dħul mitluf relatat mal-iskema tal-Bonded Zones u l-eżenzjoni mid-dazju tal-importazzjoni u l-VAT fuq il-makkinarji u l-ispare parts impurtati. Il-GTI ta benefiċċju lill-benefiċjarji li huwa speċifiku, u għalhekk jammonta għal sussidju kumpensabbli.

3.4.4. *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(237) Il-Kummissjoni kkalkulat il-benefiċċju għall-produtturi esportaturi li jirriżulta minn din l-iskema fir-rigward tal-eżenzjoni mid-dazju tal-importazzjoni fuq il-makkinarju impurtat bħala l-ammont ta' dazju mhux imħallas, allokat għall-PI abbażi tal-ħajja utli tal-assijiet sottostanti. Fir-rigward tal-eżenzjoni mill-VAT fuq il-makkinarju u l-materja prima impurtati, il-benefiċċju kien negliġibbli u għalhekk ma kellux impatt materjali fuq ir-riżultati finali.

(238) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' dan is-sett ta' miżuri matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-produtturi esportaturi tammonta għal:

| Kumpanija | Rata ta' sussidju |
|---|---|
| PT Ciliandra Perkasa | 0,03 % |
| PT Intibenua Perkasatama u PT Musim Mas (Musim Mas Group) | 0,12 % |
| PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo (Permata Group) | 0,16 % |
| PT Wilmar Nabati Indonesia u PT Wilmar Bioenergi Indonesia (Wilmar Group) | 0,11 % |

3.5. **Skemi oħra**

(239) L-Ilment identifika għadd ta' skemi ta' sussidji u programmi ta' sussidju addizzjonali, u b'mod partikolari, permezz tad-dħul mitluf jew mhux miġbur bħall-benefiċċji tat-taxxa fuq l-introjtu għall-investimenti elenkati, is-sussidji għaż-żoni industrijali, il-benefiċċji tat-taxxa għall-industriji pijunieri u l-forniment ta' finanzjament u garanziji għall-esportazzjoni b'termini preferenzjali mill-Eximbank Indoneżjan.

(240) Billi l-Kummissjoni ma sabitx evidenza ta' produtturi esportaturi li jużawhom, dawn se jiġu ttrattati flimkien f'din it-taqsima.

([54]) Rapporti tal-bord, *Brazil – Certain Measures Concerning Taxation and Charges*, WT/DS472/R, Add.1 u Corr.1 / WT/DS497/R, Add.1 u Corr.1, addottati fil-11 ta' Jannar 2019, kif modifikati mir-Rapporti tal-Korp tal-Appell WT/DS472/AB/R / WT/DS497/AB/R, paragrafi 7.491 – 7.494.

3.5.1. *Benefiċċji tat-taxxa fuq l-introjtu għall-investimenti elenkati*

(241) L-Ilment sostna li din l-iskema tagħti faċilitajiet ta' taxxa fuq l-introjtu għall-investimenti f'ċerti oqsma kummerċjali u/jew ċertu reġjun biex iżżid l-investimenti diretti barranin u domestiċi fl-Indoneżja. B'mod partikolari, l-Ilment isostni li din l-iskema tagħti:

(a) Tnaqqis nett ta' taxxa ta' 30 % tal-investiment totali, applikata għal 6 snin bil-5 % fis-sena;

(b) Deprezzament u amortizzament aċċellerat;

(c) Imposta ta' taxxa fuq l-introjtu għad-dividend imħallas lil taxxa barranija soġġetta għal 10 %, jew tariffa aktar baxxa skont il-Ftehim effettiv għall-Evitar tat-Taxxa Doppja; kif ukoll

(d) Kumpens għat-telf għal aktar minn 5 snin iżda mhux aktar minn 10 snin.

(242) L-investigazzjoni kkonfermat b'mod ġenerali l-affermazzjonijiet ippreżentati fl-Ilment. L-investigazzjoni fil-fatt żvelat li l-programm ġie stabbilit fl-1 ta' Jannar 2007, skont ir-Regolament tal-Gvern Nru 1/2007 u ġie mġedded u mmodifikat fis-6 ta' April 2015 bir-Regolament tal-Gvern Nru 18/2015, li aktar tard ġie emendat bir-Regolament tal-Gvern Nru 9/2016. Għalkemm ir-Regolament tal-Gvern Nru 18/2015 iħassar ir-Regolament tal-Gvern Nru 1/2007, il-kumpaniji li kienu qegħdin jirċievu benefiċċji taħt ir-Regolament tal-Gvern Nru 1/2017 setgħu jkomplu jirċievu tali benefiċċji sad-data ta' skadenza oriġinali tagħhom.

(243) Skont din l-iskema, kumpaniji li jwettqu investimenti f'reġjuni speċifiċi tat-territorju tar-Repubblika tal-Indoneżja u f'settur industrijali speċifiku jistgħu jibbenefikaw mill-inċentivi li ġejjin:

(a) Tnaqqis nett ta' taxxa ta' 30 % tal-investiment totali, iċċarġjat għal 6 snin għal 5 % fis-sena;

(b) Deprezzament u amortizzament aċċellerat;

(c) Imposta ta' taxxa fuq l-introjtu għad-dividend imħallas lil taxxa barranija soġġetta għal 10 %, jew tariffa aktar baxxa skont il-Ftehim effettiv għall-Evitar tat-Taxxa Doppja; kif ukoll

(d) Kumpens għat-telf għal aktar minn 5 snin iżda mhux aktar minn 10 snin.

(244) Matul iż-żjara ta' verifika, il-GTI spjega li l-iskema hija disponibbli għal investimenti f'reġjuni għajr Java jew Sulawesi, u li l-post rilevanti għall-eliġibbiltà huwa dak fejn isir l-investiment u mhux fejn tkun is-sede tal-kumpanija li tagħmel l-investiment. Il-GTI kkonferma wkoll li l-katina tal-valur tas-CPO, inklużi l-produtturi tal-bijodiżil, hija eliġibbli għal din l-iskema.

(245) L-investigazzjoni wriet li, għal diversi raġunijiet, l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi ma uża din l-iskema. Il-kumpaniji jew kienu qegħdin jagħmlu t-telf u għalhekk ma kellhom ebda taxxa fuq l-introjtu biex titnaqqas jew ma kinux eliġibbli minħabba li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjoni tar-reġjun speċifiku tal-investimenti.

(246) Billi l-ebda produttur esportatur ma għamel użu mill-iskema, il-Kummissjoni ma analizzatx aktar din l-iskema.

3.5.2. *Sussidju għaż-żoni industrijali*

(247) L-Ilmentatur isostni li bl-iskema għaż-żoni industrijali, il-GTI jissussidja lill-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjani permezz ta' diversi inċentivi. B'mod partikolari, l-Ilment isostni li l-GTI stabbilixxa l-hekk imsejjaħ "sussidju għaż-żoni industrijali" skont ir-Regolament Nru 142/2015. Taħt din l-iskema, kull "*Kumpanija Industrijali*" li tinsab f'"*Żona Industrijali*" tingħata inċentivi tat-tassazzjoni u tista' tingħata wkoll inċentivi reġjonali.

(248) Skont l-Ilment, dan il-programm jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lill-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjani fil-forma ta' dħul mitluf mill-GTI u jipprovdi benefiċċju għall-esportaturi tal-bijodiżil Indoneżjani ugwali għall-iffrankar tat-taxxa. Barra minn hekk, l-Ilment isostni li din l-iskema hija speċifika billi ċerti impriżi biss f'żona industrijali jistgħu jikkwalifikaw għall-programm skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament.

(249) L-investigazzjoni indikat li din l-iskema ġiet stabbilita mill-GTI bħala appoġġ għall-attività tal-industrija stabbilita f'żoni ġeografiċi speċifiċi, definiti mill-Artikolu 1.4 tar-Regolament tal-Gvern Nru 142 tal-2015 bħala żona ċentrali tal-attività tal-industrija li hija mgħammra b'infrastruttura ta' sostenn żviluppata u ġestita mill-Kumpanija taż-Żona Industrijali.

(250) L-investigazzjoni indikat ukoll li din l-iskema tista' tipprovdi benefiċċju lir-riċevituri billi r-Regolament tal-Ministeru tal-Finanzi 105/2016 jipprovdi għal ċerti faċilitajiet dwar it-taxxa korporattiva, kif ukoll eżenzjonijiet mill-VAT u mid-dazju tal-importazzjoni.

(251) L-investigazzjoni madankollu wriet li l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi ma uża din l-iskema u għalhekk il-Kummissjoni ma analizzatx aktar din l-iskema.

3.5.3. *Benefiċċju tat-Taxxa għall-Industriji Pijunieri*

(252) L-Ilment isostni li permezz tal-programm tal-benefiċċji tat-taxxa għall-industriji pijunieri, il-GTI jipprovdi sensiela ta' inċentivi fiskali sabiex jiżdied l-investiment dirett lill-hekk imsejħa "Industriji Pijunieri". B'mod partikolari, l-Ilment isostni li din l-iskema ġiet stabbilita fl-2011 bir-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi Nru 130/2011. Imbagħad ġiet riveduta diversi drabi. Dan il-programm ġie rivedut dan l-aħħar fid-29 ta' Marzu 2018 permezz tar-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi Nru 35/2018.

(253) Skont l-Ilment, din l-iskema tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lill-benefiċjarji fil-forma ta' dħul mitluf mill-GTI kif ukoll benefiċċju għal tal-ewwel f'termini ta' ffrankar tat-taxxa.

(254) L-investigazzjoni indikat li l-iskema inkwistjoni essenzjalment tikkonsisti fi tnaqqis tat-taxxa korporattiva għall-impriżi involuti f'ċerti attivitajiet kummerċjali (l-hekk imsejħa Industriji Pijunieri) elenkati fir-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi Nru 159/2015 kif emendat bir-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi Nru 103/2016. L-investigazzjoni żvelat ukoll li minbarra li jkunu attivi f'"industrija pijuniera" kif definita mill-Ministeru tal-Finanzi, l-impriżi, sabiex ikunu eliġibbli għal din l-iskema, iridu jinvestu mill-anqas IDR 1 000 000 000 000,00 (triljun rupiah) għas-setturi kollha tal-industriji pijunieri, eskluż is-settur tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni u t-teknoloġija (ICT) li jintroduċi teknoloġija avvanzata. Il-korporazzjonijiet fis-settur tal-ICT jistgħu jinvestu minimu ta' IDR 500 000 000 000,00 (ħames mitt biljun rupiah) biex ikunu eliġibbli għall-benefiċċju. Minbarra dan ta' hawn fuq, japplikaw xi kriterji oħra ta' eliġibbiltà u prinċipalment id-depożitu ta' minimu ta' 10 fil-mija tal-pjan ta' investiment f'banek Indoneżjani, iż-żamma ta' proporzjon ta' ingranaġġ ta' mill-anqas 4:1, u l-pussess tal-istatus ta' entità legali Indoneżjana mill-15 ta' Awwissu 2011.

(255) L-investigazzjoni madankollu wriet li l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi ma uża din l-iskema u għalhekk il-Kummissjoni ma analizzatx aktar din l-iskema.

3.5.4. *L-għoti ta' finanzjament u garanziji għall-esportazzjoni b'termini preferenzjali mill-Eximbank Indoneżjan*

(256) L-Ilment isostni li Lempabaga Pembiyaan Ekspor Indonesia ("Eximbank"), bank100 % tal-Istat, jaġixxi bħala istituzzjoni finanzjarja speċjali tal-Ministeru tal-Finanzi bil-ħsieb li tappoġġa l-kummerċ barrani tal-Indoneżja. Skont l-ilmentatur, f'din il-kapaċità, Eximbank jipprovdi finanzjament preferenzjali tal-esportazzjoni lill-industriji downstream Indoneżjani taż-żejt tal-palm, li jinkludi l-produtturi tal-bijodiżil.

(257) Skont l-Ilment, l-għan ta' Eximbank huwa li jappoġġa l-politiki tal-gvern fil-qafas tal-inkoraġġiment tal-programm nazzjonali tal-esportazzjoni permezz tal-forniment ta' finanzjament nazzjonali tal-esportazzjoni u li fir-Rapport Annwali tiegħu tal-2017, Eximbank indika wkoll li jimpenja ruħu li jappoġġa attivament lill-industriji Indoneżjani relatati maż-żejt tal-palm, li jiffurmaw il-parti prinċipali tal-bażi ta' klijenti tiegħu.

(258) L-Ilment isostni wkoll li l-firxa wiesgħa ta' servizzi finanzjarji, bħall-finanzjament tal-esportazzjoni, il-garanziji fuq l-esportazzjoni, l-assigurazzjoni fuq l-esportazzjoni u s-servizzi ta' konsulenza pprovduti minn Eximbank jikkwalifikaw bħala kontribuzzjoni finanzjarja min-naħa tal-GTI. L-Ilment isostni wkoll li skont il-Liġi 2/2009 jindika li l-funzjoni ta' Eximbank hija li jipprovdi finanzjament għal kwalunkwe tranżazzjoni jew proġett li ma jkunux vijabbli għall-banek kummerċjali għall-iskop li tiġi xprunata l-esportazzjoni. F'dan il-kuntest, l-Ilment isostni li skont ir-Rapport Annwali ta' Eximbank tal-2017, Eximbank kellu assi ta' finanzjament u riċevibbli b'rati tal-imgħax nominali baxxi sa 0 %, denominati kemm fir-Rupiah kif ukoll f'muniti barranin. L-Ilment għalhekk isostni li, minkejja li ma jistax jidentifika b'mod preċiż ir-rata tal-imgħax applikata minn Eximbank għall-produtturi tal-bijodiżil, huwa xorta waħda jsostni li dawn ikunu taħt il-prezz tas-suq u għalhekk jikkostitwixxu benefiċċju favur tagħhom.

(259) L-investigazzjoni indikat li Eximbank ġie stabbilit mill-GTI skont il-Liġi 2/2009 u jipprovdi finanzjament fil-forma ta' kapital u/jew investiment operatorju. B'mod aktar preċiż, l-investigazzjoni wriet li Eximbank huwa involut fl-attivitajiet li ġejjin:

— Garanziji pprovduti lil esportaturi tal-Indoneżja, importaturi f'pajjiżi oħra u offerti relatati mal-prestazzjoni tal-proġetti;

— Faċilitajiet ta' assigurazzjoni għall-esportaturi f'każ li l-aġenziji tal-assigurazzjoni fuq l-esportazzjoni eżistenti ma jkunux jistgħu jipprovdu servizzi; kif ukoll,

— Servizzi ta' konsulenza permezz ta' servizzi ta' taħriġ u konsulenza għall-banek, l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-esportaturi, il-manifatturi ta' oġġetti għall-esportazzjoni, speċjalment l-impriżi żgħar u medji u l-kooperattivi.

(260) L-investigazzjoni żvelat li l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi ħlief wieħed ma kellu relazzjoni kuntrattwali ma' Eximbank. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni vverifikat is-self kollu li sar bejn il-produtturi esportaturi u kull bank tal-Istat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni setgħet tivverifika li r-rata tal-imgħax applikata mill-banek tal-Istat fuq is-self hija komparabbli ma' parametri referenzjarji internazzjonali, kemm għas-self denominat fir-Rupiahs Indoneżjani ("IDR") kif ukoll għas-self denominat fid-dollaru Amerikan. Fir-rigward tas-self denominat fl-IDRs, il-Kummissjoni qabblet ir-rata tal-imgħax pagabbli mill-produtturi esportaturi matul il-ħajja tas-selfa mar-rendiment ta' bonds Indoneżjani ta' durata simili kif disponibbli fuq Bloomberg. Il-Kummissjoni osservat li t-tnejn huma komparabbli.

(261) Konsegwentement, minħabba l-fatt li l-Kummissjoni ma stabbilietx li din l-iskema kienet tat xi benefiċċju, hija ma komplietx tanalizza l-iskema.

### 3.6. **Konklużjoni dwar is-sussidjar**

(262) Il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont ta' sussidji kumpensabbli għal kull produttur esportatur skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku billi eżaminat kull sussidju jew programm ta' sussidju, u għaddet dawn iċ-ċifri flimkien biex tikkalkula ammont totali ta' sussidjar għal kull produttur esportatur għall-perjodu ta' investigazzjoni. Biex tikkalkula s-sussidjar globali ta' hawn taħt, il-Kummissjoni l-ewwel ikkalkulat il-perċentwal tas-sussidjar, li huwa l-ammont ta' sussidju bħala perċentwal tal-fatturat totali tal-kumpanija. Dan il-perċentwal imbagħad intuża għall-kalkolu tas-sussidju allokat għall-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Imbagħad ġie kkalkulat l-ammont ta' sussidju għal kull tunnellata tal-prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u ġew ikkalkulati l-marġnijiet li ġejjin bħala perċentwal tal-valur tal-Kost, l-Assigurazzjoni u n-Nol ("CIF") tal-istess esportazzjonijiet għal kull tunnellata.

(263) Minħabba l-kooperazzjoni sħiħa tal-produtturi esportaturi Indoneżjani, l-ammont għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" ġie stabbilit b'mod provviżorju fil-livell tal-ogħla ammont stabbilit għall-kumpaniji li kkooperaw.

| Kumpanija | Rata ta' sussidju |
|---|---|
| PT Ciliandra Perkasa | 8,0 % |
| PT Intibenua Perkasatama u PT Musim Mas (Musim Mas Group) | 16,3 % |
| PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo (Permata Group) | 18,0 % |
| PT Wilmar Nabati Indonesia u PT Wilmar Bioenergi Indonesia (Wilmar Group) | 15,7 % |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 18,0 % |

## 4. **DANNU**

### 4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(264) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, 44 produttur fl-Unjoni li kienu membri tal-EBB u 196 produttur magħruf ieħor mhux membri mmanifatturaw il-prodott simili. Dawn il-produtturi kollha jiffurmaw l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku.

(265) Kif indikat fil-premessi (17) sa (20), il-Kummissjoni għażlet tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li jirrappreżentaw 18 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

(266) Il-Kummissjoni stabbiliet il-produzzjoni totali ta' bijodiżil tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni għal madwar 13-il miljun tunnellata abbażi ta' informazzjoni ppreżentata mill-EBB rigward l-industrija tal-Unjoni..

(267) L-EBB jiġbor id-*data* dwar il-produzzjoni li huwa jirċievi mingħand il-membri tiegħu, li jirrappreżentaw madwar 70 % tal-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Unjoni. Fir-rigward tal-produtturi mhux membri li jirrappreżentaw madwar 30 % tal-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Unjoni, huwa jiġbor l-informazzjoni dwar il-produzzjoni mingħand l-assoċjazzjonijiet tal-industrija nazzjonali rilevanti u minn sorsi oħra pubblikament disponibbli.

(268) Il-metodoloġija u l-korrettezza tad-*data* miġbura mill-EBB kienet soġġetta għal żjara ta' verifika skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku li saret fl-uffiċċji tal-EBB.

*Tabella 3*

**Produzzjoni tal-Unjoni (tunnellati)**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Produzzjoni totali tal-Unjoni | 11 789 896 | 11 958 862 | 13 071 053 | 13 140 582 |
| *Indiċi* | *100* | *101* | *111* | *111* |

*Sors:* EBB

(269) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni żdiedet gradwalment bi 11 % bejn l-2015 u l-2017. Hija baqgħet stabbli bejn l-2017 u t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni. Meta mqabbla mal-konsum tal-Unjoni, indikata fit-tabella 4 hawn taħt, il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma laħħqitx mad-domanda, bid-differenza tkun il-bijodiżil impurtat.

### 4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(270) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-bijodiżil fl-Unjoni billi għaddet l-importazzjonijiet tal-bijodiżil fl-Unjoni mal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni.

(271) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 4*

**Konsum tal-Unjoni (tunnellati)**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Konsum totali tal-Unjoni | 11 791 953 | 11 435 468 | 14 202 128 | 15 634 102 |
| *Indiċi* | *100* | *97* | *120* | *133* |

*Sors:* L-EBB, l-istatistika tal-importazzjoni tal-UE

(272) Il-konsum tal-bijodiżil tal-Unjoni kien stabbli sal-2016. Huwa żdied fl-2017 u fil-perjodu ta' investigazzjoni bi 33 % meta mqabbel mal-2015. Il-konsum tal-bijodiżil jiddependi fuq żewġ fatturi prinċipali, il-konsum tal-fjuwil tad-diżil u l-kontenut ta' bijodiżil f'dan il-fjuwil.

(273) Id-domanda li dejjem qed tiżdied u l-produzzjoni tal-Unjoni jirriżultaw mill-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija. Id-Direttiva 2009/285 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (ir-RED, Renewable Energy Directive) ([55]) stabbiliet li "*kull Stat Membru għandu jiżgura li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-forom kollha ta' trasport fl-2020 huwa mill-anqas 10 % tal-konsum finali ta' enerġija fit-trasport f'dak l-Istat Membru*" ("il-mandat ta' taħlit"). Id-Direttiva tippermetti li kull Stat Membru jistabbilixxi l-mandati speċifiċi għall -pajjiż tiegħu stess.

(274) It-Tieni Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli 2018/2001 ("RED II") ġiet ippubblikata fil-21 ta'Diċembru 2018 ([56]), wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni. Id-Direttiva tipprosegwi l-politika li l-karburanti rinnovabbli jintużaw fis-settur tat-trasport, tkompli l-mira ta' 10 % tar-rinnovabbli fit-trasport, u tistabbilixxi l-kriterji għas-sostenibbiltà tal-bijokarburanti għall-bijokarburanti kollha prodotti u kkunsmati fl-UE.

(275) Il-fatt li aktar bijodiżil qed jitħallat mad-diżil minerali huwa element importanti fl-analiżi tax-xejriet tas-suq tal-bijodiżil fl-Unjoni. Il-kost tal-produzzjoni u l-prezzijiet tal-bijodiżil ġeneralment huma ogħla mill-kost tal-produzzjoni u l-prezzijiet tad-diżil minerali. Il-leġiżlazzjoni tal-UE teżiġi li l-produtturi tal-fjuwils (raffineriji) jixtru l-bijodiżil biex iħalltuh mal-fjuwil fossili.

([55]) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

([56]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.

(276) Il-konsum tal-bijodiżil huwa marbut direttament mal-miżuri introdotti f'kull Stat Membru sabiex ikunu konformi mal-mandat ta' taħlit ta' ċerti livelli ta' bijodiżil fil-fjuwils fossili. Il-konsum tal-bijodiżil huwa mistenni li jiżdied hekk kif u meta aktar Stati Membri jittrasponu l-miri tad-direttiva tal-UE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

(277) Fattur importanti ieħor huwa relatat mal-konsum tal-fjuwil tad-diżil għat-trasport bit-triq fl-Unjoni. Dan il-konsum huwa xprunat mis-sitwazzjoni ekonomika ġenerali tal-Unjoni, li twassal għall-ħtieġa li jiġu trasportati oġġetti u persuni.

(278) Fattur ieħor relatat mal-konsum tal-fjuwil tad-diżil (u konsegwentement tal-bijodiżil) fl-Unjoni huwa l-effiċjenza tal-fjuwil tat-trakkijiet, tal-karozzi tal-linja u tal-karozzi li jaħdmu bid-diżil. Effiċjenza ogħla tal-fjuwil twassal direttament għal konsum anqas tad-diżil. Fattur ieħor huwa l-bidla minn magni diżil għal magni li jużaw tipi oħra ta' fjuwil, bħall-petrol, LPG/CNG, magni ibridi u magni kompletament elettriċi.

## 4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

### 4.3.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(279) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet ta' bijodiżil u tas-sehem tagħhom mis-suq abbażi tal-bażi tad-*data* Surveillance 2 ([57]).

(280) L-importazzjonijiet tal-bijodiżil fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej: Il-PI inqasam f'erbgħa biex jintwera l-effett tal-abrogazzjoni tad-dazji f'Marzu 2018.

*Tabella 5*

**Il-volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u s-sehem mis-suq**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja (tunnellati) | 13 340 | 31 115 | 24 984 | 516 088 |
| *Indiċi* | *100* | *233* | *187* | *3 869* |
| Sehem mis-suq | 0,1 % | 0,3 % | 0,2 % | 3,3 % |
| *Indiċi* | *100* | *241* | *156* | *2 918* |

*Sors:* Il-bażi tad-data Surveillance 2

*Tabella 6*

**Volum ta' importazzjonijiet (f'tunnellati) kull tliet xhur mill-Indoneżja fil-PI**

| | Q4 2017 | Q1 2018 | Q2 2018 | Q3 2018 |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja (tunnellati) | 0 | 25 275 | 227 114 | 263 678 |

*Sors:* Il-bażi tad-data Surveillance 2

(281) Minħabba d-dazji anti-dumping imposti fis-26 ta' Novembru 2013 bir-Regolament (UE) 1194/2013 ([58]) li jirrigwardaw l-importazzjonijiet mill-Indoneżja, kien hemm biss importazzjonijiet żgħar mill-Indoneżja lejn l-Unjoni bejn l-2015 u Frar tal-2018.

([57]) Bażi tad-*data* ta' prodotti speċifiċi taħt "sorveljanza" jew monitoraġġ importati fit-territorju doganali tal-Unjoni li hija miżmuma mid-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali.

([58]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013 tad-19 ta' Novembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja, ĠU L 315, 26.11.2013, p. 2.

(282) Madankollu, dawn id-dazji ġew abrogati minn Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' Marzu 2018 ([59]) u b'konsegwenza, l-importazzjonijiet żdiedu b'mod drammatiku u aki wara kif jidher fil-Tabella 6.

4.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz*

(283) Kif stabbilit hawn fuq, kien hemm importazzjonijiet mill-Indoneżja matul il-perjodu sħiħ ikkunsidrat. L-evoluzzjoni tal-prezzijiet fil-perjodu kkunsidrat, mill-2015 sal-perjodu ta' investigazzjoni, kienet kif ġej.

*Tabella 7*

**Prezz tal-importazzjoni**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Prezzijiet tal-importazzjoni mill-Indoneżja (EUR għal kull tunnellata) | 853 | 619 | 803 | 671 |

*Sors:* Il-bażi tad-data Surveillance 2

(284) Matul il-PI kien hemm differenza ta' madwar 15 % bejn dawn il-prezzijiet ta' importazzjoni u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-UE (Tabella 10). Mill-2015 sal-2017 id-differenza kienet bejn 5 % u 10 %.

(285) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Indoneżjani lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq il-bażi ta' Kost, Assigurazzjoni, Nol ("CIF"), b'aġġustamenti xierqa għall-kostijiet tal-importazzjoni; kif ukoll

(2) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun mitluba lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni.

(286) Il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet fuq bażi ta' tip b'tip għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, debitament aġġustati fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-ribassi u l-iskontijiet.

(287) It-tqabbil fuq bażi ta' tip b'tip iffoka fuq tqabbil tas-CFPP, irrispettivament mill-materja prima użata. Karatteristika oħra li l-Kummissjoni qieset kienet jekk prodott kienx soġġett għal "għadd doppju" fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Għall-Ġermanja, fejn hemm fis-seħħ mod differenti ta' kalkolu tal-effiċjenza tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-Kummissjoni qieset ukoll din l-ispeċifiċità tas-suq Ġermaniż.

(288) Il-Kummissjoni nnotat li xi esportaturi Indoneżjani rrappurtaw esportazzjonijiet lejn l-UE mingħajr ċertifikat (magħruf bħala ċertifikat RED) li huwa meħtieġ skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli sabiex il-bijodiżil ikun jista' jgħodd għall-mandat ta' taħlit fl-UE. Il-Kummissjoni qieset li dan il-bejgħ kien f'kompetizzjoni diretta mal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'dan iċ-ċertifikat RED, billi dawn l-importazzjonijiet kienu f'ċirkolazzjoni ħielsa u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-prodott kienu l-istess.

(289) Il-Kummissjoni stabbiliet li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-klijent finali li jixtri l-bijodiżil ma jkunx konxju, u lanqas ikkonċernat, mill-materja prima li tkun intużat fil-produzzjoni, iżda jeżiġi prodott li jissodisfa ċertu livell massimu ta' CFPP. Dan il-livell ivarja skont l-istaġun u l-kundizzjonijiet klimatiċi. Matul ix-xhur tas-sajf u f'reġjuni aktar sħan, livelli ogħla ta' CFPP jistgħu jinbigħu, filwaqt li matul ix-xhur tax-xitwa u f'reġjuni aktar kesħin huwa meħtieġ bijodiżil b'livell aktar baxx ta' CFPP.

([59]) Fil-15 ta' Settembru 2016, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti Ġenerali") tat Sentenza fil-kawżi T-80/14, T-111/14 sa T-121/14 (5) u T-139/14 (6) ("is-Sentenzi") li annullaw l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament definittiv sal-punt li japplikaw għall-applikanti f'dawk il-kawżi ("il-produtturi esportaturi kkonċernati"). Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kien inizjalment appella mis-Sentenzi. Madankollu, wara d-deċiżjoni tal-kunsill li jirtira l-appelli tiegħu, il-kawżi tneħħew mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 u fil-5 ta' Marzu 2018 (Ordnijiet tal-President tal-Qorti tal-15 ta' Frar 2018 fil-Kawżi Konġunti C-602/16 P u C-607/16 P sa C-609/16 P, u tas-16 ta' Frar 2018 fil-kawżi C-603/16 P sa C-606/16 P). Konsegwentement, is-Sentenzi saru definittivi u vinkolanti mid-data ta' meta twasslu.

(290) Minħabba l-livell ogħla ta' CFPP tal-PME pur (normalment CFPP +13), dan normalment ma jitħallatx waħdu mad-diżil minerali, iżda normalment jitħallat ma' bijodiżils oħrajn b'CFPP aktar baxx l-ewwel għall-produzzjoni ta' taħlita CFPP +5 jew CFPP 0 li mbagħad titħallat mad-diżil minerali.

(291) L-ammont ta' PME użat f'taħlita jiddependi fuq l-istaġun u l-post madwar l-Ewropa. Fl-Ewropa ta' Isfel is-CFPP -5 jintuża fix-xitwa, u s-CFPP +5 jintuża fis-sajf. Fl-Ewropa ta' Fuq is-CFPP -10 jintuża fix-xitwa, u s-CFPP 0 jintuża fis-sajf. Aktar ma jkun għoli s-CFPP, akbar il-perċentwal ta' PME li jista' jintuża fit-taħlita tal-bijodiżil ([60]).

(292) Biex tikkalkula t-twaqqigħ tal-prezz fil-livell ta' kull produttur esportatur, il-kummissjoni l-ewwel qabblet l-importazzjonijiet mill-Indoneżja, li huma bijodiżil miż-żejt tal-palm pur, mal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-bijodiżil miż-żejt tal-palm pur.

(293) B'riżultat, it-tip ta' bijodiżil mibjugħ mill-Unjoni kien f'kompetizzjoni diretta mal-bijodiżil importat mill-Indoneżja, b'konformità mar-rapport tal-bord tad-WTO dwar il-Bijodiżil mill-Indoneżja ([61]). Dak it-tqabbil kien ikopri madwar 20 % tal-bejgħ kollu mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Skont il-każistika tad-WTO, ma hemmx rekwiżit li jipprevedi xi perċentwal speċifiku tal-bejgħ tal-industrija domestika li jrid jiġi kkunsidrat fl-analiżi tal-effetti tal-prezzijiet ([62]).

(294) Il-Kummissjoni esprimiet ir-riżultat ta' dan it-tqabbil dirett ta' importazzjonijiet ta' PME mal-bejgħ tal-PME bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni medju ponderat ta' twaqqigħ tal-prezz mill-importazzjonijiet ta' esportaturi mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni ta' bejn 6,0 % u 11,6 %.

(295) Il-kumplament tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kellhom CFPP aktar baxx, li jippermetti li dawn il-prodotti jintużaw f'temperaturi aktar baxxi. Minħabba li t-tqabbil imsemmi hawn fuq bejn l-importazzjonijiet mill-Indoneżja u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kopra biss madwar 20 % tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-Kummissjoni għamlet żewġ tipi oħra ta' tqabbil ta' prezzijiet biex tivvaluta l-affidabbiltà ta' din il-konstatazzjoni dwar it-twaqqigħ tal-prezz.

(296) Fit-tieni opzjoni, il-Kummissjoni wessgħet it-tqabbil billi inkludiet il-bijodiżil b'CFPP ta' madwar 0 grad ("FAME0"), l-aktar tip ta' bijodiżil mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, fit-tqabbil. Għal dan il-għan, il-prezzijiet tal-FAME0 ġew aġġustati 'l isfel billi tqies il-valur tas-suq tad-differenzi fil-proprjetajiet fiżiċi. Dan il-valur tas-suq ġie vvalutat abbażi tad-differenza fil-prezz bejn il-FAME10 u l-FAME0 fis-suq tal-Unjoni. Dan it-tqabbil kopra 55 % tal-bejgħ kollu tal-industrija tal-Unjoni u wera twaqqigħ tal-prezz ta' 7,4 %.

(297) Dan it-twaqqigħ iqis li l-bijodiżil fil-livell CFPP0 – FAME0 - normalment ikun taħlita ta' diversi tipi ta' bijodiżil, li ħafna drabi jinkludu sa 20 % ta' PMF. Il-Kummissjoni għalhekk ikkunsidrat li l-prezz tal-bijodiżils imħallta biex jipproduċu l-FAME0 għandhom impatt fuq il-prezz tal-bejgħ tiegħu fis-suq tal-Unjoni u għalhekk it-tqabbil huwa xieraq biex jivverifika l-konfront fuq bażi komparabbli.

(298) Fit-tielet opzjoni, il-Kummissjoni qabblet l-importazzjonijiet kollha tal-produtturi esportaturi Indoneżjani mal-bejgħ kollu tal-produtturi tal-Unjoni irrispettivament mit-tip ta' prodott. Dan it-tqabbil wera twaqqigħ ta' prezz ta' 17,5 % ([63]).

(299) dan it-tqabbil wera li l-importazzjonijiet tal-PME mill-Indoneżja bi prezzijiet sussidjati ikollhom l-effett li jbaxxu l-prezz ta' ħafna mit-taħlitiet mibjugħa fis-suq tal-Unjoni.

(300) B'konsegwenza, it-tliet tipi ta' tqabbil ta' prezz urew livelli sinifikanti ta' twaqqigħ tal-prezz. Għalhekk, irrispettivament mill-metodoloġija użata, il-Kummissjoni proviżorjament stabbiliet li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Indoneżjani waqqgħu il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'mod sinifikanti.

(301) Barra minn hekk, fil-premessa (328) il-Kummissjoni analizzat jekk il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni tnaqqsux bl-importazzjonijiet sussidjati.

---

([60]) WT/DS480/R L-Unjoni Ewropea - Miżuri Anti-Dumping dwar il-Bijodiżil mill-Indoneżja, para 7.152
([61]) WT/DS480/R L-Unjoni Ewropea - Miżuri Anti-Dumping dwar il-Bijodiżil mill-Indoneżja, paragrafi 7.143-7.161.
([62]) WT/DS480/R L-Unjoni Ewropea - Miżuri Anti-Dumping dwar il-Bijodiżil mill-Indoneżja, paragrafu 7.160.
([63]) F'WT/DS480/R, paragrafu 7.160 l-Indoneżja argumentat li tqabbil bejn l-importazzjonijiet Indoneżjani u l-bijodiżil imħallat CFFP 0 mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni li jirrappreżenta 37 % tal-bejgħ kollu fl-Unjoni kien insuffiċjenti. L-Indoneżja kompliet tasserixxi li l-Kummissjoni kien missha qabblet il-prezzijiet tal-bejgħ tas-63 % l-oħra tal-bejgħ tal-Unjoni. Dan it-tqabbil bħad-differenza fil-prezz imsemmija fil-premessa (284), tikkonferma li kien hemm twaqqigħ tal-prezz sinifikanti matul il-PI.

### 4.4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(302) Skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(303) Kif intqal fil-premessi (17) sa (20), intuża kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu u tal-impatt negattiv fuq il-livell tal-prezzijiet tal-bejgħ, il-kwantitajiet mibjugħa, is-sehem mis-suq u l-profitti tal-industrija tal-Unjoni.

(304) Għad-determinazzjoni tad-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi makroekonomiċi u l-indikaturi mikroekonomiċi tad-dannu. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi bbażati fuq id-*data* mogħtija fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta mill-EBB.

(305) Il-Kummissjoni vverifikat il-metodoloġija tal-ġbir tad-*data* ppreżentata mill-EBB u li l-informazzjoni kienet appoġġata minn dokumentazzjoni u proċeduri ta' riċerka adegwati.

(306) Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(307) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tas-sussidju, u l-irkupru minn sussidju jew dumping fil-passat.

(308) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabilità, il-flussi tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-kapital.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(309) Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità totali tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 8*

**Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati) | 16 009 878 | 16 561 814 | 16 594 853 | 17 031 230 |
| *Indiċi* | *100* | *103* | *104* | *106* |
| Użu tal-kapaċità | 74 % | 72 % | 79 % | 77 % |

*Sors:* EBB

(310) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet bil-mod matul il-perjodu kkunsidrat, biex tieħu kont taż-żieda fid-domanda. Madankollu, billi l-industrija tal-Unjoni setgħet tibbenefika biss mit-tkabbir tas-suq sa ċertu punt limitat ħafna minħabba ż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet sussidjati, b'mod partikolari matul il-perjodu ta' investigazzjoni, iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni hija konsiderevolment aktar baxxa mit-tkabbir fid-domanda.

(311) Bl-istess mod, bħal fil-każ tal-informazzjoni dwar il-produzzjoni, fil-premessa (309), l-EBB jiġbor *data* dwar il-kapaċità mingħand il-membri tiegħu, inklużi assoċjazzjonijiet nazzjonali, u fir-rigward ta' dawk li mhumiex membri, huwa jiġbor l-informazzjoni dwar il-kapaċità minn sorsi oħra pubblikament disponibbli.

(312) Iċ-ċifri tal-kapaċità tal-produzzjoni ma jinkludux parti sinifikanti mill-kapaċità li hija meqjusa mhux attiva. L-EBB spjega li għadd ta' impjanti installati tal-bijodiżil ilhom ma joperaw għal bosta snin u għandhom jitqiesu bħala li ilhom żmien twil ma jintużaw. Dawn l-impjanti, għalkemm nominalment huma installati, ikunu jistgħu jerġgħu jibdew il-produzzjoni biss wara investiment fl-adattament tekniku u wara perjodu sinifikanti.

(313) L-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni żdied b'3 punti perċentwali minn 74 % għal 77 % fil-perjodu kkunsidrat. L-industrija kisbet l-ogħla livelli ta' użu tal-kapaċità matul l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(314) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw hekk matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 9*

**Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati) | 11 305 117 | 10 920 665 | 13 004 462 | 12 741 791 |
| *Indiċi* | *100* | *97* | *115* | *113* |
| Sehem mis-suq | 95,9 % | 95,5 % | 91,6 % | 81,5 % |

*Sors:* EBB, statistika dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni

(315) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bejn l-2015 u l-2016, żdied fl-2017 iżda mbagħad reġa' naqas daqsxejn fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(316) Il-fatturi li jixprunaw il-bejgħ huma l-istess fatturi li jixprunaw il-konsum tal-Unjoni. L-importazzjonijiet ma kellhomx effett sinifikanti fuq il-livell tal-bejgħ fis-snin 2015-2016, li kienet raġuni għal-livelli pjuttost stabbli kemm tal-bejgħ kif ukoll tas-sehem mis-suq.

(317) It-tneħħija tad-dazji fuq l-importazzjonijiet mill-Indoneżja, biddlet l-istampa tas-suq fl-2018. Wara t-tneħħija tad-dazji, l-industrija tal-Unjoni tilfet mis-sehem sinifikanti mis-suq meta mqabbel mal-2016 (kważi 15 %), b'mod partikolari bejn l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.2.3. It-tkabbir

(318) Filwaqt li s-suq fl-Unjoni kien qiegħed jikber bi 33 % matul il-perjodu kkunsidrat, il-kwantità tal-bejgħ u l-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedu biss bi 13 % u 11 % rispettivament. L-industrija tal-Unjoni għalhekk kienet kapaċi tibbenefika biss mit-tkabbir tas-suq matul il-perjodu ta' investigazzjoni b'mod limitat ħafna, billi parti sinifikanti minn dan it-tkabbir kienet assorbita miż-żieda fil-kwantitajiet ta' importazzjonijiet, bħall-importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja.

4.4.2.4. L-impjiegi u l-produttività

(319) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej:

*Tabella 10*

**L-impjiegi u l-produttività**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' impjegati | 2 763 | 2 762 | 2 733 | 2 841 |
| *Indiċi* | *100* | *100* | *99* | *103* |
| Produttività (tunnellata/impjegat) | 4 267 | 4 329 | 4 782 | 4 625 |
| *Indiċi* | *100* | *101* | *112* | *108* |

*Sors:* EBB

(320) L-impjiegi mill-industrija tal-Unjoni baqgħu stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Il-produttività żdiedet bejn l-2016 u l-2017 u mbagħad naqset ftit b'erba' punti perċentwali.

4.4.2.5. Il-kobor tal-ammont tas-sussidji kumpensabbli u l-irkupru minn sussidjar jew dumping preċedenti

(321) L-impatt tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja fuq l-industrija tal-Unjoni huwa probabbli li jkun sostanzjali, minħabba l-volumi sinifikanti u l-prezzijiet baxxi ta' dawn l-importazzjonijiet.

(322) Fis-26 ta' Novembru 2013 l-UE imponiet dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Indoneżja. Id-dazji kienu jvarjaw bejn 8.8 % u 20.5 %.

(323) Kif intqal fil-premessa (282), dawk id-dazji anti-dumping ġew annullati f'Marzu 2018 u b'riżultat ta' dan, l-importazzjonijiet mill-Indoneżja bdew jiżdiedu b'mod notevoli. Kif innotat fil-premessa (280), is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Indoneżjani laħaq 3.3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni, kważi esklussivament fit-tieni nofs tal-perjodu ta' investigazzjoni.

(324) Bħala konsegwenza taż-żieda fl-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi li kienu qegħdin taħt jew iwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni tilfet mis-sehem mis-suq u ma setgħetx tibbenefika mit-tkabbir tas-suq.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(325) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 11*

**Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata) | 715 | 765 | 832 | 794 |
| *Indiċi* | *100* | *107* | *116* | *111* |
| Kost ta' unità tal-produzzjoni (EUR/tunnellata) | 728 | 767 | 827 | 791 |
| *Indiċi* | *100* | *105* | *114* | *109* |

*Sors:* Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(326) Il-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, lil klijenti mhux relatati, żdied b'16 % bejn l-2015 u l-2017. Il-prezzijiet suċċessivament naqsu b'5 punti perċentwali bejn l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni.

(327) Il-kost ta' unità tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun segwa x-xejra tal-prezzijiet, u żdied b'14 % bejn l-2015 u l-2017. Il-kostijiet naqsu b'5 punti perċentwali bejn l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni.

(328) Is-suq tal-bijodiżil huwa suq tal-komoditajiet sensittiv għall-prezzijiet. F'suq tal-komoditajiet bħal dan, twaqqigħ tal-prezz ta' madwar 10 % jagħmel pressjoni 'l isfel sinifikanti fuq il-prezzijiet. Minħabba din il-pressjoni fuq il-prezzijiet, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika mit-tnaqqis fil-kostijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni, minħabba li kellha tgħaddi b'mod sħiħ dan it-tnaqqis fil-kostijiet lill-klijenti biex tevita telf saħansitra akbar mis-sehem mis-suq.

(329) B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx ittejjeb il-marġni ta' profitt mhux sodisfaċenti tagħha minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-kwantitajiet sinifikanti ta' importazzjonijiet sussidjati bi prezzijiet baxxi f'sitwazzjoni tas-suq altrimenti favorevoli.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(330) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 12*

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR) | 71 573 | 65 237 | 65 874 | 65 730 |
| *Indiċi* | *100* | *91* | *92* | *92* |

*Sors:* Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(331) Il-kostijiet lavorattivi medji naqsu bejn l-2015 u l-2016, u suċċessivament baqgħu stabbli sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.3.3. Stokkijiet

(332) Il-livelli tal-istokkijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 13*

**L-Istokkijiet**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati) | 85 725 | 92 291 | 87 864 | 88 457 |
| *Indiċi* | *100* | *108* | *102* | *103* |

*Sors:* Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(333) Il-livelli tal-istokk tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun baqgħu relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Minħabba li l-prodott ikkonċernat jinbiegħ bl-ingrossa, kunsinna waħda tista' tinkludi volum sinifikanti ta' aktar minn 10 000 tunnellata u jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-livell tal-istokk, skont id-data preċiża tat-tranżazzjoni.. Għaldaqstant il-livell tal-istokkijiet huwa indikatur anqas sinifikattiv għall-industrija tal-Unjoni.

4.4.3.4. Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

(334) Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej tul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 14*

**Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) | – 0,1 % | 0,9 % | 0,8 % | 0,8 % |
| *Indiċi* | *– 100* | *900* | *800* | *824* |
| Fluss tal-flus (EUR) | 23 004 159 | 26 458 832 | 35 102 719 | 26 286 866 |
| *Indiċi* | *100* | *115* | *153* | *114* |

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Investimenti (EUR) | 19 697 707 | 8 039 845 | 38 946 892 | 13 265 279 |
| *Indiċi* | *100* | *41* | *198* | *67* |
| Redditu fuq l-investimenti | – 3 % | 18 % | 16 % | 17 % |
| *Indiċi* | *– 100* | *600* | *533* | *573* |

*Sors:* Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(335) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tat-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabilità hija bbażata fuq il-kost tal-oġġetti mibjugħa.

(336) Il-profittabilità kienet bejn wieħed u ieħor f'punt ta' ekwilibriju matul il-perjodu kollu kkunsidrat, fejn baqgħet taħt 1 % tal-fatturat.

(337) Minkejja l-livelli baxxi ta' profitt, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tiġġenera fluss tal-flus pożittiv mill-operazzjonijiet tagħha fil-perjodu kollu kkunsidrat. Hija kienet kapaċi tiffinanzja l-attivitajiet tagħha stess.

(338) L-industrija tal-Unjoni kompliet tinvesti matul il-perjodu kollu kkunsidrat. L-investimenti varjaw b'mod qawwi matul il-perjodu kollu, fejn laħqu l-ogħla livell tagħhom fl-2017.

(339) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Ir-redditu fuq l-investiment kien baxx iżda pożittiv waqt li l-industrija kienet profittabbli, bejn l-2016 u t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

(340) Il-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' profitti matul il-perjodu ta' investigazzjoni llimitat il-kapaċità tagħha li tiġġenera kapital.

4.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(341) L-importazzjonijiet mill-Indoneżja kienu negliġibbli matul il-perjodu kollu kkunsidrat sa Marzu 2018 meta d-dazji anti-dumping eżistenti ma tkomplewx. Bħala riżultat, matul il-perjodu ta' investigazzjoni l-importazzjonijiet żdiedu b'mod sinifikanti u laħqu 3,3 %.

(342) Il-konsum tal-Unjoni baqa' dejjem jiżdied matul il-perjodu kkunsidrat, u laħaq żieda ta' 33 % għall-perjodu kollu. Parti biss minn dan l-iżvilupp pożittiv kienet riflessa fil-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni li żdiedu bi 11 % u 13 % rispettivament matul l-istess perjodu. B'riżultat ta' dan, l-importazzjonijiet mill-Indoneżja, żiedu s-sehem tagħhom mis-suq.

(343) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-indikaturi tad-dannu wrew stampa mħallta. Il-produzzjoni u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni sa ċertu punt segwew id-domanda tas-suq, iżda setgħu jibbenefikaw biss mit-tkabbir tas-suq lejn tmiem il-perjodu kkunsidrat b'mod limitat ħafna.

(344) L-investimenti varjaw matul il-perjodu kkunsidrat. L-għadd ta' impjegati fl-industrija tal-Unjoni baqa' stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, li flimkien ma' żieda fil-produzzjoni wassal għal żieda fil-produttività għal kull impjegat.

(345) Madankollu, il-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni baqgħet baxxa matul il-perjodu kkunsidrat. Dan jindika li l-industrija tal-Unjoni ma rnexxilhiex tilħaq il-livell ta' operazzjonijiet profittabbli normali.

(346) Minkejja żieda fil-bejgħ u l-produzzjoni, ikkawżata minn żieda fil-konsum, l-industrija tal-Unjoni ma wrietx indikazzjonijiet ta' titjib fis-sitwazzjoni ekonomika tagħha. Filwaqt li ma waslitx għal konklużjoni dwar l-eżistenza ta' dannu materjali matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni se teżamina jekk għall-anqas hemmx theddida ta' dannu materjali.

## 5. THEDDIDA TA' DANNU

### 5.1. Introduzzjoni

(347) Skont l-Artikolu 8(8) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja jikkostitwux theddida ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni.

(348) Fl-analiżi ta' theddida ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkunsidrat fatturi bħal:

— in-natura tas-sussidju jew sussidji inkwistjoni u l-effetti kummerċjali li aktarx jirriżultaw minnhom;

— xi rata sinifikanti ta' żieda fl-importazzjonijiet sussidjati fis-suq tal-Unjoni li tindika l-probabbiltà ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet;

— kapaċità liberament disponibbli suffiċjenti min-naħa tal-esportatur jew żieda imminenti u sostanzjali f'din il-kapaċità li tindika l-probabbiltà ta' żieda sostanzjali fl-esportazzjonijiet sussidjati lejn l-Unjoni, b'kont meħud tad-disponibbiltà ta' swieq oħra tal-esportazzjoni sabiex jassorbu kwalunkwe esportazzjoni addizzjonali;

— jekk l-importazzjonijiet ikunux deħlin bi prezzijiet li, b'mod sinifikanti, iwaqqgħu l-prezzijiet jew jimpedixxu żidiet fil-prezzijiet li kieku kienu jseħħu, u x'aktarx iżidu d-domanda għal aktar importazzjonijiet; kif ukoll

— il-livell tal-inventarji.

### 5.2. **In-natura tas-sussidju jew sussidji inkwistjoni u l-effetti kummerċjali li aktarx jirriżultaw minnhom**

(349) Fil-premessa (263), il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju dwar l-eżistenza ta' sussidji kumpensabbli skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku. Dawk is-sussidji juru li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jibbenefikaw minn appoġġ governattiv. Il-prezzijiet inferjuri u t-twaqqigħ sinifikanti tal-prezzijiet li nstabu matul il-perjodu ta' investigazzjoni mistennijin li jkollhom impatt fuq is-sitwazzjoni ekonomika delikata tal-industrija tal-Unjoni li diġà kienet osservata matul il-perjodu ta' investigazzjoni, b'mod saħansitra aktar negattiv fil-futur qrib.

(350) Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (203), il-miżuri tal-GTI li jappoġġaw lill-industrija domestika tal-bijodiżil jiżguraw li l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil jibqgħu kompetittivi ħafna minħabba l-kostijiet aktar baxxi biex jinkiseb is-CPO (b'kuntrast mal-produtturi tal-Unjoni li ma jistgħux jibbenefikaw minn tali prezzijiet baxxi). Għalhekk huwa prevedibbli li l-importazzjonijiet sussidjati tal-prodott ikkonċernat, minħabba n-natura tal-miżuri ta' appoġġ tal-GTI, se jkomplu jaffettwaw b'mod negattiv is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

### 5.3. **Rata sinifikanti ta' żieda fl-importazzjonijiet sussidjati fis-suq tal-Unjoni li tindika l-probabbiltà ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet**

(351) Hemm rabta ċara bejn iż-żieda f'daqqa u sostanzjali fl-importazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni mill-Indoneżja minn Marzu 2018 u l-abrogazzjoni tad-dazji anti-dumping fl-istess xahar. Dan jindika l-ħila tal-produtturi esportaturi Indoneżjani li jirreaġixxu malajr għat-tibdil fil-kundizzjonijiet tas-suq.

(352) Għaldaqstant, fid-dawl tal-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-esportazzjonijiet Indoneżjani, il-Kummissjoni qieset li wara l-abrogazzjoni tad-dazji anti-dumping f'Marzu 2018, il-fatt li l-volum tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja żdied b'mod sinifikanti jindika l-probabbiltà li dawn l-importazzjonijiet se jkomplu jiżdiedu.

### 5.4. **Kapaċità liberament disponibbli suffiċjenti u l-kapaċità ta' assorbiment ta' pajjiżi terzi**

(353) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-GTI, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjani taqbeż b'mod sinifikanti d-domanda domestika b'madwar 300 %. Aktar minn nofs din il-kapaċità tal-produzzjoni hija kapaċità żejda, li l-esportaturi Indoneżjani jkollhom jesportaw jekk iridu jżidu l-użu tal-kapaċità attwalment baxx tagħhom.

(354) Il-kapaċità żejda tal-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjani matul il-perjodu ta' investigazzjoni hija stabbilita f'madwar 40 % tal-konsum tal-UE. Din iċ-ċifra hija bbażata fuq informazzjoni vverifikata pprovduta mill-GTI.

(355) F'Novembru 2017, l-Istati Uniti tal-Amerka imponew dazji anti-dumping u dazji kumpensatorji provviżorji kontra l-importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Indoneżja. Dawn kienu fil-biċċa l-kbira kkonfermati b'dazji definittivi f'April 2018 li kienu jvarjaw bejn 92 % u 277 % għad-dazji anti-dumping u bejn 34 % u 65 % għad-dazji kumpensatorji.

(356) Il-kobor tal-livell tad-dazji imposti fl-Istati Uniti tal-Amerka jfisser li dan is-suq mhux se jkun kapaċi jassorbi parti sinifikanti mill-kapaċità żejda Indoneżjana. Ma hemmx swieq tal-esportazzjoni oħra magħrufa li jistgħu jassorbu l-kapaċità żejda kbira ħafna Indoneżjana, billi l-Istati Uniti u l-Unjoni flimkien huma responsabbli għal madwar żewġ terzi tal-konsum globali tal-bijodiżil.

(357) Fin-nuqqas ta' swieq sinifikanti oħra disponibbli għall-produtturi Indoneżjani, x'aktar li jidderieġu l-kapaċitajiet żejda tagħhom lejn is-suq tal-Unjoni, u b'hekk jikkawżaw aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni.

### 5.5. **Il-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet sussidjati**

(358) Il-bijodiżil mill-Indoneżja li wasal fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġie importat bi prezzijiet konsiderevolment aktar baxxi mill-prezzijiet mitluba mill-industrija tal-Unjoni. Kif spjegat fil-premessa (294), il-Kummissjoni stabbiliet marġnijiet medji ponderati ta' twaqqigħ tal-prezz għall-perjodu ta' investigazzjoni ta' bejn 6.0 % u 11.6 %. Tqabbil tal-kategoriji kollha tal-prodotti turi wkoll prezzijiet inferjuri ta' bejn 15 % u 17,5 %.

### 5.6. **Il-livell tal-inventarji**

(359) L-evoluzzjoni tal-livell tal-inventarji tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun hija deskritta fid-dettall fil-premessa (332). Kif spjegat, minħabba l-fatt li l-prodott ikkonċernat jinbiegħ bl-ingrossa, il-livell tal-inventarji huwa indikatur anqas sinifikattiv għall-analiżi għat-theddida ta' dannu.

### 5.7. **Konklużjoni**

(360) Fid-dawl tal-analiżi tal-fatturi li jirrigwardaw it-theddida ta' dannu elenkati fil-premessa (348), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjoni ekonomika fraġli tal-industrija tal-Unjoni hija probabbli li se tiggrava bl-importazzjonijiet sussidjati imminenti u kontinwi ta' bijodiżil mill-Indoneżja, li tappoġġa sejba provviżorja ta' theddida ta' dannu skont l-Artikolu 8(8) tar-Regolament bażiku.

## 6. **KAWŻALITÀ**

### 6.1. **L-effetti tal-importazzjonijiet sussidjati**

(361) Kif intqal fil-premessa (280), kien hemm biss importazzjonijiet negliġibbli lejn l-Unjoni mill-Indoneżja fis-snin 2015-2017 kif ukoll matul l-ewwel xhur tal-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, l-importazzjonijiet żdiedu b'mod sinifikanti matul it-tieni nofs tal-perjodu ta' investigazzjoni. Kif indikat fil-premessa (280), is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Indoneżjani għall-perjodu ta' investigazzjoni huwa ta' 3.3 %. Kif muri fil-premessa (294), il-prezzijiet tal-bijodiżil Indoneżjan kienu inferjuri għall-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'mill-anqas 6,0 % sa 11,6 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u tali twaqqigħ tal-prezz seta' jkun ħafna akbar skont l-approċċ li jittieħed. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li l-importazzjonijiet ta' bijodiżil Indoneżjan waqqa' l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(362) Minħabba ż-żieda sinifikanti u f'daqqa tal-importazzjonijiet sussidjati ta' bijodiżil Indoneżjan bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni tilfet mis-sehem mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni, u ma setgħetx ittejjeb il-marġni ta' profitt mhux sodisfaċenti tagħha f'sitwazzjoni tas-suq altrimenti favorevoli.

(363) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawk l-importazzjonijiet sussidjati kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(364) Barra minn hekk, mhux biss il-produtturi tal-bijodiżil Indoneżjani għandhom kapaċità żejda sinifikanti, li tista' tiġi diretta lejn l-Unjoni, iżda l-għeluq tat-tieni l-akbar suq tal-esportazzjoni tal-Indoneżja – l-Istati Uniti tal-Amerika – dawwar il-produzzjoni eċċessiva mill-Indoneżja lejn l-Unjoni, li tikkostitwixxi 40 % tal-konsum madwar id-dinja. Għalhekk, l-Unjoni saret l-aktar destinazzjoni attraenti għall-importazzjonijiet sussidjati tal-bijodiżil Indoneżjani, għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni.

(365) Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li l-importazzjonijiet sussidjati tal-bijodiżil mill-Indoneżja qed jikkawżaw theddida ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni.

### 6.2. **Fatturi oħra magħrufa**

(366) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi oħra magħrufa, individwalment jew kollettivament, jistgħux inaqqsu r-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet sussidjati u t-theddida ta' dannu li provviżorjament instabet li teżisti bl-effett li tali rabta ma tibqax waħda ġenwina u sostanzjali.

#### 6.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(367) Minbarra l-importazzjonijiet mill-Indoneżja, l-importazzjonijiet minn tliet pajjiżi oħra biss, l-Arġentina, il-Malasja u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina"), kellhom sehem mis-suq sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat. Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 15*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

| Pajjiż | | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Arġentina | Volum (tunnellati) | 31 340 | 0 | 394 005 | 1 525 081 |
| | *Indiċi* | *100* | *0* | *1 257* | *4 866* |
| | Sehem mis-suq | 0,3 % | 0 % | 2,8 % | 9,8 % |
| | Prezz medju | 633 | 0 | 636 | 621 |
| Il-Malasja | Volum (tunnellati) | 349 571 | 273 427 | 378 395 | 404 058 |
| | *Indiċi* | *100* | *78* | *108* | *116* |
| | Sehem mis-suq | 3,0 % | 2,4 % | 2,7 % | 2,6 % |
| | Prezz medju | 880 | 975 | 1 007 | 899 |
| ir-RPĊ | Volum (tunnellati) | 1 159 | 38 496 | 217 313 | 272 146 |
| | *Indiċi* | *100* | *3 320* | *18 742* | *23 472* |
| | Sehem mis-suq | 0 % | 0,3 % | 1,5 % | 1,7 % |
| | Prezz medju | 818 | 763 | 812 | 778 |
| Il-pajjiżi l-oħra kollha ħlief l-Arġentina, l-Indoneżja, il-Malasja u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | Volum (tunnellati) | 90 620 | 169 864 | 181 209 | 174 938 |
| | *Indiċi* | *100* | *187* | *200* | *193* |
| | Sehem mis-suq | 0,8 % | 1,5 % | 1,3 % | 1,1 % |
| | Prezz medju | 771 | 789 | 894 | 852 |

*Sors:* Il-bażi tad-data Surveillance 2

(368) L-importazzjonijiet mill-Arġentina laħqu sehem mis-suq ta' 2.8 % fl-2017, u żdiedu għal kważi 10 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn l-importazzjonijiet kienu soġġetti għal investigazzjoni preċedenti, li wasslet għall-impożizzjoni ta' dazju kumpensatorju definittiv ([64]) u l-aċċettazzjoni ta' offerti ta' impenn ([65]) fi Frar 2019. L-investigazzjoni wriet li, f'dak iż-żmien, l-importazzjonijiet sussidjati kienu qed jheddu li jikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni fit-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ta' dak il-każ, jiġifieri fl-aħħar tal-2017.

([64]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/244 tal-11 ta' Frar 2019 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina, ĠU L 40, 12.2.2019, p. 1.

([65]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/245 tal-11 ta' Frar 2019 li taċċetta offerti ta' impenn wara l-impożizzjoni ta' dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw fl-Arġentina, ĠU L 40, 12.2.2019, p. 71.

(369) L-importazzjonijiet mill-Arġentina kienu sa ċertu punt responsabbli għall-iżvilupp negattiv ta' xi indikaturi tad-dannu, bħat-telf mis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni u l-inkapaċità tagħha li tibbenefika b'mod sħiħ miż-żieda fil-konsum fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. B'mod partikolari, il-prezz medju tal-importazzjoni mill-Indoneżja ta' EUR 671 kull tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni kien ogħla mill-prezz tal-importazzjoni mill-Arġentina matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li kien ta' EUR 621 għal kull tunnellata.

(370) Madankollu, it-theddida ta' dannu mill-importazzjonijiet Arġentini fil-passat inkluż il-prezzijiet baxxi ħafna ġiet indirizzata bl-impożizzjoni ta' dazji kumpensatorji u l-aċċettazzjoni ta' offerti ta' impenn fi Frar 2019. Għalhekk, minn dak iż-żmien 'l hawn l-importazzjonijiet mill-Indoneżja saru l-kawża prinċipali ta' theddida ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet mill-Arġentina ma jdgħajfux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u t-theddida ta' dannu materjali bl-effett li r-rabta ssir mhux ġenwina jew mhux sostanzjali.

(371) L-importazzjonijiet mill-Malasja kienu f'livell stabbli matul il-perjodu kollu kkunsidrat b'sehem mis-suq ta' bejn 2,4 % u 3,0 % u l-prezzijiet kienu konsiderevolment ogħla (EUR 899 kull tunnellata) mill-prezzijiet Indoneżjani (EUR 671 kull tunnellata) u anki ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni. Għalhekk, ma jdgħajfux ir-rabta kawżali.

(372) L-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina żdiedu b'mod kontinwu matul il-perjodu kkunsidrat, u laħqu sehem mis-suq ta' 1.7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, l-importazzjonijiet mir-RPĊ huma ħafna aktar baxxi fil-volum minn dawk mill-Indoneżja u l-prezzijiet mir-RPĊ huma ħafna ogħla (EUR 778 kull tunnellata) mill-prezzijiet Indoneżjani (EUR 671 kull tunnellata). Għalhekk, ma jdgħajfux ir-rabta kawżali.

(373) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr l-Arġentina, l-Indoneżja, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Malasja qatt ma qabżu sehem mis-suq kombinat ta' 1.5 %. Għalhekk, l-ebda wieħed minn dawn il-pajjiżi l-oħra ma seta' kellu xi influwenza sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari minħabba l-kwantitajiet stabbli ta' dawn l-importazzjonijiet.

(374) Abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra ma dgħajfux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u t-theddida ta' dannu għall-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

6.2.2. *Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(375) L-ebda wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ma esporta bijodiżil matul il-perjodu kkunsidrat. L-istatistika ta' hawn taħt dwar l-esportazzjoni għalhekk hija bbażata fuq il-Eurostat, u tipprovdi stima għall-industrija kollha tal-Unjoni. Id-*data* hija l-esportazzjonijiet ippubblikati ta' bijodiżil mill-UE taħt il-kodiċijiet NM 3826 00 10 u 3826 00 90:

*Tabella 16*

**Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum ta' esportazzjonijiet (tunnellati) | 199 740 | 336 394 | 323 085 | 462 368 |
| *Indiċi* | *100* | *168* | *162* | *231* |

*Sors:* Eurostat

(376) Il-livell ta' esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni kien limitat. Dan ma qabiżx l-4 % tal-bejgħ tiegħu fi kwalunkwe sena tal-perjodu kkunsidrat. Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iddgħajjef ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u t-theddida ta' dannu.

6.3. **Konklużjoni**

(377) Il-Kummissjoni identifikat rabta bejn l-importazzjonijiet dejjem jiżdiedu ta' importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja matul il-perjodu kkunsidrat u t-theddida ta' dannu materjali.

(378) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja.

(379) Il-Kummissjoni sabet li l-fatturi identifikati l-oħra bħall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma dgħajfux ir-rabta kawżali, la individwalment u lanqas kollettivament. Il-Kummissjoni tinnota li filwaqt li l-importazzjonijiet sussidjati mill-Arġentina kienu wkoll fattur li kkontribwixxa għat-theddida ta' dannu matul u ftit wara l-perjodu ta' investigazzjoni, din il-kwistjoni sadanittant kienet ġiet indirizzata permezz tal-impożizzjoni ta' dazji kumpensatorji u l-aċċettazzjoni ta' offerti ta' impenn fi Frar 2019.

(380) Fil-fatt l-importazzjonijiet mill-Indoneżja komplew jiżdiedu wara Frar 2019, u wrew li kienu għadhom il-kawża ewlenija tat-theddida ta' dannu.

*Tabella 17*

**Volum ta' importazzjonijiet (f'tunnellati) mill-Indoneżja wara l-PI**

| | 10/2018 | 11/2018 | 12/2018 | 1/2019 | 2/2019 | 3/2019 | 4/2019 | 5/2019 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet mill-Indoneżja (f'tunnellati) | 53 204 | 7 020 | 78 866 | 63 409 | 41 757 | 129 511 | 113 831 | 56 283 |

*Sors:* Il-bażi tad-data Surveillance 2

## 7. INTERESS TAL-UNJONI

(381) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri kumpensatorji li jikkorrispondu għall-ammont totali ta' sussidji kumpensabbli f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' sussidjar dannuż. Il-Kummissjoni bbażat id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni fuq analiżi tal-interessi differenti kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-konsumaturi.

### 7.1. Interess tal-industrija tal-Unjoni

(382) Il-bijodiżil huwa element importanti ta' sforz sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tittejjeb is-sostenibbiltà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea.

(383) L-industrija tal-Unjoni tuża prinċipalment materja prima prodotta mill-agrikoltura tal-Unjoni. Is-settur upstream taż-żejt agrikolu jiddependi fil-biċċa l-kbira wkoll fuq l-industrija tal-bijodiżil. L-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja għalhekk ma jaffettwawx biss lill-industrija tal-bijodiżil, iżda wkoll lis-settur agrikolu fl-Unjoni.

(384) Il-Kummissjoni sabet li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni hija fraġli billi għadha ma rkupratx mid-dumping li ġarrbet qabel. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

### 7.2. Interess ta' importaturi mhux relatati

(385) Kif imsemmi fil-premessa (22), żewġ importaturi mhux relatati biss wieġbu l-kwestjonarju mibgħut mill-Kummissjoni. Iż-żewġ importaturi sostnew li huma kontra l-impożizzjoni ta' miżuri. L-importatur Gunvor ikkummenta wkoll li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni hija kkawżata minn sistema ta' produzzjoni u ġestjoni ineffiċjenti.

(386) Il-Kummissjoni tosserva li l-importaturi tal-bijodiżil, inklużi ż-żewġ kumpaniji li kkooperaw, ħafna drabi huma kummerċjanti fis-suq tal-Unjoni li mhux biss jimportaw u jesportaw il-bijodiżil madwar id-dinja, iżda jinnegozjaw ukoll bijodiżil mixtri mingħand produtturi tal-Unjoni. Iż-żewġ importaturi li kkooperaw jixtru l-bijodiżil mill-Indoneżja, minn pajjiżi terzi oħra u mill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk huma jiddependu sa ċertu punt biss fuq il-provvisti mill-Indoneżja għall-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom.

(387) Madankollu, il-produtturi tal-Unjoni, speċjalment il-kbar, jiddependu b'mod sinifikanti fuq il-kanali ta' distribuzzjoni tagħhom stess. Għaldaqstant il-Kummissjoni ma tistenniex li l-importaturi se jkunu jistgħu jissostitwixxu għalkollox il-livell tal-importazzjonijiet affettwati mill-miżuri b'bijodiżil mixtri mingħand produtturi tal-Unjoni.

(388) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' dazji ma tkunx fl-interess tal-importaturi. L-effett negattiv possibbli fuq l-importaturi jista' madankollu jiġi bbilanċjat b'mod parzjali mill-volum akbar ta' kummerċ tal-bijodiżil mixtri mingħand l-industrija tal-Unjoni.

7.3. **L-interess tal-utenti/tal-konsumaturi**

(389) Ħadd mill-utenti jew mill-konsumaturi ma kkoopera mal-investigazzjoni minkejja l-istedina espliċita li jagħmlu dan fin-Notifika ta' Bidu.

(390) Il-produtturi tal-fjuwil tad-diżil, jiġifieri r-raffineriji, jixtru l-bijodiżil, importat jew prodott mill-industrija tal-Unjoni. Minħabba r-rekwiżiti legali msemmija fil-premessi (273) u (274), ir-raffineriji jridu jżidu l-bijodiżil mad-diżil minerali mibjugħ fis-suq.

(391) Għalhekk huwa l-konsumatur finali li jiġi affettwat jekk il-prezz tad-diżil fil-pompa jiżdied wara l-impożizzjoni tal-miżuri. Il-prezz tad-diżil minerali, b'eżenzjonijiet rari, huwa aktar baxx mill-prezz tal-bijodiżil. Minħabba li l-ammont ta' bijodiżil li jitħallat mad-diżil minerali normalment ma jaqbiżx l-10 %, l-effett negattiv ta' kwalunkwe żieda fil-prezz tal-bijodiżil jiġi dilwit qabel ma jiġi mgħoddi lill-konsumatur.

7.4. **Effetti ta' tfixkil tal-kummerċ mis-sussidji / stabbiliment mill-ġdid tal-kompetizzjoni effettiva**

(392) Skont l-Artikolu 31(1) tar-Regolament bażiku, għandha tingħata konsiderazzjoni speċjali għall-bżonn li jiġu eliminati l-effetti li joħolqu distorsjoni fil-kummerċ bis-sussidjar dannuż u li terġa' tiġi stabbilita kompetizzjoni effettiva.

(393) L-investigazzjoni stabbiliet li l-produtturi Indoneżjani jbigħu kwantitajiet sinifikanti ta' bijodiżil sussidjat bi prezzijiet artifiċjalment baxxi lis-suq tal-Unjoni. Jekk din is-sitwazzjoni tkompli, l-esportaturi Indoneżjani se jżommu l-vantaġġ kompetittiv inġust tagħhom, li jkompli jdgħajjef is-sitwazzjoni diġà vulnerabbli tal-industrija tal-Unjoni. B'riżultat ta' dan, l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indoneżja maż-żmien se jżidu l-effetti tagħhom ta' tfixkil tal-kummerċ, u jkomplu jiċħdu kundizzjonijiet ekwi lill-industrija tal-Unjoni.

7.5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(394) Il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' dazji jkollha effett li żżid il-prezzijiet tal-konsumaturi. Madankollu, minħabba l-kontenut limitat ta' bijodiżil fil-prodott finali mixtri mill-konsumaturi (tipikament mhux aktar minn 10 %), dan l-effett negattiv fuq il-prezz tad-diżil ikun biss proporzjon żgħir meta mqabbel mal-bidla diretta fil-prezz tal-bijodiżil.

(395) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri kumpensatorji li jikkorrispondu għall-ammont totali ta' sussidji kumpensabbli fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja.

## 8. **REĠISTRAZZJONI**

(396) Fit-22 ta' Mejju 2019, l-ilmentaturi ppreżentaw talba għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja, skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku.

(397) L-ilmentaturi talbu r-reġistrazzjoni fuq il-bażi ta':

(a) Evidenza ta' sussidjar massiv tal-industrija tal-bijodiżil Indoneżjana;

(b) riskju attwali u sinifikanti ta' dannu kbir li jkun diffiċli jiġi jissewwa jekk l-importazzjonijiet ikomplu jiżdiedu bl-istess tendenzi; kif ukoll

(c) il-ħtieġa li l-importazzjonijiet jiġu rreġistrati kemm jista' jkun malajr sabiex tiġi prekluża r-rikorrenza tad-dannu minħabba l-istaġjonalità tal-importazzjonijiet.

(398) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba fid-dawl tal-Artikolu 16(4) tar-Regolament bażiku, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ġbir tad-dazji fuq l-importazzjonijiet irreġistrati. L-eżami tal-Kummissjoni qies ukoll il-kummenti li waslu dwar it-talba għar-reġistrazzjoni mingħand il-GTI, mingħand l-importatur Gunvor u mingħand il-grupp ta' produtturi esportaturi Wilmar.

(399) L-Artikolu 16(4)(c) tar-Regolament bażiku jirrikjedi li l-Kummissjoni tikkunsidra jekk hemmx evidenza suffiċjenti li se jkun hemm ċirkustanzi kritiċi fejn, għall-prodott ikkonċernat, isir dannu li jkun diffiċli biex jissewwa minħabba l-importazzjonijiet kbar ħafna fi żmien relattivament qasir ta' prodott li jibbenefika minn sussidji kumpensabbli.

(400) Barra minn hekk, l-Artikolu 16(4)(d) tar-Regolament bażiku jirrikjedi li l-Kummissjoni tivvaluta jekk "jitqies[x] bħala meħtieġ, sabiex tkun prekluża r-rikorrenza ta' tali dannu, li d-dazji kumpensatorji jkunu stmati fuq bażi retroattiva fuq dawk l-importazzjonijiet".

(401) Kif spjegat fit-taqsima 4 hawn fuq, il-Kummissjoni ma kkonkludietx li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Pjuttost, kif spjegat fit-taqsimiet 5 u 6 hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li hemm theddida ta' dannu kkawżata mill-importazzjonijiet sussidjati.

(402) B'konsegwenza, il-Kummissjoni ma setgħetx tiddetermina li dannu diffiċli jissewwa jiġi kkawżat minn importazzjonijiet sussidjati fis-sens tal-Artikolu 16(4)(c) tar-Regolament bażiku.

(403) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ma ġewx issodisfati.

(404) Peress li l-Kummissjoni kellha biżżejjed evidenza li r-rekwiżit skont l-Artikolu 16(4)(c) mhuwiex issodisfat, il-Kummissjoni ma rreġistratx l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja għall-perjodu ta' tliet ġimgħat qabel id-divulgazzjoni skont l-Artikolu 24(5)(a) tar-Regolament bażiku.

## 9. **MIŻURI KUMPENSATORJI PROVVIŻORJI**

(405) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar is-sussidjar, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, u skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi impost dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja.

### 9.1. **Miżuri provviżorji**

(406) Għandhom jiġu imposti miżuri kumpensatorji provviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fl-Indoneżja, skont ir-regoli fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku li jgħid li d-dazju provviżorju għandu jikkorrispondi għall-ammont totali tas-sussidji kumpensabbli kif provviżorjament stabbiliti.

(407) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati ta' dazju kumpensatorju provviżorju, espressi fuq il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, għandhom ikunu kif ġej:

| Kumpanija | Dazju kumpensatorju provviżorju |
|---|---|
| PT Ciliandra Perkasa | 8,0 % |
| PT Intibenua Perkasatama u PT Musim Mas (Musim Mas Group) | 16,3 % |
| PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo (Permata Group) | 18,0 % |
| PT Wilmar Nabati Indonesia u PT Wilmar Bioenergi Indonesia (Wilmar Group) | 15,7 % |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 18,0 % |

(408) Ir-rati tad-dazju kumpensatorju tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn kienu jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u li jipproduċuh l-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmijin b'mod speċifiku, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". M'għandhomx ikunu soġġetti għall-ebda rata ta' dazju kumpensatorju individwali.

(409) Kumpanija tista' titlob li jiġu applikati dawn ir-rati ta' dazju kumpensatorju individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([66]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li t-tibdil ma jaffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha, avviż dwar il-bidla tal-isem jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## 10. **INFORMAZZJONI FIL-FAŻI PROVVIŻORJA**

(410) Skont l-Artikolu 29a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni prevista ta' dazji provviżorji. Din l-informazzjoni saret ukoll disponibbli għall-pubbliku ġenerali permezz tas-sit web tad-DĠ KUMMERĊ. Il-partijiet interessati ngħataw tlett ijiem ta' xogħol sabiex jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli speċifikament divulgati lilhom.

(411) Waslu kummenti mingħand il-Grupp Wilmar, il-Grupp Permata u P.T. Ciliandra Perkasa Il-Kummissjoni qieset dawn il-kummenti, li kkunsidrat ta' natura klerikali, u kkoreġiet ir-rati skont dan.

## 11. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(412) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati sabiex iressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali fi żmien skadenza fissa.

(413) Il-konklużjonijiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huma provviżorji u jistgħu jiġu emendati fil-fażi definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Qed jiġi impost dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmin u/jew ta' żejt tal-gass paraffiniku, miksuba minn sinteżi u/jew minn trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, f'forma pura jew f'taħlita, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 1516 20 98 (kodiċijiet TARIC 1516 20 98 21, 1516 20 98 29 u 1516 20 98 30), ex 1518 00 91 (kodiċijiet TARIC 1518 00 91 21, 1518 00 91 29 u 1518 00 91 30), ex 1518 00 95 (kodiċi TARIC 1518 00 95 10), ex 1518 00 99 (kodiċijiet TARIC 1518 00 99 21, 1518 00 99 29 u 1518 00 99 30), ex 2710 19 43 (kodiċijiet TARIC 2710 19 43 21, 2710 19 43 29 u 2710 19 43 30), ex 2710 19 46 (kodiċijiet TARIC 2710 19 46 21, 2710 19 46 29 u 2710 19 46 30), ex 2710 19 47 (kodiċijiet TARIC 2710 19 47 21, 2710 19 47 29 u 2710 19 47 30), 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17, ex 3824 99 92 (kodiċijiet TARIC 3824 99 92 10, 3824 99 92 12 u 3824 99 92 20), 3826 00 10 u ex 3826 00 90 (kodiċijiet TARIC 3826 00 90 11, 3826 00 90 19 u 3826 00 90 30), u li joriġinaw mill-Indoneżja.

2. Ir-rati tad-dazju kumpensatorju provviżorju applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

| Kumpanija | Dazju kumpensatorju provviżorju | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| PT Ciliandra Perkasa | 8,0 % | B786 |
| PT Intibenua Perkasatama u PT Musim Mas (Musim Mas Group) | 16,3 % | B787 |
| PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo (Permata Group) | 18,0 % | B788 |
| PT Wilmar Nabati Indonesia u PT Wilmar Bioenergi Indonesia (Wilmar Group) | 15,7 % | B789 |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 18,0 % | C999 |

3. Ir-rilaxx tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni għandu jkun suġġett għall-forniment ta' depoitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont ta' dazju provviżjorju.

4. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali.

([66]) Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, Direttorat H, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, Il-Belġju.

*Artikolu 2*

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar dan ir-Regolament bil-miktub lill-Kummissjoni sa 15-il jum kalendarju mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ seduta mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien ħamest (5) ijiem kalendarji mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jixtiequ seduta mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali għandhom jagħmlu dan fi żmien ħamest (5) ijiem kalendarji mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta għandu jeżamina t-talbiet ippreżentati barra minn dan il-limitu ta' żmien u jista; jiddeċiedi jekk jaċċettax it-talbiet jekk xieraq.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' erba' xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Awwissu 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1345

**tat-2 ta' Awwissu 2019**

**li temenda d-Deċiżjoni 2006/771/KE biex taġġorna l-kundizzjoni tekniċi armonizzati fil-qasam tal-ispettru tar-radju għal użu ma' tagħmir għal meded qosra**

*(notifikata bid-dokument C(2019) 5660)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-Radju) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Tipikament, it-tagħmir għal meded qosra jkun tagħmir tar-radju tas-suq tal-massa jew portabbli, jew it-tnejn li huma, li jista' jinġarr u jintuża faċilment bejn il-fruntieri. Id-differenzi fil-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-ispettru għandhom ir-riskju li joħolqu interferenza dannuża ma' applikazzjonijiet u servizzi tar-radju oħrajn, iwaqqfu l-moviment liberu tagħhom, u jżidu l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/771/KE ([2]) tarmonizza l-kundizzjonijiet tekniċi għall-użu tal-ispettru għal varjetà wiesgħa ta' tagħmir għal meded qosra fiż-żoni tal-applikazzjonijiet bħal sistemi tal-alarm, komunikazzjonijiet lokali, telekmand, impjanti mediċi u mezzi tal-ġbir tad-data medika, sistemi tat-trasport intelliġenti u l-"Internet tal-Oġġetti", inkluż l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju ("RFID"). Minħabba f'hekk, it-tagħmir għal medda qasira li jirrispetta dawn il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati hu soġġett biss għal awtorizzazzjoni ġenerali skont il-liġi nazzjonali.

(3) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1538 ([3]) tarmonizza l-kundizzjonijiet tekniċi għall-użu tal-ispettru mit-tagħmir għal meded qosra fil-baned tal-frekwenzi 874-874,4 u 915-919,4 MHz. F'dawn il-baned tal-frekwenzi, l-ambjent tal-kondiviżjoni hu differenti; għalhekk hemm bżonn reġim regolatorju speċifiku. Dik id-Deċiżjoni tippermetti soluzzjonijiet RFID teknikament avvanzati kif ukoll applikazzjonijiet tal-"Internet tal-Oġġetti" bbażati fuq tagħmir għal meded qosra f'network fin-networks tad-*data*.

(4) Id-Deċiżjoni 2006/771/KE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1538 jikkostitwixxu l-qafas regolatorju għat-tagħmir għal meded qosra, li jappoġġa l-innovazzjoni għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet fi ħdan is-suq uniku diġitali.

(5) Minħabba l-importanza dejjem tikber tat-tagħmir għal meded qosra għall-ekonomija u minħabba l-bidliet mgħaġġla fit-teknoloġija u fid-domandi tas-soċjetà qed joħorġu applikazzjonijiet ġodda għal dan it-tagħmir. Dawn l-applikazzjonijiet jeħtieġu aġġornamenti regolari tal-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-użu tal-ispettru.

(6) Dak l-Anness ġie emendat sitt darbiet abbażi tal-mandat permanenti maħruġ lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni ("is-CEPT") f'Lulju 2006, skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE, biex taġġorna l-Anness tad-Deċiżjoni 2006/771/KE biex ikun jirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq fil-qasam tat-tagħmir għal meded qosra. Il-ħidma mwettqa abbażi tal-mandat permanenti kienet ukoll il-bażi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1538 li tipprovdi spettru addizzjonali għat-tagħmir għal meded qosra fi ħdan il-baned tal-frekwenzi 874-874,4 u 915-919,4 MHz.

---

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/771/KE tad-9 ta' Novembru 2006 dwar l-armonizzazzjoni tal-ispettru tar-radju għal użu ma' tagħmir għal meded qosra (ĠU L 312, 11.11.2006, p. 66).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1538 tal-11 ta' Ottubru 2018 dwar l-armonizzazzjoni tal-ispettru tar-radju li għandu jintuża mit-tagħmir għal meded qosra fil-baned tal-frekwenzi ta' 874-876 MHz u 915-921 MHz (ĠU L 257, 15.10.2018, p. 57).

(7) Fl-20 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ħarġet l-ittra gwida tagħha għas-seba' ċiklu ta' aġġornament (RSCOM17-24rev1). Bi tweġiba, fit-08 ta' Marzu 2019, is-CEPT ippreżentat ir-Rapport 70 tagħha lill-Kummissjoni. Minbarra s-simplifikazzjoni u t-titjib tal-entrati eżistenti, is-CEPT tipproponi li jiżdiedu entrati ġodda fl-Anness tad-Deċiżjoni 2006/771/KE. B'dawk l-entrati ġodda jkunu jistgħu jitwettqu applikazzjonijiet ġodda mediċi u relatati mas-sikurezza u jkun jista' jiġi armonizzat l-ispettru għall-applikazzjonijiet mhux relatati mas-sikurezza tas-sistemi tat-trasport intelliġenti u għall-applikazzjonijiet tal-infurzar tat-traffiku fit-toroq. Għalhekk, dak ir-rapport jenħtieġ ikun il-bażi teknika għal din id-Deċiżjoni.

(8) Jenħtieġ li t-tagħmir għal meded qosra li jopera skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni jkun konformi wkoll mad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(9) Għaldaqstant jenħtieġ tiġi emendata d-Deċiżjoni 2006/771/KE.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2006/771/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2 il-punti 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. 'tagħmir għal meded qosra' tfisser tagħmir tar-radju li jipprovdi komunikazzjoni unidirezzjonali jew bidirezzjonali u li jirċievi u/jew jittrażmetti fuq distanza qasira b'potenza baxxa;

2. 'bażi bla interferenzi u mhux protetta' tfisser li ma tista' ssir l-ebda interferenza dannuża lil xi servizz tar-radjukomunikazzjoni u li ma tista' ssir l-ebda rikjesta għall-protezzjoni ta' dan it-tagħmir mill-interferenzi li joriġinaw mis-servizzi tar-radjukomunikazzjoni;".

(2) L-Anness huwa sostitwit mit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-5 ta' Mejju 2020.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2019.

*Għall-Kummissjoni*
Mariya GABRIEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([4]) Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

*ANNESS*

*"ANNESS*

**Baned tal-frekwenzi b'kundizzjonijiet tekniċi armonizzati u skadenzi ta' implimentazzjoni korrispondenti għat-tagħmir għal meded qosra**

It-Tabella 1 tiddefinixxi l-ambitu ta' kategoriji differenti ta' tagħmir għal meded qosra (definiti fl-Artikolu 2(3)) li għalihom tapplika din id-Deċiżjoni. It-Tabella 2 tispeċifika kombinazzjonijiet differenti ta' banda tal-frekwenzi u kategorija ta' tagħmir għal meded qosra, u l-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati tal-aċċess għall-ispettru u l-iskadenzi ta' implimentazzjoni applikabbli għalihom.

Il-kundizzjonijiet tekniċi ġenerali li japplikaw għall-baned kollha u għat-tagħmir għal meded qosra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni:

— L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-baned tal-frekwenzi ta' maġenb xulxin stabbiliti fit-Tabella 2 jintużaw bħala banda tal-frekwenzi waħda, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull waħda minn dawn il-baned tal-frekwenzi ta' maġenb xulxin.

— L-Istati Membri jridu jippermettu l-użu tal-ispettru sal-**potenza tat-trażmissjoni, is-saħħa tal-kamp jew id-densità tal-potenza** stabbiliti fit-Tabella 2. Skont l-Artikolu 3(3) ta' din id-Deċiżjoni, dawn jistgħu jimponu kundizzjonijiet inqas restrittivi, jiġifieri jippermettu l-użu ta' spettru b'aktar potenza tat-trażmissjoni, b'aktar saħħa tal-kamp jew b'aktar densità tal-potenza, diment li dan ma jnaqqasx jew ma jikkompromettix il-koeżistenza adattata bejn it-tagħmir għal meded qosra fil-baned armonizzati b'din id-Deċiżjoni.

— L-Istati Membri jistgħu jimponu biss il-**parametri addizzjonali** (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew l-aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni) stabbiliti fit-Tabella 2, u ma għandhomx iżidu parametri oħra jew rekwiżiti oħra tal-aċċess għall-ispettru u l-mitigazzjoni. Kundizzjonijiet inqas restrittivi skont l-Artikolu 3(3) tfisser li l-Istati Membri jistgħu jħallu barra għalkollox dawn il-parametri addizzjonali f'ċellola partikolari jew jippermettu valuri akbar, diment li ma jiġix kompromess l-arranġament adattat tal-kondiviżjoni fil-banda armonizzata.

— L-Istati Membri jistgħu jimponu biss ir-**restrizzjonijiet oħra tal-użu** stabbiliti fit-Tabella 2 u ma jistgħux iżidu restrizzjonijiet addizzjonali tal-użu. Billi l-kundizzjonijiet inqas restrittivi jistgħu jiġu applikati skont l-Artikolu 3(3), l-Istati Membri jistgħu jħallu barra xi waħda mir-restrizzjonijiet jew kollha kemm huma, diment li ma jiġix kompromess l-arranġament adattat tal-kondiviżjoni fil-banda armonizzata.

— Il-kundizzjonijiet inqas restrittivi skont l-Artikolu 3(3) għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/53/UE.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, tapplika d-definizzjoni **ċiklu ta' ħidma** li ġejja:

'**ċiklu ta' ħidma**' tfisser il-proporzjon, espress bħala persentaġġ, ta' Σ(Ton)/(Tobs) fejn Ton hu l-ħin 'mixgħul' ta' tagħmir trażmettitur uniku u Tobs hu l-perjodu ta' osservazzjoni. It-Ton jitkejjel f'banda tal-frekwenzi ta' osservazzjoni (Fobs). Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness tekniku, it-Tobs hu perjodu kontinwu ta' siegħa u l-Fobs hi l-banda tal-frekwenzi applikabbli f'dan l-Anness tekniku. Il-kundizzjonijiet inqas restrittivi skont l-Artikolu 3(3) tfisser li l-Istati Membri jistgħu jippermettu valur akbar għaċ-'ċiklu ta' ħidma'.

*Tabella 1*

**Kategoriji ta' tagħmir għal meded qosra skont l-Artikolu 2(3) u l-ambitu tagħhom**

| Kategorija tat-tagħmir għal meded qosra | Ambitu |
|---|---|
| Tagħmir mhux speċifiku għal meded qosra (SRDs) | Tkopri t-tipi kollha tat-tagħmir tar-radju, irrispettivament mill-applikazzjoni jew l-iskop tagħhom, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tekniċi speċifikati għal banda tal-frekwenzi partikolari. Fost l-użi tipiċi hemm it-telemetrija, it-telekmand, l-alarms, it-trażmissjonijiet tad-data inġenerali u applikazzjonijiet oħra. |
| Tagħmir mediku attiv impjantabbli | Tkopri l-parti tar-radju tat-tagħmir mediku attiv impjantabbli li hu intenzjonat li jiġi introdott għalkollox jew parzjalment, b'operazzjoni jew b'mod mediku, fil-ġisem tal-bniedem jew tal-annimal, u meta applikabbli l-periferali tiegħu. It-tagħmir mediku attiv impjantabbli hu ddefinit fid-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE ([1]). |
| Tagħmir assistiv tas-smigħ (ALDs) | Ikopri s-sistemi tal-komunikazzjoni bir-radju li permezz tagħhom il-persuni bi problemi tas-smigħ ikunu jistgħu jżidu l-kapaċità tas-smigħ tagħhom. Fost l-installazzjonijiet tipiċi tas-sistema hemm trażmettitur tar-radju wieħed jew bosta, u riċevitur tar-radju wieħed jew bosta. |

| Kategorija tat-tagħmir għal meded qosra | Ambitu |
|---|---|
| Tagħmir b'ċiklu ta' ħidma għolja/ta' trażmissjoni kontinwa | Ikopri t-tagħmir tar-radju li jiddependi fuq latenza baxxa u trażmissjonijiet b'ċiklu ta' ħidma għolja. Tipikament dan it-tagħmir jintuża għas-sistemi personali mingħajr fili tal-istreaming tal-awdjo u tal-multimidja li jintużaw għal trażmissjonijiet ikkombinati tal-awdjo/vidjow u għas-sinjali sinkronizzati tal-awdjo/vidjo, għall-mowbajls, għas-sistemi ta' divertiment fil-vetturi jew fid-djar, għall-mikrofoni mingħajr fili, għal-loudspeakers mingħajr fili, għall-headphones mingħajr fili, għat-tagħmir tar-radju li jinġarr fuq il-persuna, għat-tagħmir assistiv tas-smigħ, għas-sistemi tal-monitoraġġ li jiddaħħlu fil-widnejn, għall-mikrofoni mingħajr fili li jintużaw waqt il-kunċerti jew produzzjonijiet oħra fuq il-palk, u għat-trażmettituri FM analogi b'potenza baxxa. |
| Tagħmir induttiv | Ikopri t-tagħmir tar-radju li juża kampi manjetiċi b'sistemi ta' loop induttiva għal komunikazzjoni qrib il-kampi.. Tipikament dan it-tagħmir jintuża għall-immobilizzazzjoni tal-karozzi, l-identifikazzjoni tal-annimali, għas-sistemi tal-alarm, għad-detezzjoni tal-kejbils, għall-immaniġġar tal-iskart, għall-identifikazzjoni personali, għal links tal-vuċi mingħajr fili, għall-kontroll tal-aċċess, għas-sensuri tal-prossimità, għas-sistemi kontra s-serq, kif ukoll għas-sistemi induttivi RF kontra s-serq, għat-trasferiment tad-data lejn tagħmir li jinżamm fl-idejn, għall-identifikazzjoni awtomatika tal-oġġetti, għas-sistemi tal-kontroll mingħajr fili u għall-pedaġġ awtomatiku tat-toroq. |
| Tagħmir b'ċiklu ta' ħidma baxx/affidabbiltà għolja | Ikopri t-tagħmir tar-radju li jiddependi fuq utilizzazzjoni kumplessiva baxxa tal-ispettru u fuq regoli tal-aċċess għall-ispettru b'ċiklu ta' ħidma baxxa biex ikun żgurat aċċess affidabbli ħafna għall-ispettru u trażmissjonijiet f'baned kondiviżi. Fost l-applikazzjonijiet tipiċi hemm is-sistemi tal-alarm li jużaw il-komunikazzjoni bir-radju biex juru kundizzjoni ta' twissija f'post imbiegħed u s-sistemi tal-alarm soċjali li jippermettu komunikazzjoni affidabbli lil persuna li tkun tinsab f'diffikultà. |
| Tagħmir għall-kisba tad-data medika | Ikopri t-trażmissjoni ta' data mhux bil-vuċi lejn u minn tagħmir mediku mhux impjantabbli biex jitwettqu monitoraġġ, dijanjożi u trattament lil pazjenti fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa jew fid-djar tagħhom kif preskritt minn professjonisti tal-kura tas-saħħa debitament awtorizzati. |
| Tagħmir PMR446 | Ikopri t-tagħmir portabbli (mingħajr stazzjon bażi jew ripetitur) li jinġarr fuq il-persuna jew li jitħaddem manwalment, li juża antenni integrali biss biex jimmassimizza l-kondiviżjoni u jimminimizza l-interferenza. It-tagħmir PMR446 jaħdem f'modalità bejn il-pari fuq meded qosra u la għandu jintuża bħala parti min-network tal-infrastruttura u lanqas bħala ripetitur. |
| Tagħmir tar-radjudeterminazzjoni | Ikopri t-tagħmir tar-radju li jintuża għad-determinazzjoni tal-pożizzjoni, tal-veloċità u/jew ta' karatteristiċi oħra ta' oġġett, jew biex tinkiseb informazzjoni relatata ma' dawn il-parametri. Tipikament it-tagħmir tar-radjudeterminazzjoni jagħmel kejl biex jikseb dawn il-karatteristiċi. It-tagħmir tar-radjudeterminazzjoni jeskludi kull tip ta' komunikazzjoni bir-radju minn punt għal punt jew minn punt għal diversi punti. |
| Tagħmir tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID) | Tkopri s-sistemi tal-komunikazzjoni bir-radju bbażati fuq interrogatur/tikketta, li jikkonsistu minn (i) tagħmir tar-radju (tikketti) mehmuż ma' oġġetti animati jew mhux animati u (ii) unitajiet ta' trażmettitur/riċevitur (interrogaturi) li jattivaw it-tikketti u jirċievu lura d-data. Fost l-użi tipiċi hemm it-traċċar u l-identifikazzjoni ta' oġġetti, bħal pereżempju għall-fini tas-Sorveljanza Elettronika tal-Oġġetti (l-EAS), u l-ġbir u t-trażmissjoni ta' data relatata mal-oġġetti li magħhom jinhemżu t-tikketti, li jistgħu jkunu mingħajr batterija, jaħdmu bl-għajnuna ta' batterija jew jaħdmu bil-batterija. Ir-risponsi minn tikketta jiġu vvalidati mill-interrogatur tagħha u jingħaddu lis-sistema li tospitaha. |
| Tagħmir Telematiku tat-Trasport u tat-Traffiku | Tkopri t-tagħmir tar-radju li jintuża fl-oqsma tat-trasport (fit-toroq, fil-ferroviji, fuq l-ilma jew fl-ajru, skont ir-restrizzjonijiet tekniċi rilevanti), il-ġestjoni tat-traffiku, in-navigazzjoni, il-ġestjoni tal-mobbiltà u fis-sistemi intelliġenti tat-trasport (l-ITS). Fost l-applikazzjonijiet tipiċi hemm l-interfaċċi bejn il-modi differenti tat-trasport, il-komunikazzjoni bejn il-vetturi (eż. minn karozza għal karozza), bejn il-vetturi u postijiet fissi (eż. minn karozza għal infrastruttura) kif ukoll il-komunikazzjoni bejn l-utenti. |
| Tagħmir wideband tat-trażmissjoni tad-data | Tkopri t-tagħmir tar-radju li juża tekniki ta' modulazzjoni wideband biex jaċċessa l-ispettru. Fost l-użi tipiċi hemm is-sistemi tal-aċċess mingħajr fili bħalma huma n-networks tar-radju ta' żona lokali (WAS/RLANs) jew l-SRDs wideband f'networks tad-data. |

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17).

*Tabella 2*

**Baned tal-frekwenzi b'kundizzjonijiet tekniċi armonizzati u skadenzi ta' implimentazzjoni korrispondenti għat-tagħmir għal meded qosra**

| Nru tal-banda | Banda tal-frekwenzi | Kategorija tat-tagħmir għal meded qosra | Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-potenza | Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni) | Restrizzjonijiet oħra tal-użu | Skadenza tal-implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 9-59,750 kHz | Tagħmir induttiv | 72 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 2 | 9-315 kHz | Tagħmir mediku attiv impjantabbli | 30 dBμA/m f'10 metri | Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma: 10 % | Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu hu disponibbli biss għat-tagħmir mediku attiv impjantabbli. | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 3 | 59,750-60,250 kHz | Tagħmir induttiv | 42 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 4 | 60,250-74,750 kHz | Tagħmir induttiv | 72 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 5 | 74,750-75,250 kHz | Tagħmir induttiv | 42 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 6 | 75,250-77,250 kHz | Tagħmir induttiv | 72 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 7 | 77,250-77,750 kHz | Tagħmir induttiv | 42 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 8 | 77,750-90 kHz | Tagħmir induttiv | 72 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 9 | 90-119 kHz | Tagħmir induttiv | 42 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 10 | 119-128,6 kHz | Tagħmir induttiv | 66 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 11 | 128,6-129,6 kHz | Tagħmir induttiv | 42 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 12 | 129,6-135 kHz | Tagħmir induttiv | 66 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 13 | 135-140 kHz | Tagħmir induttiv | 42 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |

| Nru tal-banda | Banda tal-frekwenzi | Kategorija tat-tagħmir għal meded qosra | Limitu tal-potenza tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-potenza | Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni) | Restrizzjonijiet oħra tal-użu | Skadenza tal-implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | 140-148,5 kHz | Tagħmir induttiv | 37,7 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 15 | 148,5-5 000 kHz [1] | Tagħmir induttiv | – 15 dBμA/m f'10 metri fi kwalunkwe wisa' tal-banda ta' 10 kHz.<br>Barra minn hekk, il-qawwa totali tal-kamp hi – 5 dBμA/m f'10 metri għas-sistemi li joperaw b'wisa' tal-banda akbar minn 10 kHz | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 17 | 400-600 kHz | Tagħmir tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID) | – 8 dBμA/m f'10 metri | | | fl-1 ta' Lulju 2014. |
| 85 | 442,2-450,0 kHz | Tagħmir għal meded qosra mhux speċifiku | 7 dBμA/m f'10 metri | Spazjar tal-kanali ≥ 150 Hz | Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu hu disponibbli biss għat-tagħmir tad-detezzjoni tal-persuni u tal-evitar tal-ħabtiet. | fl-1 ta' Jannar 2020. |
